# QABELXEJN

ĦARĠA 1
2025

Id-Dipartiment tal-Malti
Il-Fakultà tal-Arti
L-Università ta' Malta

f'kollaborazzjoni ma'
Malta University Press

Pubblikazzjoni tad-Dipartiment tal-Malti
f'kollaborazzjoni ma' Malta University Press

Drittijiet letterarji © L-awturi rispettivi, 2025
Drittijiet editorjali © Id-Dipartiment tal-Malti, l-Università ta' Malta, 2025

Edituri:
**Kirsty Azzopardi, Adrian Grima**
**Michael Spagnol, Justine Somerville**

Ħajr:
**Ray Fabri, Mark Anthony Falzon, George Farrugia,**
**Bernard Micallef, Immanuel Mifsud**

Qari tal-Provi:
**Daniel Attard u Lawrence Deguara**

Disinn:
**Kuluri**

# Werrej

Daħla editorjali 04
**Komunità tal-kelma**

David Aloisio 09
**L-idea tal-kanonu letterarju: idea tajba?**

Joseph Buttigieg 27
**'Għidli ma' min tagħmilha...'**
**Daqqa t'għajn lejn il-kollokazzjoni**

Justine Somerville 49
**Atti ta' memorja f'*Kulħadd Ħalla Isem Warajh***

Kirsty Azzopardi 65
**Il-verbi fażiċi fis-sekwenza verbali tal-Malti**

Yanika Schembri Fava 87
**Il-funzjonijiet u l-motivazzjonijiet tal-ironija**
**fil-versi popolari Maltin**

# Komunità tal-kelma
## Daħla editorjali

F'Novembru tal-2024, waqt li konna qed naħdmu fuq din l-ewwel ħarġa ta' *Qabelxejn*, għalqu tliet snin l-Appuntamenti mar-Riċerka, is-seminars regolari tal-istudenti postgradwatorji tad-Dipartiment tal-Malti. Tliet snin ta' diskussjonijiet, taħditiet, konferenzi, irtiri tal-kitba, u deliberazzjonijiet. Meta tħares lejn spazju miftuħ imma magħżul bħal dan, hemm affarijiet li mhux faċli tarahom mill-ewwel. Għax is-sens ta' komunità, ta' inkoraġġiment reċiproku, ta' tħabrik biex ir-riċerkaturi joħorġu bl-aqwa xogħol possibbli ma tistax tikkwantifikah, ma tistax tnizzlu f'tabella u tagħtih kulur biex jispikka jew tiċċelebrah b'ċertifikat. Il-ħolqien ta' komunità ta' riċerka joffri lir-riċerkaturi fil-livell tal-Masters u d-Dottorat spazju miftuħ u fl-istess ħin esklussiv, li fih jistgħu jitkellmu fuq kwistjonijiet marbutin mar-riċerka tagħhom u jisimgħu fuq ir-riċerka ta' xulxin. Spazju li d-Dipartiment tal-Malti qatt ma kellu.

**F'komunità ta' riċerka**
F'komunità ta' riċerka bħal din l-istudenti postgradwatorji jistgħu jispjegaw fuqiex qed jaħdmu, proċess li hu dejjem importanti biex jiċċaraw l-ideat tagħhom u jsibu l-aktar kliem, frażijiet u diskors preċiż u effettiv. Jistgħu jaqsmu ma' sħabhom l-entużjażmu tagħhom, u fl-istess ħin jiddiskutu l-intoppi li jiltaqgħu magħhom u s-soluzzjonijiet li jsibu; jistgħu jibdew isibu l-kliem biex ifissru s-sejbiet li jagħmlu u jqisu r-rilevanza tagħhom fid-dinja tar-riċerka u lil hinn minnha; jistgħu juru lil sħabhom il-passi żgħar u kbar li jwassluhom bil-mod il-mod biex ilestu l-proġett ta' riċerka tagħhom u jħejju ruħhom biex jitkellmu fuqu quddiem udjenza usa'. Ir-riċerka teżisti fil-lingwa miktuba daqskemm teżisti fil-lingwaġġ mitkellem.

Matul l-istorja ta' qrib id-disgħin sena tad-Dipartiment tal-Malti r-riċerkaturi dejjem fittxew li jaħdmu, minn jeddhom, ma' kollegi f'dipartimenti u dixxiplini oħrajn. Madankollu ma nistgħux ninjoraw l-importanza ta' spazju komuni organizzat u regolari li bl-eżistenza tiegħu biss diġà jibgħat messaġġ ċar ħafna tal-kultura ta' riċerka li jixtieq ikompli jrawwem id-Dipartiment. L-Appuntamenti mar-Riċerka huma miftuħin ukoll għal dottorandi u studenti tal-Masters minn dipartimenti u entitajiet oħrajn fi ħdan l-Università ta' Malta li qed jaħdmu fuq il-lingwa, il-letteratura, u l-kultura orali Maltija, jew dixxiplini qrib tagħhom. F'dan is-sens, dawn mhumiex appuntamenti

imma spazju dejjem miftuħ għall-kollaborazzjoni fil-qasam tar-riċerka. L-Appuntamenti huma mumenti fil-kalendarju tad-Dipartiment u l-istudenti tiegħu, imma l-iskop veru tagħhom huwa li l-kollaborazzjoni tibda qabel u tkompli wara l-Appuntament. Id-dibattitu kontinwu li jridu jqanqlu huwa l-kontra ta' appuntament li jibda u jispiċċa f'ħin stipulat.

Wara tliet snin ta' Appuntamenti, ta' dati fissi fl-aġenda kollettiva tagħna li fihom niltaqgħu ma' xulxin fl-istess post u fl-istess ħin, jidhrilna li wasal iż-żmien li jkollna spazju ieħor, appuntament ġdid mal-kelma miktuba, spazju li jlaqqa' r-riċerkaturi b'mod virtwali u asinkroniku biex ikomplu d-diskussjoni bejniethom u ma' pubbliku usa' ta' riċerkaturi u qarrejja infurmati u interessati. Qabelxejn għaliex l-iskop tar-riċerka li tagħmel persuna waħedha, li jagħmlu grupp ta' riċerkaturi flimkien fi spazju maħluq apposta għalihom, huwa li tilħaq lil ħaddieħor, lill-komunità, lill-ikbar għadd ta' nies possibbli. U tilħaqhom bl-aktar mod sinifikattiv, li jagħmel sens. Ir-riċerka hija eżerċizzju fil-biċċa l-kbira individwali li jrid imiss il-komunità. Il-komunikazzjoni tar-riċerka mhix fakultattiva. Mhix kumbinazzjoni. Mhix kapriċċ. Ir-riċerkaturi għandhom id-dmir jgħaddu lill-komunità dak li tgħallmu, dak li skoprew, għax kienet il-komunità li investiet fihom.

**Ir-ritmu tal-kliem kompost**

F'dinja li fiha għandna ferm aktar aċċess minn qatt qabel fl-istorja tal-umanità għall-informazzjoni dwar dak li qed iseħħ f'kull rokna tad-dinja, jew kważi, għandna aktar responsabbiltà li ngħinu lil xulxin biex nifhmu dak li qed jiġri fina u madwarna u idealment nitgħallmu kif ma negħrqux taħt il-ħalel ta' informazzjoni u miżinformazzjoni ġejjin minn kullimkien. L-għodod li għandna f'idejna llum, almenu aħna li ngħixu fil-parti ċ-ċkejkna u sinjura tad-dinja, huma kbar. U għalhekk huma kbar ħafna wkoll l-isfidi u r-responsabilitajiet li għandna. Bir-riċerka tagħna nistgħu naqsmu l-għarfien li niksbu u b'hekk nilqgħu għad-diskors superfiċjali jew saħansitra qarrieqi. Din, qabelxejn, hija r-responsabbiltà tagħna: li noffru għarfien li jista' jiswa ta' ġid lill-komunità tal-lum u tal-futur.

Kelma sabiħa imma dipendenti *qabelxejn*. Ma tistax tagħmel sentenza "sħiħa" b'*qabelxejn*: tista' timmaġina s-sentenza sħiħa b'*jien*, imma *qabelxejn* waħedha ma timmaġinahiex. Għax meta tismagħha, l-ewwel ħaġa li tistaqsi, jekk ikollok ċans, hija "qabel xiex"? Mhux *qabelxejn* imma *qabel xiex*. U kelma sabiħa, magħmula minn żewġ kelmiet, u għalhekk tqanqal fina minnufih il-mistoqsijiet dwar kif se tkompli l-frażi, kif se jkomplu l-affarijiet. "Qabelxejn xiex?" Naħseb li għażilnieha, qabelxejn, minħabba l-ħoss sabiħ, is-sinjorija tagħha bħala kelma li tafha, imma ftit li xejn tużaha, jew ma tużahiex. Waħda

mill-kelmiet komposti li għandhom ir-ritmu tagħhom, il-mużikalità li ġejja mill-alternanza ta' sillabi aċċentati u mhux aċċentati, is-sekwenza ta' vokali, l-aċċent fuq l-aħħar sillaba *xejn* li warajh bilfors se jkun hemm xi ħaġa għax il-kelma hekk qed tgħid. Qabelxejn il-ħsieb, l-investigazzjoni, ir-riċerka. Qabel l-interpretazzjonijiet, qabel il-konklużjonijiet. Qabelxejn it-tiftix, mill-mistoqsijiet u t-tweġibiet, dejjem fil-plural.

Fil-kapulavur tar-riċerka tiegħu Il-Miklem Malti, Erin Serracino Inglott jiddefinixxi *qabelxejn* bħala "l-ewwel fost kulma għandu jsir jew jingħad; ibda biex." U fid-definizzjonijiet tiegħu ta' kliem u espressjonijiet oħra, kultant jinqeda b'*qabelxejn* u b'hekk jagħti ħjiel ukoll tad-definizzjoni tagħha, jew definizzjoni implikata. Ngħidu aħna, f'sens figurattiv, "antipast" huwa "kull ħaġa li tingħata jew tittieħed qabelxejn biex tqanqal ħajra għal dak li jmiss wara;" imbagħad "fil-bidu nett" huwa "l-ewwel xogħol, qabelxejn; mit-tarf tal-ħaġa," u "l-ewwel nett," "li tingħad l-aktar meta jkunu qed jissemmew bosta xorti li jinħtieġ li jissemmew b'ordni stretta," tfisser "ibda biex, qabelxejn; l-ewwel ħaġa qabel kull ħaġ'oħra; fil-bidu nett; prinċipalment, primarjament; l-ewwel santa ħaġa!," jew "l-ewwel santukruċ." F'dan is-sens, *qabelxejn* mhix biss l-ewwel ħaġa imma aktarx għandha s-sens ukoll tal-aqwa ħaġa, jew l-aktar ħaġa importanti, u din toħroġ ukoll meta Serracino Inglott jiddefinixxi "l-ewwel ħaġa" bħala "qabelxejn; l-ewwel nett; ibda biex; u, skont iċ-ċirkostanzi u l-ħtieġa . . . l-aħjar ħaġa; l-agħar ħaġa; l-aqwa ħaġa eċċ;" għax *qabelxejn* għandha wkoll is-sens ta' "primarju," "li għandu jiġi l-ewwel."

**Lingwa, letteratura u kultura orali**

Il-ħames studji f'din l-ewwel ħarġa ta' *Qabelxejn*, li kull wieħed minnhom għadda minn proċess ta' evalwazzjoni, jagħtuna indikazzjoni tad-direzzjonijiet differenti li qed tieħu r-riċerka dwar il-lingwa, il-letteratura u l-kultura orali tagħna, indikazzjoni tat-temi li jinteressaw lir-riċerkaturi u l-perspettivi li minnhom qegħdin jaffrontawhom. Il-perspettiva fil-fatt tista' tkun dik li tinteressahom l-aktar, għax minnha jistgħu jaraw affarijiet li għadna ma rajnihomx. Imnebbaħ mix-xogħol li għamel fuq id-dottorat tiegħu fil-letteratura Maltija, David Aloisio jistaqsi jekk l-idea li jkollna kanonu letterarju hix idea tajba, imma naħseb li mistoqsija oħra, tista' tgħid retorika, implikata fiha hija jekk nistgħux nevitaw li jkollna kanonu. Għax kull darba li jintgħażlu l-kotba għal premju nazzjonali, jew jissemmew mill-kritiċi, jew jintgħażlu bħala testi fl-iskejjel jew fl-Università, jew jitqiegħdu fil-vetrina tal-ftit ħwienet tal-kotba li fadlilna, ikunu qed jiġu kkanonizzati. Għalhekk, naħseb li waħda mill-implikazzjonijiet tal-istudju ta' Aloisio hi li qarrejja indipendenti u ppreparati, għax tgħallmu japprezzaw is-sengħa tal-kitba u l-qafas tat-tradizzjoni li tinbena ma' kull ktieb li jinkiteb, kapaċi jqisu s-suġġettività

umana fejn tidħol l-arti, u jagħmlu l-għażliet individwali tagħhom. Qabelxejn, il-preparazzjoni tal-qarrejja.

L-istudju ta' Joseph Buttigieg dwar il-kollokazzjoni, jiġifieri l-fenomenu ta' kif il-kliem ifittex kliem ieħor b'ċerta regolarità, jew il-mod kif il-kliem jibni relazzjonijiet ma' kliem partikulari, jistrieħ fost l-oħrajn fuq l-għodda fundamentali tal-korpus, dik il-ħażna diġitali kemm jista' jkun kbira u rappreżentattiva ta' testi li permezz tagħha r-riċerkaturi jistgħu jifhmu kif tkun qed taħdem u tiżviluppa lingwa partikulari. Buttigieg iħares lejn kif nistgħu nużaw l-għanqud lessikali biex nidentifikaw il-qafas li jidħol fih il-lessiku ta' oqsma partikulari tad-diskors u kif nużawh bħala muftieħ biex insolvu każijiet ta' polisemija u omonimija.

It-titlu tal-istudju ta' Justine Somerville dwar "atti ta' memorja" jistabbilixxi minnufih li l-memorja mhix sħaba bla forma li titfaċċa waħedha minn imkien imma għandha wkoll, sikwit, il-ġenesi tagħha fl-istorja, f'mument u f'għażla. Dan jidher aktar u aktar fejn tidħol ir-rappreżentazzjoni tagħha fil-letteratura. Somerville tesplora t-tipi ta' memorja li toħloq jew tissuġġerixxi Clare Azzopardi fit-tieni ġabra ta' novelli tagħha *Kulħadd Ħalla Isem Warajh*, memorji fissi, dubjużi, skomdi, memorji veri u memorji finta, bħal dawk li niddilettaw bihom aħna fl-istejjer inevitabbilment parzjali tal-ħajja tagħna u kif nirrakkontawha lilna nfusna u lil ħaddieħor. L-istudju jħares lejn it-tensjoni bejn il-memorja personali u l-memorja kollettiva u kulturali, lejn l-istejjer li jseħħu imma ma jintqalux, lejn ir-realtà bla memorja u l-memorja bla realtà; iħares ukoll lejn in-novelli bħala l-att tal-ħolqien tal-memorja.

Waqt li aħna mdorrijin nifhmu l-verb bħala ħlejqa għaliha li għandha funzjoni ċara fl-ekonomija ta' sentenza jew stqarrija, l-istudju ta' Kirsty Azzopardi jixħet l-attenzjoni fuq ir-relazzjoni kumplessa li noħolqu, inkonxjament, meta nibnu sekwenza verbali. Azzopardi tiffoka fuq sekwenzi li jkun fihom verbi fażiċi, jiġifieri dawk il-verbi li jimmarkaw il-fażi li sitwazzjoni partikulari tkun tinsab fiha. L-istudju jħares lejn *beda*, li jesprimi valur ingressiv, u *reġa'*, li jesprimi valur repetittiv, u juri kif fis-sekwenzi aspettwali, kull verb fil-katina jikkmanda lil ta' warajh, anke meta s-sekwenza jkun fiha tliet verbi wara xulxin.

Ix-xogħol ta' Yanika Schembri Fava fuq il-kultura orali f'din l-ewwel ħarġa juri kif analiżi tad-diskors bħal tagħha tista' ssir ukoll fl-oqsma tal-lingwistika u tal-kritika letterarja minħabba n-natura trasversali tal-ironija fil-lingwa u l-prominenza tagħha fit-tradizzjoni, fit-taħdit ta' kuljum u fil-letteratura. L-istudju jistħarreġ l-ironija fit-tradizzjoni orali, speċjalment id-diskrepanzi ironiċi li jinħolqu meta l-kelliema jgħidu mod imma jridu lis-semmiegħa

tagħhom jifhmu mod ieħor u għalhekk joħolqu tensjoni kreattiva u attraenti bejn espressjoni u l-qawwa insinwattiva tagħha. Schembri Fava tħares, ngħidu aħna, lejn l-ironija fit-taqbiliet popolari dwar il-pika, il-ġibdiet sesswali u l-apparenzi foloz, u tesplora mekkaniżmi lingwistiċi bħall-botta u risposta. L-istudju jittratta l-ironija tad-destin, l-ironija Romantika, l-ironija tas-sitwazzjoni, l-ironija Sokratika, u l-ironija verbali, u juri kif dawn jidhru kemm fil-formuli diskursivi tat-tradizzjoni orali kif ukoll fil-kreazzjonijiet tas-soċjetà kontemporanja.

**Qabelxejn, il-kliem**
Għar-riċerka, qabelxejn, il-kliem. Għax il-kliem jagħti xeħta konkreta, viżibbli lill-ideat. Permezz tal-esplorazzjoni u l-ħolqien ta' reġistru speċjalizzat fl-oqsma differenti tar-riċerka, minn kanonu, kollokazzjoni, u kontramemorja, sa verbi fażiċi u diskrepanzi ironiċi, ir-riċerkaturi jġeddu l-għarfien tagħna. Mingħajr il-kliem, limitat kemm hu limitat, ma nistgħux naraw realtajiet oħra u niddeskrivu mill-ġdid realtajiet li mingħalina konna nafuhom imma nibdew niskopru li jew m'għadhomx l-istess jew qatt ma konna nafuhom tassew. Għalhekk l-inklużjoni ta' glossarju fl-aħħar ta' kull studju, komunità ta' kliem, jistabbilixxi, qabelxejn, il-funzjoni ċentrali tal-kliem u tat-terminoloġija korretta li tipprova taħfen, imqar f'waqt wieħed, realtà dejjem fluwida.

Adrian Grima
Marzu 2025

# L-idea tal-kanonu letterarju: idea tajba?

DAVID ALOISIO

## SINTEŻI

Il-kritika letterarja lokali, fejn teżisti, hija fil-maġġorparti tagħha kritika melliesa żżejjed; fejn ma teżistix, il-kittieba nfushom iħossuhom mitlufin għax ma jsibu ebda forma ta' kejl jew standard biex jimxu miegħu. Fost ir-riperkussjonijiet ta' din l-atmosfera lokali "fejn kollox jgħaddi" hemm il-kwalità letterarja dibattibbli ta' xi kotba bil-Malti u ż-żieda fil-produzzjoni tagħhom. Għaldaqstant, tinħass il-ħtieġa ta' xi mekkaniżmu li mhux biss jiggwida lill-qarrejja liema kotba jaqraw, imma li, qabelxejn, jinforma aħjar lill-pubblikaturi nfushom dwar liema xorta ta' manuskritti għandhom jinvestu fihom fost il-ħemel li jirċievu. Għaldaqstant, fost il-funzjonijiet fundamentali tal-kanonu letterarju, tibqa' tispikka l-funzjoni ta' gwida li toffri xi forma ta' kriterji jew standards tal-kwalità li, għalkemm qatt ma jistgħu jkunu assoluti u permanenti, xorta jistgħu jaqdu din il-funzjoni utilitarja.

Fost il-kriterji l-aktar kurrenti hemm dawk imħaddna minn ħassieba li jeżaltaw l-element ta' ibridità inkorporat fit-test letterarju jew inkella dawk imħaddna minn ħassieba oħrajn li jfittxu fix-xogħlijiet dawk il-kwalitajiet li jrendu l-idea tal-omniversalità jew tal-universalità letterarja. Madankollu, id-djalettika tal-kanonu letterarju xorta tibqa' għajn ta' kontestazzjoni u ta' dubji minħabba li, bħal f'kull attività intellettwali oħra, mekkaniżmu bħal dan qatt ma jista' jkun ħieles mis-suġġettività umana. Dan jimplika wkoll li l-fiduċja tal-qarrejja fil-ġudizzji kritiċi tal-kanonizzaturi, sew jekk huma akkademiċi, pubblikaturi, antoloġisti, aġġudikanti tal-premjijiet jew membri fil-bordijiet tas-sillabi, tibqa' problematika.

## ABSTRACT

When local literary criticism takes place, for the most part it is overly mellow; when it is not, writers themselves might feel lost because there seems to be no standard to follow or measure against. Amongst the repercussions of this

local atmosphere "where everything is acceptable" is the literary quality of books in Maltese and, consequently, the surge in their production. Therefore, the need arises for some sort of mechanism that guides readers on which books to read and, moreover, one that informs publishers about the kind of manuscripts they should be investing in, from the piles they receive. In this context, amongst the fundamental functions of the literary canon, its guiding role remains pivotal, as it offers a form of quality criteria or standards, which albeit never absolute and permanent, can still serve this utilitarian function.

Among the most current criteria, there are those embraced by thinkers who exalt the element of hybridity incorporated in the literary text; there are also other standards recognised by theorists who seek qualities rendering the idea of omniversality or literary universality. Nevertheless, the dialectic of the literary canon remains a source of contestation and doubts, since like with any other intellectual activity, such a mechanism can never be totally autonomous from human subjectivity. This also implies that the readers' blind trust in the critical judgments of the canonisers, whether they are academics, publishers, anthologists, award adjudicators or members of syllabi boards, remains problematic.

---

L-istudju dwar id-djalettika tal-kanonu fil-kuntest tal-letteratura Maltija jesplora l-fatturi li jistabbilixxu l-idea tal-kanonu u l-aġenti kulturali, storiċi, promozzjonali u politiċi li jipproblematizzawha. L-għażliet li jagħmlu l-qarrejja individwali dwar dik li jqisuha bħala l-aqwa letteratura jiddependu kemm minn preferenzi individwali u suġġettivi li huma konxji minnhom kif ukoll minn fatturi esterni li jiddeterminaw, inkonxjament, id-deċiżjonijiet tagħhom.

Fl-intervista radjofonika li saret lil Trevor Żahra u li xxandret fil-21 ta' Jannar 2020, ħarġu diversi osservazzjonijiet skjetti dwar is-sitwazzjoni letterarja attwali ta' Malta u l-implikazzjonijiet tagħha. Żahra lmenta dwar il-kritika melliesa u li qatt ma turi snienha bħal dik ta' barra fejn il-kritiċi għandhom il-ħila "ktieb jarmuh" u ma joqogħdux lura milli jistqarru li xogħol letterarju "lanqas jistħoqqlu l-karta li ġie stampat fuqha." Żahra ddeskriva dan il-fenomenu lokali bħala "waħda mill-ikbar problemi li għandna bħalissa" u bħala "l-marda ta' pajjiż żgħir fejn kulħadd jaf lil kulħadd." Il-konklużjonijiet li jasal għalihom Żahra meta jirrifletti fuq l-effetti tan-nuqqas ta' kritika serja huma ta' xeħta allarmanti: din il-problema "qed ixxekkel ħafna" l-letteratura Maltija bil-konsegwenza li "t-tajjeb u l-ħażin jitqiegħdu f'keffa waħda; m'għandniex aħna dik li bl-Ingliż jgħidulha l-yardstick" (00:08:00 - 00:10:05).

Din ir-"riga" msemmija minn Żahra tfakkar sew fl-etimoloġija tat-terminu "kanonu" li huwa derivat mill-kelma Griega "kanna" li tevoka l-idea ta' qasba użata bħala strument ta' kejl. Il-falliment fl-għarfien bejn "it-tajjeb u l-ħażin" jimplika li l-modus operandi tal-proċess lokali tal-kanonizzazzjoni letterarja huwa intrinsikament difettuż minħabba din il-problema fundamentali li qiegħed jidentifika Żahra.

Id-dijanjosi li jagħmel Żahra toħroġ fid-dieher ukoll il-"ħsara" li, qabelxejn, qiegħda ssir lill-kittieba stess: "Jekk lill-kittieb qed tonfħu u dan qed jaħseb li f'daqqa waħda laħaq is-sema b'idu meta dan qed jikteb qatta imbarazz, dan se jkompli jikteb aktar imbarazz" (00:10:00 - 00:10:30). Għaldaqstant, jista' jagħti l-każ li n-nuqqasijiet irreġistrati fil-qasam tal-kritika qed ifaqqru l-prodott letterarju domestiku. Il-ħsieb ta' Żahra jimplika wkoll twemmin fil-funzjonalità futura tal-kanonu letterarju Malti: minkejja li meta mistoqsi minn Sergio Grech dwar jekk iħossux mhedded mill-preżenza ta' kittieba ġodda fix-xena letterarja lokali huwa jfarfar minnufih l-idea tal-"agon," li tkellem fuqha Harold Bloom fil-kuntest tad-diskussjoni dwar il-kittieba li jikkompetu għall-ispazju kanoniku (32), Żahra jenfasizza l-ħtieġa li ssir distinzjoni bejn il-kwalità tal-kittieba: "Hemm imbarazz imma għandna ħafna kittieba tajbin ukoll illi għadhom qed jitgħallmu" (00:17:43 - 00:17:50). Minkejja li ċaħad li jħossu mhedded mill-preżenza tal-"kittieba tajbin," Żahra jisħaq li l-ispirtu kompetittiv ta' bejn il-kittieba mhux biss huwa san imma jista' wkoll jikkawża sens ikbar ta' sodisfazzjon personali: "Tieħu gost jekk inti ttellaq, tiġi l-ewwel u tellaqt ma' mitt ruħ mhux inti tellaqt ma' tnejn u inti ġejt l-ewwel" (00:16:35 - 00:16:43). Fuq kollox, il-funzjonalità ewlenija tal-kanonu letterarju hija dik li tagħti lill-kittieba sens ta' perspettiva sana li minnha jistgħu jibbenefikaw huma u l-letteratura nazzjonali li jagħmlu parti minnha:

> Jien ma narahiex theddida din, anzi naraha opportunità immensa għaliex hija sfida għall-kittieb biex hu [jkun] jaf li hu mhux waħdu qiegħed hemm, mhux kulma se jgħid hu se jintgħoġob għax hemm kittieba oħrajn tajbin daqsu u aktar minnu; allura inti tibqa' ttejjeb ix-xogħol tiegħek, trid tibqa' dejjem issib ideat ġodda, trid tibqa' ssib formoli ġodda ta' kif ħa tippreżenta x-xogħol tiegħek . . . Kull kittieb f'ħajtu għandu jibqa' emerġenti . . . jien l-aktar li niddejjaq meta jgħiduli li 'inti kittieb stabbilit' . . . meta naqra xogħlijiet tal-kittieba l-kbar ngħid 'jien għadni lanqas biss bdejt.' (00:17:00 - 00:27:42)

Din il-funzjoni benefika tal-kanonu tiġġenera l-kwalità letterarja tal-oriġinalità li diversi kanonisti u kanonizzaturi jqisuha bħala wieħed mill-aqwa kriterji sabiex jingħaraf ix-xogħol letterarju b'potenzjal kanoniku. Il-kittieba li

konsistentement jipproduċu xogħlijiet imsejsa fuq "ideat ġodda" u "formoli ġodda" jirnexxilhom jaċċessaw il-kanonu letterarju permezz tal-element innovattiv li jwassalhom biex jikkonsolidaw posthom fih. Din mhijiex kisba faċli minħabba limitazzjonijiet prattiċi bħalma huma t-tul relattiv tal-karriera tal-kittieb jew tal-kittieba. Fil-każ speċifiku ta' Żahra, din il-limitazzjoni ngħelbet peress li l-karriera awtorjali tiegħu nfirxet fuq medda ta' madwar 60 sena li fiha wera l-abbiltà li jipproduċi oeuvre eklettika, kemm fuq livell ta' forma kif ukoll ta' kontenut.

Ix-xena letterarja Iżlandiża toffri opportunità sabiex isiru riflessjonijiet fuq id-djalettika tal-kanonu letterarju fil-kuntest ta' pajjiż b'popolazzjoni li fid-daqs hija qrib dik ta' Malta. Il-ħsieb ta' Żahra dwar il-konvivenza tal-kittieba veterani bħalu mal-kittieba żgħażagħ fil-bidu tal-karriera letterarja tagħhom jinħassu r-reżonanzi tiegħu anke fl-Iżlanda. F'"A Wide Range of Voices: A Glimpse into the Current Icelandic Poetry Scene," Noemi Ehrat talludi għan-narrattiva ta' spazju kanoniku wiesa' biżżejjed biex jakkomoda lill-kittieba "stabbiliti" u lill-"ġodda" meta tiddeskrivi kif fl-Iżlanda, "il-folol qegħdin jinġabru biex jisimgħu l-poeżija, jitgeddsu fi spazji ċkejkna biex jattendu serati tal-poeżija . . . Ġabriet kbar ta' poeżiji ta' kittieba stabbiliti qegħdin jiġu ppubblikati flimkien ma' fuljetti ta' poeti ġodda." L-idea tal-kbir maġenb iż-żgħir, ta' Gulija f'konvivenza ma' David, Ehrat tittrasferiha għad-dinja tal-pubblikazzjoni: maġenb djar aktar stabbiliti bħal Forlagið, hija stqarret li fl-Iżlanda anke d-djar iż-żgħar tal-pubblikazzjoni bħal Partus Press u Tunglið qegħdin jiffjorixxu. Dan joħloq kuntrast mas-sitwazzjoni lokali fejn għalqu diversi djar assoċjati mal-pubblikazzjoni tal-letteratura bħal Bugelli, P.E.G. u Minima. Maż-żmien feġġew djar oħrajn bħall-Horizons u l-Kite li malajr sabu saqajhom fejn tidħol pubblikazzjoni tal-letteratura Maltija maġenb il-K.K.M. u l-Merlin li, sal-ewwel deċennji tas-seklu 21, iddominaw ix-xena. Id-domanda tibqa' jekk dawn id-djar ta' pubblikazzjoni jkunux sostenibbli jekk jiffukaw fuq il-pubblikazzjoni ta' kotba bil-Malti. Dan huwa l-fattur prattiku l-aktar determinanti għall-eżistenza futura tagħhom u, qabelxejn, tal-letteratura Maltija. Minkejja l-qagħda attwali pożittiva fl-Iżlanda, wara ftit Ehrat ukoll tesprimi ħsus ambivalenti dwar il-futur tal-letteratura f'pajjiżha:

> Kemm ilħna żgħażagħ kif ukoll xjuħ jingħaqdu f'konverżazzjoni li mhijiex immexxija aktar minn ftit kittieba magħrufa. Madankollu, jidher li x-xena preżenti tal-poeżija Iżlandiża tinsab f'salib it-toroq u l-futur tagħha jista' jmur f'waħda minn żewġ direzzjonijiet – jew jibqa' jkollna xena vibranti kif inhi bħalissa, jew inkella taqbad it-triq tan-niżla u tistenna l-miġja ta' ġenerazzjoni oħra. ("A Wide Range")

Iżda l-andament tax-xena letterarja Iżlandiża, imsejjes fuq pjan maħsub għal futur feliċi tal-letteratura, aktarx li jxejjen il-preokkupazzjonijiet espressi minn Ehrat. Inizjattivi bħal dawk taċ-Ċentru tal-Letteratura Iżlandiża, intenzjonati biex ikomplu jqajmu "kuxjenza favur il-letteratura Iżlandiża, kemm fl-Iżlanda kif ukoll barra" billi anke jippromwovu d-distribuzzjoni tagħha, jindikaw sew x'direzzjoni se taqbad din il-letteratura indiġena ("Icelandic Literature Center").

Ċentru simili f'Malta, li qiegħed jissawwar mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, jipprometti tajjeb għal-letteratura Maltija wkoll. Bħaċ-Ċentru tal-Letteratura Iżlandiża, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, fi qbil mal-ħsieb ta' Pascale Casanova u ta' Ivan Callus, jemmen li letteratura żgħira bħal dik Maltija għandha tfittex modi kif issib postha fil-letteratura universali. L-isforzi li saru fl-Iżlanda qanqlu interess ġdid fil-letteratura tagħha u f'dawk li Gísli Sigurðsson iqis bħala "l-komponenti ewlenin tal-kultura Iżlandiża" inerenti fiha; għalih, il-poeżija ta' Jónas Hallgrímsson, l-aqwa poeta Iżlandiż, tamalgama s-sagas Iżlandiżi mal-lingwa antika tal-Iżlanda u mal-ambjent naturali tal-Iżlanda b'tali mod li dawn saru t-tliet elementi fundamentali tal-identità nazzjonali:

> L-enfasi dejjem kienet fuq l-uniċità ta' dawn l-elementi kollha: l-ebda nazzjon ieħor fl-Ewropa tal-Punent ma kien għadu jitkellem bl-istess lingwa kif kienet mitkellma fil-Medju Evu, l-ebda nazzjon ieħor fil-Medju Evu ma ħoloq letteratura li tixbah is-sagas Iżlandiżi, u l-ebda nazzjon ieħor ma kien jgħix f'pajjiż hekk sabiħ u uniku, bl-immaġini kontrastanti tas-silġ u tan-nar fil-glaċieri u l-vulkani, l-għelieqi tal-lava sewda u l-għelieqi ħodor u għammiela. (46)

Fl-ispirtu analogu għal dak li esprima hawnhekk Hallgrímsson, Callus isemmi kif anke l-letteratura Maltija għandha l-kwalitajiet partikulari tagħha x'toffri lill-qarrejja internazzjonali li għandhom iservu bħala marki ta' kanoniċità li jassistu lill-kanonizzaturi lokali fl-għażla tax-xogħlijiet letterarji Maltin li għandhom jesportaw ("Incongruity"). Fuq kollox, il-preżentazzjoni pjuttost Romantika tat-tliet elementi ewlenin ta' Hallgrímsson tfakkar ukoll fil-faxxinu li tista' toħloq il-letteratura Maltija miktuba bl-unika lingwa Semitika fl-Ewropa li ilha mitkellma mal-elf sena.

Minkejja l-plawsibbiltà ta' konvivenza kanonika tal-kittieba stabbiliti mal-kittieba l-ġodda f'ambjenti letterarji bħal dak Iżlandiż u dak Malti, ir-relazzjoni ta' bejniethom tista' tkun ansjuża. Id-djalettika tar-relazzjoni Edipika bejn il-kittieba predeċessuri u l-kittieba kurrenti ttrattat fost l-oħrajn "ir-reazzjoni anti-Moderna" tal-esponenti tar-Romantiċiżmu Malti (Friggieri, *L-Istorja tal-Poeżija* 68). Peter Serracino Inglott spjega kif il-Modernisti tbiegħdu

mill-"poeżija tal-ghetto," min-"nostalġija falza" u mill-"poeżija provinċjali" billi pproduċew letteratura li kapaċi tipparteċipa fid-djalogu internazzjonali (44). Għaldaqstant, l-internazzjonalizzazzjoni tal-letteratura lokali tassumi dimensjoni binarja: mhux biss huwa essenzjali li l-letteratura tiġi esportata sa ma tasal għand il-qarrejja barranin iżda din hija ingredjent neċessarju li jinforma lill-kuxjenza tal-kittieba fil-proċess intimu tal-produzzjoni artistika.

Meta kien qiegħed jikkritika lil Ġorġ Pisani, Ġużè Aquilina lmenta li "bħal poeti oħra Maltin, barra Dun Karm, Pisani hu limitat ħafna. Id-dawra ta' ħsibijietu u t-tqanqiliet tiegħu mhi xejn wiesgħa" (xi). F'dan il-mument rari ta' kritika lokali li ma tmellisx, Aquilina jestendi l-osservazzjoni skjetta tiegħu għall-kittieba ta' żmienu "barra Dun Karm," l-uniku wieħed li, skontu, jokkupa post fiss u indiskutibbli fil-kanonu letterarju Malti. Il-forma mentis tal-"letterati" Maltin ta' żmien Aquilina kienet l-anatema tal-kunċett tal-internazzjonalizzazzjoni għaliex "il-poeta Malti, bħall-Maltin l-oħra, mhux bniedem li jaqra ħafna u jinteressa ruħu fil-problemi soċjali, kulturali u intellettwali tal-Ewropa" (xi). Il-konsegwenza negattiva ta' dan in-nuqqas ta' perspettiva wassal għall-iżolament tal-kittieb Malti li spiċċa jirriċikla lilu nnifsu: "Maqtugħ għalih waħdu, mingħajr tradizzjoni letterarja Maltija . . . il-poeta Malti bħal qarnita jdur għal subgħajh u jerda' minnu nnifsu." Apparti l-metafora tal-"qarnita," Aquilina juża l-metafora tal-"imħar" biex jispjega l-istaġnar intellettwali tal-klassi erudita fi żmienu: "Din il-kritika hija ġenerali għall-biċċa l-kbira tal-letterati Maltin li, bħall-imħar mal-blat, huma mwaħħlin wisq mal-blat ta' art twelidhom (xi). Fl-ambjent letterarjament sterili ta' żmien Aquilina, l-attivazzjoni tal-idea tal-kanonu letterarju u tal-proċessi nfushom li jiffunzjona bihom fil-kuntest Malti setgħu servew ukoll ta' katalisti biex iqanqlu lill-kittieba lokali ħalli jinfatmu mit-tradizzjoni letterarja li kienet għoddha waslet sal-punt tal-irrilevanza. Għaldaqstant, l-ansjetà kanonika maħluqa bil-miġja ta' tqanqiliet letterarji ġodda għenet lil-letteratura Maltija.

It-tellieqa għall-ispazju fil-kanonu letterarju Malti, li gradwalment bdiet tiġi pperċepita l-preżenza tiegħu anke jekk biss fuq livell kunċettwali, inħasset l-aktar meta kibret ir-rivalità bejn ir-Romantiċi u l-Modernisti wara l-Indipendenza. Ironikament, mument storiku bħal dan wassal għall-għarfien ġdid ta' "tradizzjoni letterarja Maltija" li, skont Aquilina, kienet sa żmienu ineżistenti bil-konsegwenza li r-Romantiċi ma kellhomx din ix-xorta ta' pedament (xi). Iżda kienet storja oħra meta tfaċċaw il-movimenti suċċessivi. Minkejja r-relazzjoni xi drabi antagonista ta' bejniethom li ssegwi l-ħsieb ta' Umberto Eco li "kulħadd għandu bżonn għadu biex ikun jista' jiddefinixxi lilu nnifsu" (ikkwotata f'Mifsud, "Biża'"), il-Modernisti sabu fir-Romantiċi (u fis-Soċjo-Realisti) tarġa lesta fuq xiex isejsu l-letteratura tagħhom. L-ansjetà

tal-influwenza kienet fost il-kawżi ewlenin tal-evoluzzjoni neċessarja tal-letteratura Maltija. Sussegwentement, il-moviment Post-Modernista jew Kożmopolita, kontra l-ħsieb ta' xi esponenti tiegħu li sostnew li bdew kollox mill-ġdid, sab tarġa oħra lesta mħejjija mill-Modernisti sabiex ikompli javvanza fil-perkors tal-istorja relattivament qasira tal-letteratura Maltija.

Dwardu Fenech ikkristallizza l-mument delikat tat-tranżizzjoni minn moviment letterarju għal ieħor bl-implikazzjonijiet tiegħu fid-daħla tal-ġabra ta' studji komparattivi *Wirt il-Muża*:

> Minn hawn nibtet il-ħtieġa li jkunu studjati mhux biss il-poeti stabbiliti imma wkoll oħrajn inqas fortunati. It-tiftix li beda jsir wera li għad hemm ħafna xogħol xi jsir f'dan il-qasam. Mhux biss, imma wkoll bdiet tidher sewwa l-verità dwar il-poeti tajbin: huma ma waqgħux mis-sema! Qabilhom kitbu poeti ta' inqas ħila minnhom u għalhekk huma setgħu jibnu l-bini għoli tagħhom fuq il-pedamenti li kienu tqiegħdu qabel. B'hekk ħarġet l-importanza storika tal-poeti minuri tagħna, u għalhekk diversi poeti ħarġu għad-dawl mid-dagħbien mudlam tan-nisi letterarju. (7)

Minkejja li dan il-kliem inkiteb fl-1977, il-perspettiva ta' Fenech tibqa' applikabbli fil-kuntest tad-djalettika attwali tal-kanonu letterarju Malti. Huwa jiddefinixxi b'sempliċità l-funzjoni ewlenija tal-proċess kanoniku, hawnhekk imħaddem minnu stess, fis-selezzjoni tax-xogħlijiet għall-antoloġija poetika tiegħu. Il-kanonizzatur ħass il-ħtieġa li jsib bilanċ bejn "il-poeti stabbiliti" u l-"poeti minuri," bilanċ li a priori stabbilixxa distinzjoni bejniethom abbażi ta' xi forma ta' kriterji li jagħrfu bejn "il-poeti tajbin" u l-"poeti ta' inqas ħila." Fuq l-istess filosofija ta' Friggieri li ssostni li "M'hemmx tradizzjoni ħajja mingħajr modernità, u m'hemmx modernità f'saħħitha mingħajr tradizzjoni" ("It-Triloġija"), Fenech jissekonda l-idea li l-kriżi kkawżata mit-tranżizzjoni bejn moviment u ieħor twassal għall-progress: il-moviment il-ġdid ikompli javvanza u jitla' fil-"għoli" billi jibni "fuq il-pedamenti li kienu tqiegħdu qabel" mill-predeċessuri. L-agon ikkawżat mill-pika kanonika ta' bejn il-kittieba li jixxennqu għall-immortalità letterarja u li ma jridux jintilfu fid-"dagħbien mudlam tan-nisi letterarju," mhux biss huwa inevitabbli imma joffri wkoll opportunità għal kull studjuż tal-letteratura Maltija li jrid josserva mill-qrib il-proċessi li permezz tagħhom kontinwament tibqa' tiżviluppa matul iż-żminijiet. Għaldaqstant, tibqa' tinħass il-ħtieġa tal-iskrutinju tal-mekkaniżmi xi drabi moħbija li bihom jopera l-kanonu letterarju Malti. Dan huwa sentiment li jseddaq ir-rilevanza funzjonali tal-idea tal-kanonu letterarju Malti, anke fil-ġejjieni.

Fost il-funzjonijiet primarji li tista' tippreserva r-rilevanza tal-kanonu letterarju u tal-proċessi li jiffurmawh hemm il-funzjoni utilitarja ta' gwida għall-qarrejja, funzjoni indispensabbli l-aktar f'kuntesti letterarji fejn qiegħda tiġi ppubblikata ħafna letteratura li fiha l-qarrejja saru kostretti aktar minn qatt qabel biex jagħżlu b'reqqa x'jaqraw, primarjament minħabba l-limitazzjoni inevitabbli tal-ħin. F'"In Italia si Stampano Troppi Libri. Forse è il Caso di Smetterla," Rosario Esposito La Rossa jilmenta kif fl-2019 is-suq tal-kotba Taljan kien wasal fil-punt li jirriċikla l-letteratura u b'hekk "joqtol il-kotba wara 90 jum." Skontu, il-perjodu ta' popolarità ta' ktieb huwa 90 jum; wara, qajla jibqa' jinxtara u għalhekk id-djar tal-pubblikazzjoni l-ħin kollu jfittxu li jippubblikaw "in-novità" li mhux neċessarjament tiggarantixxi l-kwalità. Dan jimplika wkoll li kotba ppubblikati fil-passat, anke riċenti, qegħdin jintefgħu b'mod sistematiku fid-"dagħbien mudlam tan-nisi letterarju" (Fenech 7).

Il-preokkupazzjoni ta' Esposito La Rossa hija waħda: "Ejja ma nibżgħux quddiem xi xkaffa vojta fil-ħwienet tal-kotba, ejja, minflok, ninkwetaw quddiem l-ixkafef mimlijin kotba li waslu biex imutu" ("In Italia"). L-iskadenza mgħaġġla tal-kotba tal-lum u l-istampar kontinwu u frenetiku ta' aktar kotba, ikabbru l-ħtieġa li l-qarrejja jkollhom min jiggwidahom fil-mument fundamentali tal-għażla. F'dan il-mument delikat fid-djalettika tal-idea ta' kanonu letterarju, ma tistax tiġi evitata l-mistoqsija dwar min huma dawk li jfasslu l-kanonu u x'inhuma l-iskopijiet aħħarija tagħhom. Analiżi dijakronika tal-kuntest letterarju Malti tindika li individwi bħal Aquilina u Friggieri kienu l-paradimma tal-kanonizzatur Malti. Illum il-ġurnata, fil-bidu tat-tielet deċennju tas-seklu 21, l-akkademja għadha titqies bħala s-sede ewlenija tal-kanonizzaturi tal-letteratura Maltija, u fost il-kanonizzaturi preżenti hemm akkademiċi bħal Stephen Bonanno, Adrian Grima, Bernard Micallef u Immanuel Mifsud. Jeżistu wkoll reċensuri bħal Sergio Grech, Patrick Sammut u Alex Vella Gera ta' *maltesereader.wordpress.com* li mhux neċessarjament huma parti mill-akkademja, imma li wkoll għandhom sehem fil-proċess ta' x'jiġi mħawwel u ssodat fil-kanonu letterarju Malti. Mill-banda l-oħra hemm ukoll il-pubblikaturi, ewlenin fosthom hemm nies bħal David Bezzina, Chris Gruppetta u Joseph Mizzi li, b'modi differenti minn dawk tal-akkademiċi jew tar-reċensuri, spiss jaġixxu wkoll ta' kanonizzaturi. Minkejja li l-akkademiċi qatt ma jistgħu jkunu ħielsa mill-ġudizzji suġġettivi, il-kontribut tal-pubblikaturi qatt ma jista' jkun diżinteressat minħabba n-natura tax-xogħol tagħhom.

Ir-realtà letterarja Maltija, bħal dik Taljana, qiegħda kulma jmur tagħti aktar attenzjoni lill-kanonizzaturi tal-aħħar tip, jiġifieri dawk li huma l-aktar voċiferi bil-preferenzi ovvji tagħhom. Il-vakwu li nħoloq f'Malta minħabba n-nuqqas ta' kritika letterarja fil-forma ta' journals u rivisti letterarji li tkellem fuqu Callus

("Incongruity") wassal biex il-qarrejja jiġu mċaħħdin mill-gwida tal-ewwel xorta ta' kanonizzaturi. Il-perspettiva moderata fil-konfront tal-idea tal-kanonu letterarju adottat fl-istudju preżenti tista' tkun rilevanti anke f'dan ir-rigward: it-triq tan-nofs għall-qarrejja tal-letteratura Maltija li jridu jagħżlu x'jaqraw tista' possibbilment tinstab jekk dawn ma jagħtux widen biss lill-opinjoni influwenti iżda suġġettiva ferm tal-pubblikaturi imma jfittxu, għalkemm dan mhux dejjem faċli, l-opinjoni kritika ta' min studja l-letteratura.

Verżjoni oħra ta' kanonizzaturi hija dik tal-antoloġisti. Dawn il-kanonizzaturi, li fattwalment spiss ikunu akkademiċi jew xi drabi pubblikaturi, aktarx li ma jagħmlux l-iżball li kkundanna Esposito La Rossa: dawn ma jinsewx ix-xogħlijiet letterarji tal-passat imma spiss jipprovdu lill-qarrejja tagħhom bl-aqwa kampjuni tal-letteratura fil-forma ta' volum wieħed li jiġbor fih diversi xogħlijiet qsar jew inkella permezz ta' sett sħiħ ta' volumi. Hekk kellhom f'moħħhom nies bħal Pawlu Mizzi, "missier il-ktieb Malti modern," meta nieda l-kollezzjoni tal-Klabb Kotba Maltin (Grech 107). Joseph Dent kellu ħsieb simili meta fl-1906 ħareġ bl-idea tal-Everyman's Library. Huwa ħolom li jippubblika "edizzjonijiet ġodda u sbieħ tal-klassiċi dinjin bil-prezz ta' xelin għal kull volum." Dan l-antoloġista Ingliż ħolom li "għal ftit xelini l-qarrej jista' jkollu xkaffa sħiħa tal-immortali; għal ħames liri (li bihom jakkwista mitt volum) individwu jista' jsir intellettwalment għani għal ħajtu kollu" ("Everyman"). Fuq quddiem ta' kull volum tal-Everyman's Library u tal-Everyman Paperbacks jidher dan il-kliem suġġestiv:

> *Everyman,*
> *I will go with thee,*
> *and be thy guide,*
> *In thy most need*
> *to go by thy side*.

Din il-kwotazzjoni, imħollija hawnhekk fil-lingwa oriġinali sabiex tiġi rrispettata l-metrika tagħha, tista' twassal għal inferenza valida: l-idea ta' gwida bħala funzjoni ewlenija tal-kanonu letterarju u allura tal-kanonizzatur li hawnhekk qiegħed jieħu r-responsabbiltà li jidderieġi lill-qarrejja tiegħu lejn l-aqwa letteratura li jista' jaqra. L-antikanonisti jqisu kunċett simili bħala forma ta' impożizzjoni ta' individwu wieħed b'attitudni kondixxendenti u aktarx b'mentalità elitista. Kundanna simili qalgħuha nies oħrajn li ppruvaw jagħtu lill-qarrejja lista tal-aħjar xogħlijiet letterarji. Il-każ klassiku tar-reazzjoni għal-lista pprovduta minn Bloom fit-tarf ta' *The Western Canon* huwa wieħed minn diversi każijiet li seħħew u għad jibqgħu jseħħu kull darba li l-kanonizzaturi jittantaw jipproponu lista bl-aħjar xogħlijiet letterarji.

Madankollu, il-fiduċja għamja tal-qarrejja fil-ġudizzji kritiċi tal-kanonizzaturi, inkluż dawk li tradizzjonalment tqiesu bħala leġittimi, tista' tkun insidjuża: meta l-qarrejja jafdaw totalment fl-għażliet li jagħmlu għalihom il-kanonizzaturi jkunu qegħdin iħallu f'idejhom liema xorta ta' kitba letterarja ssir popolari u liema titwarrab mill-attenzjoni tagħhom. Dan jista' jwassal sabiex tkompli tikber il-qasma bejn ix-xogħlijiet tal-letteratura għolja u dawk tal-letteratura baxxa. Fl-istudju "The End of Literary Studies?" Steven Kellman ukoll jesplora r-relazzjoni ansjuża bejn il-letteratura għolja u dik li xi kritiċi qiesu bħala paraletteratura (ara l-istudju ta' Merve Emre, *Paraliterary: The Making of Bad Readers in Postwar America*) li spiss il-proċess kanoniku jitfagħha fil-qiegħ nett tal-ġerarkija letterarja. Kellman jiddiskuti jekk tistax tiġġustifika t-twarrib tal-ġeneri tal-paraletteratura mill-kanonizzaturi akkademiċi u jistaqsi jekk il-qari tal-paraletteratura jistax jikkumplimenta dak tal-letteratura kanonika jew jekk itellifhiex:

> In-nekrofilja, is-sireni u ċ-ċinema Awstraljana bla dubju huma suġġetti denji fihom infushom, iżda peress li l-ħajja hija qasira u s-snin akkademiċi mhumiex twal biżżejjed, dawn għandhom jieħdu post Chaucer, Shakespeare u Milton? Huwa diffiċli li wieħed jemmen li *Game of Thrones*, jew anke r-rumanzi tal-fantasija ta' George R. R. Martin li fuqhom hija bbażata s-serje televiżiva, jistgħu jkunu l-għatba ta' dipendenza dejjiema għal Virginia Woolf. Mill-oriġini tagħhom fil-kummentarji ta' Aristotli tad-drama Griega, l-istudji letterarji wrew li għandhom ħajja twila ħafna, imma kemm nistgħu nibqgħu nġebbdu fihom u fl-istess ħin nibqgħu nsejħulhom studji letterarji? ("The End")

Ir-rikonoxximent ta' ġeneri letterarji sħaħ, fosthom dawk tal-fantaxjenza, il-polizjesk u s-satira, bħala letteratura baxxa jew paraletteratura, jista' jwassal għal twarrib infondat u allura inġust ta' kull xogħol letterarju li jiġi kkategorizzat fihom. Mifsud jilmenta li, pereżempju, hemm "tendenza li fid-diskors ta' xeħta intellettwali dwar it-teatru, jinqabeż dak li xi minn daqqiet b'ton peġġorattiv, jissejjaħ it-teatru popolari" ("Introduzzjoni" 8). Mary Meylak, "l-unika vuċi femminili" fost il-poeti Romantiċi Maltin ta' qabel l-Indipendenza ("Mary"), mhux biss sabet il-kuraġġ tippubblika xogħlijietha stess f'ambjent letterarju paternalistiku imma azzardat ukoll timraħ lil hinn mill-ġeneri konvenzjonali ta' żmienha meta fl-1947 ippubblikat ix-xogħol fantaxjentifiku *Dawra Misterjuża*. Iżda dan il-ktieb, li huwa fil-fatt poeżija waħda ta' 70 paġna, qatt ma ngħata attenzjoni, la fi żmienu u lanqas wara, possibbilment għax inkiteb minn mara li, f'għajnejn il-kanonizzaturi rġiel, x'aktarx dehret bħala letterarjament pružuntuża. F'kuntest letterarju ħieles mill-preġudizzji ta' kull tip, dan ix-xogħol ta' Meylak seta' faċilment sab postu bħala wieħed

mill-kotba fis-sillabu tal-letteratura Maltija. Imma kittieba avangardisti bħal Meylak kienu kostretti jgħixu realtà letterarja li kienet ferm 'il bogħod minn dik ideali. U dan ma jimplikax li l-qagħda odjerna hija impekkabbli għaliex meta l-kanonizzaturi, speċjalment dawk akkademiċi, jibqgħu konsistentement u esklussivament jippromwovu l-letteratura hekk imsejħa għolja u jwarrbu dik li bħall-poeżija ta' Meylak jistmawha bħala paraletteratura, ikunu qed jirrinforzaw l-attitudni elitista li spiss jiġu akkużati biha minn min iħaddan ħsus antikanoniċi. Fortunatament, fil-każ speċifiku ta' Meylak, l-idea li kitbietha huma biss paraletteratura qed tiġi kkontestata. Bħalissa, il-kittieb u akkademiku Immanuel Mifsud qiegħed propju jiġbor u jistudja x-xogħlijiet kollha tagħha bit-tama li jiġġustifika post din il-kittieba fil-kanonu letterarju Malti.

L-elitiżmu mħaddem fil-proċess kanoniku jista' jkun il-ħtija ewlenija għat-twarrib minn xi wħud tal-idea nnifisha tal-kanonu letterarju u tal-validità tagħha. Għaldaqstant, hemm min saħansitra jemmen li x-xoljiment ta' din l-idea jista' jkun ta' ġid għal ċerti ġeneri letterarji: "Il-korrużjoni progressiva tal-kanonu tal-ġeneri letterarji, u tal-kategorija letterarja u dik mhux letterarja, ipproponiet mill-ġdid fis-seklu li għadda t-taħlita tal-kummiedja u tal-umoriżmu fis-satira" ("La Satira"). Iżda flok "korrużjoni," dan it-tibdil fil-kanonu letterarju jista' jiġi pperċepit bħala modifikazzjoni fl-attitudni, kif tissuġġerixxi r-riflessjoni ta' Kellman li toqrob lejn il-linja ta' ħsieb ta' Peter Swirski meta ppropona l-għarfien tal-"letteratura la għolja la baxxa" (*From Lowbrow* 10) u mad-direzzjoni moderata li nadotta f'dan l-istudju.

Fl-istorja relattivament qasira tal-letteratura Maltija xi kittieba, anke dawk rinomati, kemm-il darba ppruvaw jesploraw ġeneri ġodda li mhux neċessarjament kienu jaqblu mal-preferenzi ta' dik li fi żmienhom kienet titqies bħala letteratura kanonika. Bħal Juann Mamo u Ġużè Ellul Mercer, Erin Serracino Inglott ma kienx jitnaffar mill-esperimentazzjoni. Meta kiteb *Razju Vidal* tbiegħed mill-ġeneru storiku ta' żmienu u qorob lejn dak fantastiku, kif tixhed ir-riċensjoni anonima f'*Il-Malti* tal-1941, is-sena li fiha ġie ppubblikat dan id-dramm differenti mill-bqija: "Il-kittieb żamm ruħu maħlul mill-irbit tal-istorja u ttajjar u meraħ kif għoġbu fil-qasam tal-ħsieb tal-fantasija." L-idea liberali ta' kanonu letterarju li flok jeskludi jkun dispost biex jilqa' "n-novità" li semma Esposito La Rossa joħloq l-ambjent addattat għal kull kittieb li, bħal Serracino Inglott, ikollu l-ħila jipproduċi letteratura li fiha "ttajjar u meraħ kif għoġbu" ("Razju Vidal" 146) mingħajr ma ħalla l-aspettattivi tal-kanonizzaturi jinfluwenzawh. Hekk, kif insista Dean Kolbas fil-kritika tiegħu ta' Charles Altieri, ma jiġrix li minflok ix-xogħlijiet kanoniċi jittrażmettu l-valuri tagħhom lill-bniedem, il-bniedem jispiċċa jimponi fuqhom sistema ta' valuri u ta' preferenzi tiegħu (52).

Il-perspettiva ta' Edward Said toffri wkoll riflessjonijiet siewja dwar ir-rilevanza futura tal-idea tal-kanonu letterarju. F'"Confronting the Canon Contrapuntally: The Example of Edward Said," Fakrul Alam jippreżenta l-mod ibbilanċjat ta' kif Said iħares lejn il-proċessi tal-kanonizzazzjoni. Alam jiddeskrivi, fost l-oħrajn, il-mudell propost minn Said ta' kif għandhom jinqraw ix-xogħlijiet kanoniċi: mit-test irridu ngħaddu għall-kuntest sabiex nagħrfu x-xibka ta' relazzjonijiet implikati fix-xogħol letterarju. Barra minn hekk, Said jemmen li "x-xogħlijiet il-kbar" għandhom isibu posthom fil-qalba tal-kurrikulu għaliex dawn kapaċi jestendu x-xbieki tat-tifsir mal-medda taż-żmien b'tali mod li jibqgħu jinqraw mill-ġdid u, għaldaqstant, jibqgħu dejjem rilevanti (ikkwotat f'Alam 36).
Din il-proposta mhux biss toqrob lejn il-perspettiva Fenomenoloġika imma timplika wkoll il-validità tal-proċess selettiv bħal dik li toffri l-idea tal-kanonu letterarju. Alam juri kif il-kontribut ta' Said fid-djalettika dwar il-kanonu letterarju joffri element ta' bilanċ għaliex jinteressawh ferm "it-testi ibridi" li fihom jispikka t-taħlit bejn kulturi differenti minħabba fenomeni soċjali bħall-immigrazzjoni (37), kunċett li jfakkarna fl-idea ta' ibridità li jitkellmu fuqha John Baldacchino u Peter Swirski.

Apparti l-interess fil-kunċett letterarju tal-ibridità, Said jenfasizza l-funzjoni essenzjali tat-"testi kanoniċi" li jistgħu jinqraw bħala "kontrappunt" għat-testi anti-Imperjalistiċi. Din id-dispożizzjoni bbilanċjata ta' Said hija qrib ferm ta' dik li qiegħed nippreżenta hawnhekk: l-idea li l-kanonu letterarju jservi ta' miżien li jibbilanċja l-estremitajiet tal-produzzjoni letterarja. Said ukoll jemmen fil-validità tal-iskrutinju kontinwu tal-modus operandi tal-kanonu letterarju: jekk nagħrfu kif jaħdmu l-mekkaniżmi tiegħu, inkunu nistgħu nifhmu ċ-ċirkostanza tal-produzzjoni letterarja u nifhmu wkoll "l-oppożizzjoni ġġenerata mill-proċess" (f'Alam 37). Ir-rilevanza tal-kanonu letterarju se tibqa' materja topika għaliex, skont Said, wieħed mill-għanijiet tal-proċess kanoniku huwa dak pedagoġiku; il-kotba kanoniċi ppreżentati fl-iskejjel mhux biss jippreżentaw narrattivi tal-kunflitti soċjali lill-istudenti imma jagħmlu dan billi jipprovdu "gost estetiku" għax huma "xogħol formidabbli tal-immaġinazzjoni." Għaldaqstant, il-membri tal-bordijiet li jiddeċiedu s-sillabi tal-letteratura għandhom id-dmir jagħżlu u jipproponu dawk it-testi b'"reżonanzi dejjiema u li jitkellmu ma' kull ġenerazzjoni" għaliex iħaddnu "kobor intrinsiku u l-kapaċità li jinvolvu lill-qarrejja permezz ta' ċaqliq djalettiku relatat mal-istorja u mal-politika" (f'Alam 38).

Ir-rilevanza futura tal-kanonu letterarju tista' tissejjes ukoll fuq l-abbiltà tiegħu li jagħraf liema huma x-xogħlijiet letterarji ewlenin li jixhdu kemm "ir-realtajiet tal-poter u tal-awtorità – kif ukoll dik tar-reżistenza min-naħa tal-irġiel, tan-nisa u tal-movimenti soċjali fil-konfront tal-istituzzjonijiet, tal-awtoritajiet u tal-ortodossiji" (Said 5). Skont Said, testi kanoniċi ta' din ix-xorta

jrendu l-idea tal-kanonu letterarju aktar valida, għax permezz tal-kunċett tal-"affiljazzjoni" l-qarrejja ta' dawn ix-xogħlijiet kanoniċi janalizzaw "il-fili li jgħaqqdu lit-test mas-soċjetà, mal-awtur u mal-kultura" sabiex jaslu għall-apprezzament tar-"rabtiet bejn it-testi u d-dinja" (175). Barra minn hekk, kif jixhed it-titlu tal-premju letterarju mogħti mill-Fondazzjoni Vaclav Havel, "Disturbing the Peace, Award to a Courageous Writer at Risk," il-letteratura odjerna li tfittex dawn ir-rabtiet diretti mad-dinja spiss qiegħed jiġi ssuġġerit li tiġi ppremjata mill-ġuriji li jinfluwenzaw il-kanonu letterarju nazzjonali bl-għażliet tagħhom. Meta fl-2019 dan il-premju ngħata lill-kittieba Torka Aslı Erdoğan, l-erba' membri tal-ġurija kkummentaw hekk fuqha:

> Meta wieħed iħares minn barra jintebaħ li l-qawwa tal-kitba (u IVA, tal-awtriċi nnifisha) hija l-qawwa ta' atturi kritiċi kompletament ġodda rrappreżentati min-nisa tal-lum – nisa li jorganizzaw, jitkellmu, jimmobilizzaw u jaġixxu għad-drittijiet ta' KULĦADD. Aslı hija vuċi straordinarja, waħda li tinstema' u tiġi diskussa mill-ġenerazzjoni żagħżugħa ta' nisa u rġiel Torok, kemm f'pajjiżhom kif ukoll fl-eżilju. ("Vaclav Havel Library")

L-għażla tal-membri tal-ġurija hawnhekk tidher li hija f'kongruwenza mal-għażla popolari tal-qarrejja żgħażagħ li l-attitudni u l-preferenzi tagħhom jistgħu jservu ta' indikaturi utli tar-rilevanza futura mhux biss tal-letteratura imma anke dik aktar speċifika ta' kanonu letterarju funzjonali.

Diversi teoristi għarfu l-validità tal-element politiku fil-letteratura, element topiku li spiss jiġbed l-attenzjoni ta' ħafna. Hekk għamlet, ngħidu aħna, il-Femminista Janet Wolff li, permezz ta' "Groundless Beauty: Feminism and the Aesthetics of Uncertainty," tintroduċi mill-ġdid l-apprezzament tal-element estetiku mingħajr ma taqa' fin-nasba Kantjana – hi tisħaq li s-sabiħ u l-politiku mhux bilfors ikunu f'kunflitt (147). Mill-banda l-oħra, mhux il-kritiċi biss qegħdin ifittxu l-element politiku fil-letteratura favorita tagħhom. Kif jindika t-titlu tal-artiklu "Poetry Sales Soar as Political Millennials Search for Clarity," ħafna qarrejja żgħażagħ qegħdin iduru lejn il-letteratura sabiex isibu riflessjoni eżistenzjali fi żmien ta' taqlib politiku u soċjali. Mario Azzopardi, f'"Lejn l-Impenn tal-Poeta," jisħaq propju li l-poeta huwa moralment obbligat li jimpenja ruħu politikament u soċjalment permezz tal-poeżija u jasal jistqarr li: "Jekk jibqa' mutu lanqas jixraqlu l-isem ta' poeta, għax l-artist b'kuxjenza ma jistax ma jittawwalx fil-pjagi tan-nazzjon u tal-umanità" (17). Donna Ferguson tesplora kif il-poeżija impenjata qiegħda ssir aktar popolari, fenomenu li jseddaq l-idea ta' Said li l-kanonu letterarju għandu l-funzjoni fundamentali li jibqa' jtella' dawn it-tip ta' xogħlijiet fil-wiċċ sabiex il-letteratura tibqa' rilevanti.

Fiż-żmien tal-attività letterarja fl-era Kożmopolita, kulma jmur qiegħed jinħass il-bżonn tal-fjoritura tal-element politiku fil-letteratura Maltija. Kif jistqarr Wayne Flask f'intervista tal-2020, tinħass il-ħtieġa urġenti ta' "aktar onestà intellettwali minn ħafna kittieba oħra li jibżgħu mill-barri aħseb u ara jippruvaw jaqbdulu qrunu, minn artisti li jibżgħu jiftħu ħalqhom u jsemmu fatti u ismijiet biex ma jmurx jitilfu xi fondi għall-canapès u minn poeti li moħħhom wisq fir-rima iżda mbagħad spiss jinjoraw il-mewġ iħabbat" ("Letteratura: Il-Qaddsa xi Dwejjaq"). L-apprezzament letterarju ta' dan l-aspett jidher li għadu wkoll fl-infanzja tiegħu. Meta Adrian Grima kkummenta dwar "it-thriller politiku traġiku u umiljanti" tal-perjodu politikament imwiegħer li esperjenzat Malta wara l-qtil tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia, huwa rrefera għal dawk ix-xogħlijiet letterarji li offrewlu opportunità ta' riflessjoni dwar in-naħat oskuri tal-karattru uman, fosthom ir-rumanzi tal-Mafia ta' Leonardo Sciascia u n-"novella twila u bla ħniena ta' Frans Sammut tal-1979 . . . 'Il-Qtil ta' Sqaq il-Ħorr'." Ir-rilevanza politika tal-kittieba kanoniċi, hawn issottolineata minn parteċipant attiv fil-proċess kanoniku Malti, hija indikazzjoni li din il-kwalità letterarja hija mfittxija mill-qarrejja ("Wara t-Tradiment"). Kif jissuġġerixxi Friggieri fl-ewwel taqsima ta' *L-Idea tal-Letteratura* intitolata propju "Il-Letteratura: il-Ħajja Mbiddla f'Kelma," il-letteratura kapaċi tibdel l-esperjenza immedjata f'forma artistika kurrenti u li tappella. Huwa jelabora dan it-twemmin fundamentali billi jikkonkludi li "l-letteratura, kif inhi mifhuma llum, hi t-tidwib, it-tisrif tal-ħajja f'damma ta' kliem" (6). Fid-diskors "Il-Waqt Storiku tal-Poeżija," li sar ukoll fil-perjodu mqanqal li fih bdiet tinkixef ir-rabta bejn elementi ewlenin fit-tmexxija tal-gvern tal-ġurnata u l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, Grima jikkummenta dwar kif il-poeżiji ta' Mario Cardona jittrasformaw "l-ansjetajiet u l-ġibdiet negattivi tagħna fi ġmiel, f'ritmi u mużikalità."

Grima jispjega kif din il-letteratura ssir rilevanti għax għandha l-ħila tibdel "id-diżorjentament tal-mument fi xbihat u metafori li jmissu l-qalb u l-qalba tal-eżistenza" tal-qarrejja tagħha. Iżda dan jista' jwassalna għal riflessjoni ulterjuri: meta l-kanonizzatur jagħżel lil min se jagħmel diskors jew lil min se jikteb daħla jkun qiegħed jiggwida lilna l-qarrejja biex nagħrfu dawk ix-xogħlijiet letterarji li jirriflettu l-aħjar "id-diżorjentament tal-mument" li ninsabu fih u li jaslu "jagħtuna mqar ħjiel tal-misteru l-kbir tal-ħolqien" (Grima "Il-Waqt"). Tali kriterju tal-għażla jagħmel parti mis-sies li fuqu jserraħ il-proċess kanoniku meta jkun qiegħed jiffunzjona b'mod ideali jew, għall-inqas, skont kif ipproponew kritiċi bħal Said u oħrajn. Madankollu, huwa improbabbli, jew aħjar impossibbli, li l-proċess selettiv li jħaddmu l-kanonizzaturi ma jkunx mittiefes mis-suġġettività u minn elementi influwenti oħrajn li jistgħu jtappnu l-imparzjalità tiegħu.

# Glossarju

**agon**
*agon*
Is-sens ta' ansjetà konflittwali preżenti fix-xogħol letterarju; l-agon joħroġ ukoll mill-ispirtu kompetittiv bejn ix-xogħlijiet li jiġġieldu għall-ispazju kanoniku. Skont Harold Bloom, ix-xogħol irid jirbaħ dan l-agon mat-tradizzjoni u mal-kompetituri l-oħra biex jiddaħħal fil-kanonu letterarju.

**ansjetà tal-influwenza**
*anxiety of influence*
Harold Bloom jitkellem ukoll dwar l-ansjetà tal-influwenza letterarja li tinsab fix-xogħol u mhux fl-awtur; jemmen ukoll li l-ansjetà tal-influwenza hija frott ta' att kumpless ta' interpretazzjoni "kreattiva" u qawwija ta' xogħol letterarju, il-qari konxjament skorrett li sejjaħlu "misinterpretazzjoni poetika" ("*poetic misprision*").

**kanonisti**
*canonists*
It-teoristi li huma favur l-idea tal-kanonu u li jiddefenduha, f'kuntrast mal-"antikanonisti" li jridu jeliminawha. Skont l-antikanonisti l-idea ta' kanonu letterarju hija konċettwalment esklussivista għax, qabelxejn, hija imbuttata mill-klassi elitista. Għaldaqstant, minħabba l-assoċjazzjoni tal-kanonu letterarju mal-kunċetti ta' manipulazzjoni u ta' propaganda, l-antikanonisti spiss jiżvalutaw is-supremazija u l-oriġinalità tal-kittieba meqjusa kanoniċi.

**kanonizzaturi**
*canonisers*
L-aġenti ewlenin tax-xena letterarja, bħall-akkademiċi, il-pubblikaturi, l-antoloġisti, l-aġġudikanti tal-premjijiet letterarji u l-membri tal-bordijiet tas-sillabi, li jeżaltaw jew iwarrbu x-xogħlijiet letterarji u li l-għażliet tagħhom jaffettwaw l-inklużjoni u l-esklużjoni tal-istess xogħlijiet fil-kanonu letterarju.

**letteratura la għolja la baxxa**
*nobrow literature*
Dan it-terminu jirreferi għall-kunċett tan-"nobrow literature" li ħareġ bih Peter Swirski fil-ktieb tiegħu *From Lowbrow to Nobrow*. Fih ippropona l-eżistenza ta' kategorija ta' kitbiet letterarji li la jaqgħu taħt il-kappa ta' letteratura għolja u lanqas taħt dik ta' letteratura baxxa (termini li jikkorrispondu għal "highbrow" u "lowbrow literature") – hija kategorija li tisfida u tiċħad l-idea nnifisha ta' kategorizzar.

# Biblijografija

Alam, Fakrul. "Confronting the Canon Contrapuntally: The Example of Edward Said." *The English Paradigm in India: Essays in Language, Literature and Culture*, editjat minn Shweta Rao Garg u Deepti Gupta, Palgrave Macmillan, 2017, pp. 31-47.

Aquilina, Ġużè. "Il-Poeżija ta' Ġorġ Pisani." *Il-Għid taż-Żgħożija* ta' Ġorġ Pisani, A. C. Aquilina & Co., 1984, pp. iii-xii.

Azzopardi, Mario. "Lejn l-Impenn tal-Poeta." *Analiżi*, vol. 6, nru 2, 1992, pp. 16-17.

Bloom, Harold. *The Western Canon*. Harcourt Brace & Company, 1994.

Callus, Ivan. "Incongruity and Scale: The Challenge of Discernment in Maltese Literature - or, Should the Other Bother? How a Minor Literature Might Matter." *transcript-review.org,* transcript-review.org/en/issue/transcript-38-malta/essay-incongruity-and-scale-by-ivan-callus. Aċċessat 25 Mej. 2015.

Casanova, Pascale. *The World Republic of Letters*. Tradott minn M. B. DeBevoise. Harvard UP, 2004.

Ehrat, Noemi. "A Wide Range Of Voices: A Glimpse into the Current Icelandic Poetry Scene." *grapevine.is*, grapevine.is/mag/feature/2018/08/24/a-wide-range-of-voices-a-glimpse-into-the-current-icelandic-poetry-scene/. Aċċessat 15 Jan. 2023.

Esposito La Rossa, Rosario. "In Italia si Stampano Troppi Libri. Forse è il Caso di Smetterla." *ilfattoquotidiano.it*, ilfattoquotidiano.it/2019/03/06/in-italia-si-stampano-troppi-libri-forse-e-il-caso-di-smetterla/5016263. Aċċessat 6 Jan. 2023.

"Everyman's Library." *knopfdoubleday.com*, knopfdoubleday.com/imprints/#everymans-library. Aċċessat 13 Frar 2023.

Fenech, Dwardu. *Wirt il-Muża*. Edizzjoni P.A.M., 1977.

Ferguson, Donna. "Poetry Sales Soar as Political Millennials Search for Clarity." *theguardian.com*, theguardian.com/books/2019/jan/21/poetry-sales-soar-as-political-millennials-search-for-clarity. Aċċessat 18 Sett. 2022.

Flask, Wayne. Intervistat minn Kevin Saliba. "Letteratura: Il-Qaddsa xi Dwejjaq!" *illum.com.mt*, illum.com.mt/kultura/arti/59882/ letteratura__ilqaddsa_xi_dwejjaq. Aċċessat 7 Lul. 2022.

Friggieri, Oliver. *L-Idea tal-Letteratura - Daħla għall-Istudju tal-Arti tal-Kelma.* Midsea, 1986.

---. *L-Istorja tal-Poeżija Maltija*. PIN, 2001.

---. "It-Triloġija: Hekk Tħabbat il-Qalb Maltija." *akkademjatalmalti.org*, akkademjatalmalti.org/2015/11/30/it-trilogija-hekk-thabbat-il-qalb-maltija. Aċċessat 2 Diċ. 2015.

Grech, Sergio. "L-Għawdxi li Rebaħ l-Insularità: Pawlu Mizzi (1929-2019)." *Il-Malti*, XCI, 2018, pp. 104-107.

Grima, Adrian. "Wara t-Tradiment." *islesoftheleft.org*, islesoftheleft.org/wara-t-tradiment. Aċċessat 12 Jan. 2023.

---. "Il-Waqt Storiku tal-Poeżija." *adriangrima.com*, adriangrima.wordpress.com/2019/12/02/il-waqt-storiku-tal-poezija. Aċċessat 16 Jan. 2020.

"Icelandic Literature Center." *islit.is*, islit.is/en/about-us/. Aċċessat 6 Diċ. 2019.

Ignon, Lance. "By Rapping *The Iliad*, Classics Professor Makes Ancient Literature Relevant Again." *news.usc.edu*, news.usc.edu/161423/brandon-bourgeois-classics-the-iliad-rap/. Aċċessat 2 Mej. 2023.

Kellman, Steven, G. "The End of Literary Studies?" *Chronicle of Higher Education*, vol. 64, nru 25, 2018, p. 10.

Kolbas, Dean. *Critical Theory and the Literary Canon*. Westview P, 2001.

"La Satira Oggi." *wattpad.com*, wattpad.com/163661784-satira-what%27s-satira-la-satira-oggi. Aċċessat 16 Frar 2023.

"Mary Meilak." *akkademjatalmalti.org*, akkademjatalmalti.org/bijografiji/mary-meilak. Aċċessat 10 Frar 2023.

Mifsud, Immanuel. "Biża'." *immanuelmifsud.writeas.com*, immanuelmifsud.writeas.com/biza. Aċċessat 10 Jan. 2023.

---. "Introduzzjoni." *Il-Kitba Teatrali f'Malta – Hemm xi Kriżi?*, editjat minn Marco Galea et al., Malta University Publishing, 1998, pp. 7-9.

"Razju Vidal ta' E. Serracino lnglott." *Il-Malti*, vol. 17, nru 4, 1941, p. 146.

Said, Edward. *The World, the Text and the Critic*. Harvard UP, 1983.

Serracino Inglott, Peter. "Maltese Literature in the Sixties." *Hyphen*,  vol. 1, nru 3, 1978, pp. 44-49.

Sigurðsson, Gísli. "Icelandic National Identity. From Romanticism to Tourism." *Making Europe in Nordic Context*, nru 35, 1996, pp. 41-75.

Swirski, Peter. *From Lowbrow to Nobrow*. McGill-Queen's UP, 2005.

"Vaclav Havel Library Foundation Announces Asli Erdogan as the 2019 Winner, Disturbing the Peace, Award to a Courageous Writer at Risk." *www.vhlf.org*, vhlf.org/awards/vaclav-havel-library-foundation-announces-asli-erdogan-as-the-2019-winner-disturbing-the-peace-award-to-a-courageous-writer-at-risk. Aċċessat 2 Mar. 2023.

Wolff, Janet. "Groundless Beauty: Feminism and the Aesthetics of Uncertainty." *Feminist Theory*, vol. 7, nru 2, 2006, pp. 143–58.

Żahra, Trevor. Intervistat minn Sergio Grech. "Emerġenti," skeda II, nru 17, *campusfm.um.edu.mt*, campusfm.um.edu.mt/pages/webcastspages/Spring_20/emergenti_mainpage.html. Aċċessat 16 Frar 2023.

# “Għidli ma’ min tagħmilha...” Daqqa t’għajn lejn il-kollokazzjoni

JOSEPH BUTTIGIEG

## SINTEŻI

Dan l-istudju jagħti ħarsa lejn il-kollokazzjoni, il-fenomenu ta’ kif il-kliem ifittex kliem ieħor b’ċerta regolarità, jekk mhux ukoll b’mod esklussiv. Wara li jintwera kif il-livell lessikali tal-lingwa beda jingħata l-importanza li tistħoqqlu minn Firth u oħrajn li mxew fuq il-passi tiegħu, jitfissru l-karatteristiċi ewlenin tal-kollokazzjoni. Tingħata attenzjoni partikolari liż-żewġ approċċi ewlenin f’dan il-qasam, dak frażjoloġiku u dak lessikali, li jibbaża aktar fuq il-frekwenza. B’referenza għal dan tal-aħħar, jiġi spjegat kif l-għanqud lessikali jista’ jintuża biex jiġi strutturat il-lessiku ta’ oqsma tad-diskors partikolari u kif jista’ jservi ta’ muftieħ biex jissolvew każijiet ta’ polisemija u omonimija. Dan kollu jiġi inkwadrat fil-qafas tal-lingwistika tal-korpora li tixħet dawl uniku fuq il-lingwa bid-data li tipprovdi u bil-metodoloġija li tħaddem.

## ABSTRACT

This study provides an overview of collocation, the phenomenon of how words co-occur with other words with a certain regularity, if not exclusively. It outlines how the lexical level of language was recognised and given its due importance by Firth and his followers, and highlights the main characteristics of collocation. Special attention is given to the two main approaches in this field, namely the phraseological and the lexical, which is more frequency-based. With reference to the latter, it is shown how lexical clusters can be used to structure the lexicon in particular fields of discourse, and how it can be key in solving cases of polysemy and homonymy. All this is framed within the context of corpus linguistics, which sheds unique light on language through the data it provides and the methodology it employs.

Jgħidu li kelma ġġib l-oħra, u hekk hu, għax il-kliem għandu ħabta jaqa' ħelu ħelu fuq xi suġġett, donnu bla ma wieħed jintebaħ. Imma kelma letteralment iġġib l-oħra, għax il-kliem rari ma ssibux f'kumpanija, u bħalma bniedem jingħaraf minn ħbiebu, hekk ukoll il-kliem. Kull kelma tiġbed magħha kliem ieħor. Hawn kliem li jaf imur u l-ħbieb ifittxuh, u hawn kliem li ma jagħmilhiex ma' kulħadd.

Min hu midħla ta' *jibbru* jafha bħala kelma riservata, tant li għandha ħabiba waħda tal-qalb, li jisimha *għajnejn*. Min-naħa l-oħra, kelma bħal *bieb* hija aktar soċjevoli: tagħmilha ma' *għatba*, ma' *fetaħ*, *għalaq*, *bexxaq* u *ħabbat*, ma' *prinċipali*, u ma' bosta oħrajn, saħansitra magħha stess. Imma taf tkun ta' rasha wkoll. Mhux lakemm tgħidilha biex flok ma' *għatba* tagħmilha ma' *tarġa*, għax twieġbek li bħal *bieb u għatba* m'hawnx.

Dan l-istudju jagħti ħarsa ġenerali lejn il-kollokazzjoni, jiġifieri l-fenomenu ta' kif il-kliem jokkorri ma' xulxin, xi drabi b'mod esklussiv.

## 1. IL-LIVELL LESSIKALI

Meta tiddiskuti l-kollokazzjoni, Nesselhauf (2005, p. 11) tirrimarka li dan it-terminu jintuża f'sensi differenti, xi drabi vagi u li jvarjaw sew minn xulxin, imma d-definizzjonijiet kollha b'xi mod jirreferu għar-relazzjoni sintagmatika bejn il-kliem.

Wieħed mill-punti fundamentali li jiddiskuti Saussure fil-*Cours de Linguistique Générale* (1916/1967, pp. 170–173) huwa d-dikotomija bejn ir-relazzjonijiet sintagmatiċi u dawk paradigmatiċi. Ir-relazzjonijiet sintagmatiċi, jew orizzontali, joħorġu mill-fatt li l-lingwa min-natura tagħha hija lineari, għax fit-taħdit l-elementi tagħha jorganizzaw ruħhom b'mod sekwenzjali. Saussure jgħid li f'kombinamenti msensla abbażi tal-linearità, imsejħa sintagmi, wieħed irid iqis mhux biss ir-relazzjoni li ddomm il-partijiet differenti, imma wkoll ir-relazzjoni bejn il-ħaġa sħiħa u l-partijiet li jsawruha. Huwa jinnota li mhux is-sintagmi kollha jippermettu l-istess ammont ta' improviżazzjoni u li l-lingwa fiha ħafna epressjonijiet fissi u idjomi li ma jippermettux tibdil. Ir-relazzjonijiet paradigmatiċi, li huwa jsejħilhom "rapports associatifs" jew relazzjonijiet assoċjattivi, jolqtu l-assi vertikali tal-lingwa, jiġifieri l-ħażna ta' possibbiltajiet jew għażliet relatati, merfugħa fil-memorja. Għaldaqstant, it-tifsira ta' element tingħaraf ukoll fil-kuntrast ma' elementi oħra li jistgħu jissostitwuh.




*Figura 1. L-assi jew ir-relazzjonijiet tal-lingwa*

Kif juru Barnbrook et al. (2013, p. 34), l-interdipendenza taż-żewġ tipi ta' relazzjonijiet ma tfissirx li kull wieħed ma jistax jittieħed fuq il-merti tiegħu. Għalkemm il-livell grammatikali u dak lessikali huma marbutin flimkien, jiswa ferm li dawn iż-żewġ livelli fil-lingwa jiġu iżolati għal skopijiet ta' studju. Meta J. R. Firth adotta t-terminu "kollokazzjoni" f'sens tekniku, mhux biss kien qiegħed jagħraf is-sehem ta' dan il-fenomenu fit-tiswir ta' mudelli lingwistiċi, imma kien qiegħed ukoll iwitti t-triq biex il-livell lessikali jingħata l-attenzjoni li tistħoqqlu. Fl-esej "Modes of Meaning" (1957, pp. 194–196), huwa u jiddiskuti qafas ta' lingwaġġ deskrittiv għad-diversi livelli tal-analiżi lingwistika, jikteb hekk: "I propose to bring forward as a technical term, meaning by 'collocation,' and to apply the test of 'collocability'." Firth jagħmilha ċara li t-tifsira skont il-kollokazzjoni la għandha x'taqsam mat-tifsira kuntestwali u lanqas tolqot direttament l-approċċ kunċettwali għall-qasam tat-tifsir. It-tifsira skont il-kollokazzjoni jiddefiniha bħala "astrazzjoni fil-livell sintagmatiku," meta jġib bħala eżempju: "One of the meanings of *night* is its collocability with *dark*, and of *dark*, of course, collocation with *night*."

Firth aktar jagħti indikaturi (Sinclair, Jones, & Daley, 2004, p. xviii) milli joħroġ b'xi teorija żviluppata dwar il-qasam lessikali, tant li Lyons (1977, p. 612) jargumenta li Firth baqa' qatt ma ċċara x'inhi l-kollokabbiltà. Madankollu xogħlijietu xorta ħallew influwenza qawwija fuq ġenerazzjoni ta' lingwisti li fehmu kemm l-istudju tal-livell lessikali seta' jixħet dawl fuq il-lingwa jekk ma jibqax imtaħħat għalkollox għall-grammatika. Halliday (1966, pp. 150–153)

jargumenta li l-grammatika mhix kapaċi tagħmel ċerti distinzjonijiet ta' natura lessikali u li jaqbel li jkun hemm mudell deskrittiv tal-lingwa li jagħmel tajjeb għalihom. Sinclair (1966, p. 411) juri l-istess fehma f'"Beginning the Study of Lexis": l-istudju tat-tendenzi kollokattivi ta' elementi lessikali għandu jrodd fatti dwar il-lingwi li ma jistgħux jinkisbu b'analiżi grammatikali. Ngħidu aħna, ma tistax tingħata spjegazzjoni grammatikali għala *safa* tieħu kollokati bħal *megħlub*, *aggredit*, *misruq* u *msawwat*, waqt li *mfaħħar*, *ippremjat* jew *dekorat* ma teħodhomx, anke jekk dawn tal-aħħar huma parteċipji passivi bħal tal-ewwel. F'każ bħal dan wieħed ikollu jfittex ir-raġuni fuq il-livell lessikali.

Bartsch u Evert (2014, p. 49) josservaw li biex setgħet isseħħ il-qabża mill-ewwel studji empiriċi dwar il-kollokazzjoni miġbura manwalment għall-istudji aktar reċenti fuq korpora kompjuterizzati, il-kunċett ta' kollokazzjoni mhux biss kellu jiġi definit, imma wkoll jinstablu metodu kif jiġi applikat. Sinclair jitqies wieħed mill-pijunieri f'dan ir-rigward, mhux l-inqas fejn tidħol il-metodoloġija. Fix-xogħol imsemmi aktar 'il fuq jiddeskrivi metodu li diġà kien qiegħed iħaddmu flimkien ma' lingwisti oħrajn fi proġett li kien inbeda fl-Università ta' Edinburgh fl-1963 u li kellu jintemm f'dik ta' Birmingham fl-1969 (Sinclair, Jones, & Daley, "English Collocation Studies. The OSTI Report," 2004). Kif jistqarr hu stess, it-teorija dwar il-lessiku kienet għadha ftit jew wisq rudimentali, u t-teknika tal-analiżi bażika żżejjed, imma s-sisien kienu tqiegħdu. Sinclair jistabbilixxi li l-element lessikali li jkunu se jiġu studjati l-kollokazzjonijiet tiegħu jista' jissejjaħ in-"nodu". Imbagħad tiġi definita "medda" magħmula minn għadd ta' elementi lessikali fuq kull naħa tan-nodu. Id-daqs tal-medda jista' jvarja, u Sinclair ma jeskludix li lingwi b'sintassi aktar flessibbli jafu jirrikjedu meded itwal biex jinqabdu l-kollokazzjonijiet sinifikanti. Dawk l-elementi li jaqgħu fil-medda sejħilhom "kollokati". Huwa wera wkoll kif abbażi tal-kollokati jista' jinstab l-"għanqud" tal-element lessikali, jiġifieri kif dan l-element jiġi previst minn elementi oħrajn li statistikament jokkorru ta' spiss miegħu.

| | | |
|---|---|---|
| hekk li l-Kummissjoni Ewropea | **għokritha** | għajnha minn dawn it-tkeċċijiet |

*Figura 2. Eżempju mill-Korpus Malti 4.2 (2024) ta' KWIC (Key Word in Context), bin-nodu fin-nofs ta' medda magħmula minn ħames elementi fuq kull naħa (5:5). Kull element fil-medda f'dan il-każ huwa kollokat ta'* **għokritha.**

Skont Halliday (1961, pp. 276–277), l-astrazzjoni tal-element lessikali tiddependi mir-relazzjonijiet lessikali formali li jidħol fihom, u stqarrijiet formali fil-qasam lessikali jirrikjedu studji testwali li jinvolvu elementi

lessikali f'kollokazzjoni bi frekwenza fuq skala kbira. Il-korpus li ntuża minn Sinclair fil-proġett imsemmi kien ta' madwar 135,000 kelma, waqt li l-Brown Corpus, mibni indipendentament fl-istess żmien minn Francis u Kučera kien fih madwar miljun kelma. Iż-żewġ ġabriet kienu ristretti ħafna meta mqabblin mal-korpora tal-lum li jħaddnu mijiet ta' miljuni ta' kliem. Barra minn hekk, kellhom jgħaddu s-snin sa ma t-teknoloġija avvanzat biżżejjed biex timmaniġġja korpora kbar. Imma dawn il-limitazzjonijiet juru kemm kienu sinifikanti l-kisbiet li saru. Waqt li meta nbdew dawn il-proġetti l-lingwistika tal-korpora kif nafuha ma kinitx teżisti, lanqas bħala terminu tekniku, sa ma ntemmu kienet ġiet stabbilita t-terminoloġija bażika u l-metodoloġija li għadha tintuża sal-lum.

## 2. LEJN DEFINIZZJONI TA' KOLLOKAZZJONI

### 2.1 Karatteristiċi tal-kollokazzjoni

Id-definizzjonijiet ta' kollokazzjoni jvarjaw, u apparti r-relazzjoni sintagmatika m'hemm ebda karatteristika li tixref f'kull waħda minnhom. Imma jekk wieħed iħares lejn karatteristiċi li jissemmew spiss, jista' jasal għal sett ta' kriterji li jgħinu biex il-kollokazzjoni tiġi identifikata.

Minn definizzjoni konċiża bħal ta' Stubbs (2002, p. 29), "Collocation is frequent co-occurrence", diġà jistgħu jinsiltu żewġ karatteristiċi, jiġifieri l-kookkorrenza u l-frekwenza.

Il-kookkorrenza tirreferi għall-fatt li żewġ elementi lessikali jew aktar jidhru flimkien f'test, għad li mhux neċessarjament eżatt maġenb xulxin (McEnery & Hardie, 2012, p. 123). Sinclair (1991, p. 170) u Baker et al. (2006, p. 36) jindikaw li din id-distanza trid tkun qasira u li l-elementi jridu jkunu ġirien. Halliday jispeċifika li element ikun "at *n* removes (a distance of *n* lexical items)" minn ieħor, u l-valur ta' *n* normalment ma jkunx aktar minn 5 jekk noqogħdu fuq Hoey (2005, p. 5) li l-elementi jridu jkunu "up to four words apart". Il-kombinament tagħhom fuq il-livell sintagmatiku ġie deskritt, fost l-oħrajn, bħala "syntagmatic association" (Halliday, 1961, pp. 276–277) u "lexeme combinations" (Nesselhauf, 2005, p. 1).

Għad li ma jidhirx li kien favur studji ta' frekwenza (Tognini-Bonelli, 2001, p. 157), Firth qed jimplika l-frekwenza fid-definizzjoni tiegħu ta' kollokazzjoni, meta jirreferi għal "the habitual or customary places of that word in

collocational order" (1968, p. 181). Bartsch (2004, p. 76) issemmi kookkorrenzi rikorrenti, waqt li Carter (1998, p. 51) juża l-kliem "occur repeatedly." Però, mhux il-lingwisti kollha jqisu l-frekwenza bħala indikazzjoni fiha nnifisha u jinsistu li biex il-kollokazzjoni tkun sinifikanti jeħtieġ li l-frekwenza titqies b'mod relattiv. Hoey (2005, p. 5) jgħid li r-repetizzjoni trid tkun "more often than is explicable in terms of random distribution," waqt li Sinclair (2004, p. 10) jgħid li l-elementi jridu jokkorru aktar spiss milli l-frekwenzi rispettivi tagħhom, u t-tul tat-test li jidhru fih, iġegħluk tissopponi.

Karatteristika oħra hija l-esklussività, jiġifieri li element lessikali jeskludi għalkollox, jew kważi, kull kombinament ma' elementi oħra ħlief dawk li jinsab f'kollokazzjoni magħhom. Nesselhauf (2005, p. 1) tara f'din it-tip ta' relazzjoni restrizzjoni arbitrarja, kombinament li sa ċertu punt huwa lessikament u/jew sintattikament fiss. Bartsch (2004, p. 76) issejjaħ dawn il-kookkorrenzi kostretti lessikament u/jew pragmatikament. Dan il-fattur minnu nnifsu jimplika element ta' tbassir jew prevedibbiltà. Jekk żewġ elementi aktarx li jinstabu dejjem flimkien, wieħed minnhom se jippresupponi l-preżenza tal-ieħor. Halliday (1961, pp. 276–277) jiddeskrivi dan il-fenomenu bħala "probabbiltà", waqt li Baker et al. (2006, p. 36) jarawh bħala possibbiltà ikbar li kelma tokkorri ma' oħrajn f'ċerti kuntesti. Hawnhekk tajjeb li wieħed jiċċara li f'kollokazzjoni aktarx li s-saħħa kollokattiva tkun f'direzzjoni waħda. Pereżempju, fil-Korpus Malti 4.2 il-kelma *dlam* tissemma 6,394 darba u, abbażi ta' medda ta' 5:5, l-aktar element lessikali li jikkolloka magħha huwa *dawl* (1,043 darba), segwit minn *kien* (587 darba) u *ċappa* (423 darba). Il-kelma *ċappa* tissemma 663 darba, u f'408 każi minnhom instabet f'kollokazzjoni ma' *dlam*. Il-frażi *dlam ċappa* tissemma 379 darba. Huwa evidenti li *ċappa* tippresupponi l-kelma *dlam* aktar milli *dlam* tiddependi fuq *ċappa*.

Diversi lingwisti jsemmu karatteristiċi oħrajn, jew jużaw termini differenti għall-istess ħaġa. Ngħidu aħna, Brezina et al. (2015, pp. 140–141) fost kriterji oħra, jenfasizzaw il-konnettività bejn il-kollokati individwali. Dan il-kriterju jirreferi għall-fatt li l-kollokati ta' element lessikali ma jeżistux maqtugħin għalihom imma jiffurmaw parti minn xibka kumplessa ta' relazzjonijiet semantiċi li fl-aħħar mill-aħħar juru t-tifsira u l-istruttura semantika ta' test jew korpus.

Bartsch (2004, pp. 76–77) min-naħa tagħha tgħid li kollokazzjonijiet li l-frekwenza tagħhom tkun instabet statistikament sinifikanti, iridu jittaħħtu għal dawn il-kriterji kwalitattivi: (i) il-kostitwenti jrid ikollhom relazzjoni sintattika diretta bejniethom; u (ii) juru selezzjoni lessikali limitata fuq il-livell lessikali u/jew pragmatiku; jew (iii) ikollhom element ta' opaċità semantika

b'mod li t-tifsira tal-kollokazzjoni ma tkunx deduċibbli mit-tifsiriet tal-kostitwenti, bħalma jiġri fl-idjomi.

Waħda mir-raġunijiet għala d-definizzjonijiet ivarjaw daqstant tista' tkun li l-lingwisti jagħtu definizzjoni ta' kollokazzjoni li tiffaċilita l-metodoloġija li jkunu jeħtieġu huma u jistħarrġu l-qasam rispettiv tagħhom. Lingwisti li jħaddnu l-approċċ frażjoloġiku, bħal A. P. Cowie, jenfasizzaw il-kwalità tal-kombinamenti, forsi minħabba li jiffokaw fuq kwistjonijiet fl-oqsma tal-lessikografija u tal-pedagoġija. Fosthom ta' min isemmi l-isfida ta' kif elementi lessikali komposti u kollokazzjonijiet jistgħu jiġu identifikati u ppreżentati fid-dizzjunarji, li tradizzjonalment jippreżentaw kliem f'ordni alfabetiku u mhux frażijiet. Kwistjoni oħra hija kif min jistudja lingwa li mhuwiex kelliem nattiv tagħha jista' jaħkem dawn il-kollokazzjonijiet. Għaldaqstant, jiswa li tingħata ħarsa lejn kif tipi differenti ta' kombinamenti jistgħu jingħażlu minn xulxin.

## 2.2 Gradi differenti ta' kombinament

Meta jittratta l-kwistjoni ta' kif toħroġ it-tifsira minn test, Sinclair (1991, pp. 109–115) jagħti żewġ mudelli ta' interpretazzjoni: il-prinċipju tal-għażla miftuħa u l-prinċipju tal-idjoma.

Skont il-prinċipju tal-għażla miftuħa, test huwa r-riżultat ta' għadd kbir ta' għażliet kumplessi. It-test jiftaħ firxa kbira ta' possibbiltajiet huwa u jiġi kompost, u l-unika restrizzjoni hija l-grammatikalità. Bħallikieku t-test huwa magħmul minn serje ta' slots x'jimtlew, u l-kelliema jimlew il-vojt billi jagħżlu mill-ħażna kliem li għandhom.

Min-naħa l-oħra, jekk wieħed jimxi mal-prinċipju tal-idjoma, jidher ċar li l-kelliema għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom numru kbir ta' frażijiet kważi lesti li fihom infushom jgħoddu bħala għażla waħda, anke jekk mad-daqqa t'għajn donnhom jistgħu jiġu żarmati f'partijiet kostitwenti. Ngħidu aħna, frażijiet bħal *fuq fuq* jintużaw bħallikieku kienu kelma waħda u l-ispazju bejn iż-żewġ kelmiet ma jagħmilx differenza, l-istess kif fi kliem bħal *daqslikieku* ma jiġux analizzati l-elementi kostitwenti. Għaldaqstant, il-prinċipju tal-idjoma jidħol biex jagħmel tajjeb fejn il-mudell tal-għażla miftuħa ma jkollux ħila jispjega r-restrizzjonijiet li jirregolaw għażliet konsekuttivi. Anzi Sinclair, wara li juri kemm il-frażijiet huma determinanti fit-tiswir ta' test, jasal jissuġġerixxi li f'testi normali, dan il-prinċipju bħala regola għandu jiġi applikat l-ewwel. Biex ifisser dan il-fenomenu, Bolinger (1979, pp. 95–96) jinqeda b'metafora mill-qasam tal-kostruzzjoni: "I want to suggest that language is a structure, but in some ways a jerry-built structure." Il-lingwa ma tippretendix li nibnu

kollox mill-bidu imma tipprovdilna "an incredibly large number of prefabs" li jippersistu anke meta nżarmaw uħud minnhom u nġonġuhom b'modi li ħadd ma kien jobsorhom.

Billi l-kollokazzjoni hija kwistjoni ta' grad (Williams, 2001, p. 3), mhux faċli li tinqata' linja fejn tidħol il-klassifikazzjoni ta' dawn il-frażijiet "prefabbrikati". Għaldaqstant, wieħed irid iħares lejn il-kriterji li jintużaw biex jingħażel tip ta' kombinament minn ieħor.

Fil-każ ta' elementi komposti, Cowie (1981, pp. 223–230) jagħti klassifika ta' erba' tipi ta' kombinamenti f'sekwenza gradata (ara Tabella 1), u jinqeda b'żewġ kriterji: l-opaċità, jiġifieri jekk it-tifsira tkunx letterali jew le, u s-sostitwibbiltà, jiġifieri kemm is-sostituzzjoni tal-elementi li jsawru l-kombinament tkun ristretta. Il-kombinamenti jvarjaw mill-kombinament ħieles, li jippermetti bosta possibbiltajiet sakemm ikun hemm koeżjoni semantika, għall-idjoma propja li fiha l-elementi kostitwenti ma jistgħux jiġu sostitwiti u individwalment lanqas ma jixħtu dawl fuq it-tifsira tal-idjoma bħala ħaġa sħiħa. Bejn iż-żewġt itruf tas-sekwenza hemm il-kollokazzjoni ristretta li, minkejja restrizzjoni ikbar dwar liema elementi jistgħu joqogħdu flimkien, iżżomm it-trasparenza tagħha, u l-idjomi figurattivi, li jistgħu jiġu interpretati kemm figurattivament kif ukoll letteralment, imma ma tantx jippermettu li xi element li jikkostitwihom jiġi sostitwit.

| TIP | OPAĊITÀ | SOSTITWIBBILTÀ | EŻEMPJI |
|---|---|---|---|
| Kombinament ħieles | Kostitwenti b'tifsira letterali | Restrizzjoni semantika biss | ***run a business***<br>***explode a bomb*** |
| Kollokazzjoni ristretta | Taħlita ta' kostitwenti b'tifsira letterali u oħrajn mhux letterali | Element ta' sostitwibbiltà imma b'limiti arbitrarji | ***command respect***<br>***explode a myth*** |
| Idjoma figurattiva | Tifsira figurattiva, imma tinżamm ukoll l-interpretazzjoni letterali | Sostitwibbiltà rarament possibbli | ***do a U-turn***<br>***change gear*** |
| Idjoma propja | Tifsira figurattiva; ebda interpretazzjoni letterali ma tapplika | Sostitwibbiltà mhux possibbli | ***kick the bucket***<br>***spill the beans*** |

*Tabella 1. L-erba' tipi ta' kombinamenti skont Cowie (1981)*

Min-naħa tiegħu, Cruse (1986, pp. 37–45) jibbaża l-aktar id-distinzjonijiet tiegħu fuq il-gradi ta' opaċità u fuq il-koeżjoni semantika, jiġifieri kemm l-elementi kostitwenti jfittxu lil xulxin. Huwa jara l-opaċità f'sekwenza gradata rregolata minn żewġ fatturi: jekk il-kostitwenti tal-espressjoni humiex indikaturi semantiċi u jekk hemmx diskrepanza bejn il-kontribut tal-indikaturi meħudin f'daqqa u t-tifsira tal-espressjoni sħiħa. B'indikaturi semantiċi Cruse jifhem dawk l-elementi li ma jistgħux jitqiesu kostitwenti imma li xorta jkollhom funzjoni semantika li tirrelata mat-tifsiriet li jkollhom dawn il-forom meta jkunu kostitwenti semantiċi. Pereżempju, *black-* u *-bird* fi *blackbird* huma indikaturi semantiċi "sħaħ" għax, anke jekk l-għasafar nisa huma kannella u mhux suwed, l-iswed xorta huwa l-karatteristika ewlenija tal-ispeċi. Indikaturi bħal *-house* fi *greenhouse* jissejħu "indikaturi parzjali" (partial indicators) għax waqt li *-house* hawnhekk ma tfissirx dar, hija tip ta' bini bħal dar (1986, pp. 33–34). L-idjoma tingħażel mill-kollokazzjoni għax, filwaqt li hija lessikament kumplessa, xorta titqies kostitwent semantiku minimu wieħed. Normalment ikollha struttura grammatikalment regolari, imma jeżistu idjomi li ma jsegwux ir-regoli sintattiċi. Filwaqt li ma tantx jippermettu li jiġu interrotti jew li jingħataw ordni sintattiku differenti, xi drabi l-idjomi jistgħu jiġu fformulati mill-ġdid, bħal fil-każ ta' *ġibidlu saqajh* li minn frażi verbali tista' ssir frażi nominali, *ġbid tas-saqajn*. Fejn tidħol l-inflessjoni, l-idjomi li jippermettuha jsegwu r-regoli grammatikali. Min-naħa l-oħra, il-kollokazzjoni hija lessikament kumplessa u l-elementi li jsawruha jistgħu juru gradi differenti ta' koeżjoni semantika. Hekk, pereżempju, *curry favour* għandha koeżjoni ikbar minn *heavy drinker* li tippermetti s-sostituzzjoni taż-żewġ kostitwenti bħal f'*light drinker* jew *heavy smoker*. Dawn, min-naħa tagħhom, juru koeżjoni ikbar minn kollokazzjonijiet bħal *torrential rain* jew *light drizzle*, għax *heavy* għandha tifsira kuntestwalment ristretta meta mqabbla mat-tifsira li s-soltu jkollha f'kuntesti aktar newtrali. Il-kollokazzjonijiet jingħażlu mill-idjomi anke fl-opaċità għax kull kostitwent lessikali huwa wkoll kostitwent semantiku.

Benson et al. (1986, pp. 252–254) jagħfsu l-aktar fuq il-kriterju tal-koeżjoni biex jikklassifikaw il-kombinamenti lessikali, imma l-kriterju tal-opaċità jew tat-trasparenza, minkejja li ma jissemmiex, jiġi implikat għax iqisu d-differenza bejn l-idjomi u l-kollokazzjonijiet, fost l-oħrajn, skont jekk it-tifsira tal-kombinament hijiex riflessa fit-tifsira tal-elementi lessikali kostitwenti. Huma jagħtu s-sitt kategoriji li ġejjin:

> (i) il-kombinamenti ħielsa, jiġifieri dawk li l-komponenti tagħhom jistgħu jingħaqdu mingħajr wisq irbit u allura għandhom l-inqas koeżjoni. Pereżempju *murder* tista' tintuża ma' ħafna verbi: *to analyze*, *boast of*, *condemn*, *describe*, *discuss*, *disregard* eċċ., li min-naħa tagħhom jistgħu jintużaw b'mod ħieles ma' nomi oħrajn;

(ii) l-idjomi, li huma espressjonijiet relattivament fissi u li t-tifsira tagħhom mhix deduċibbli mit-tifsira tal-partijiet li jsawruhom, imma li jafu jippermettu xi tip ta' varjazzjoni grammatikali jew forsi anke lessikali. Magħhom Benson et al. idaħħlu l-qwiel li huma sentenzi sħaħ u ġeneralment aktar fissi mill-idjomi;

(iii) il-kollokazzjonijiet, jiġifieri dawk li (a) fihom xi element li juri sinonimija ristretta u ma jistax jiġi sostitwit faċilment, u li (b) bħala kombinamenti jintużaw spiss u minnufih jiġu f'moħħ il-kelliem. Pereżempju, f'*to commit murder*, *perpetrate* jidher li huwa l-uniku sinonimu li jista' jissostitwixxi l-verb. Hija wkoll kollokazzjoni li kelliem nattiv ma jistax ma jkunx midħla tagħha. Dawn il-kollokazzjonijiet ikunu kważi fissi, imma t-tifsira tal-frażi tirrifletti t-tifsira tal-elementi li jsawruha. Eżempji oħrajn huma *a pompous ass*, *pure chance*, *sincere condolences* u *mutual consent*;

(iv) il-kombinamenti tranżitorji, li huma bħal skaluna bejn il-kollokazzjonijiet u l-idjomi, peress li huma aktar fissi mill-kollokazzjonijiet imma t-tifsira tagħhom hija qrib dik issuġġerita mill-komponenti tagħhom, eż. *to foot the bill*, *to catch one's breath*, *to catch somebody's fancy* u *to curry favour*;

(v) il-komposti, jiġifieri elementi lessikali magħmula minn aktar minn kelma waħda u li ma jippermettu ebda tibdil, eż. *alternating current*, *definite article*, *diesel engine* u *intelligence quotient*. Magħhom jingħaddu l-verbi frażali, bħal *add up*, *break through*, *carry out*, *get away* u *run across*.

| RESTRIZZJONI KOLLOKATTIVA | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Kollokazzjoni mhux ristretta | Kollokazzjoni semiristretta | Kollokazzjoni spissa | Kollokazzjoni ristretta | |
| INQAS FISSI | *take {a look / a holiday / a rest / a letter / time / notice etc.}* | *harbour {doubt / grudges / uncertainty / suspicion}* | *innocent bystander*<br>*lukewarm reception*<br>*amicable divorce* | *stark naked*<br>*consider seriously*<br>*gin and tonic*<br>*cash and carry* | AKTAR FISSI |

| STRUTTURA SINTATTIKA | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Flessibbli | Regolari imma b'ċerti limiti | Irregolari | |
| INQAS FISSI | *break sombeody's heart*<br>*nice to see you* | *to smell a rat*<br>*we'll now take questions from the floor* | *to go one better*<br>*to hold true*<br>*the more the merrier* | AKTAR FISSI |

| OPAĊITÀ SEMANTIKA | | | |
|---|---|---|---|
| Trasparenti | “Semiidjoma” / metafora / similitudni idjomatika | Semitrasparenti | Opaki |
| *long time, no see*<br>*honesty is the best policy*<br>*we’re just good friends* | *we’re all in the same boat*<br>*an open-door policy*<br>*a fat salary*<br>*as sober as a judge* | *the business really took off*<br>*a watched pot never boils*<br>*a skyscraper* | (i) evidenti (mill-kuntest / mill-kultura), eż. *O.K., yuk, bottoms up.*<br>(ii) mistura, eż. *to carry the can, to kick the bucket* |

INQAS FISSI → AKTAR FISSI

*Tabella 2. Il-lessikalità ta’ espressjonijiet fissi skont Carter (1998)*

Carter (1998, pp. 64–72) jargumenta li d-distinzjoni ta’ Sinclair bejn il-prinċipju tal-għażla miftuħa u l-prinċipju tal-idjoma m’għandhiex tinftiehem bħala qtugħ nett, għax jeżistu għażliet miftuħa li mhumiex daqshekk “miftuħa” u idjomi li mhumiex daqshekk “fissi”. Għalhekk, huwa jipproponi li l-karatteristiċi lingwistiċi għandhom jinstabu bejn dawn iż-żewġ prinċipji skont tliet kriterji: ir-restrizzjoni kollokattiva, l-istruttura sintattika u l-opaċità semantika, waqt li jqis kull wieħed minnhom skont sekwenza gradata li tvarja minn inqas fissa għal aktar fissa (ara Tabella 2). Ir-restrizzjoni kollokattiva tvarja mill-kollokazzjoni mhux ristretta għall-kollokazzjoni ristretta, jiġifieri tibda minn elementi lessikali li jippermettu firxa wiesgħa ta’ kollokazzjonijiet, u tgħaddi għal kollokazzjonijiet semiristretti li fihom l-elementi li jistgħu jiġu sostitwiti huma ferm inqas. Imbagħad hemm il-kollokazzjoni spissa (jew “familiar collocation”) li tkopri kombinamenti bejn kelmiet li jinstabu flimkien regolarment u l-kollokazzjoni ristretta li l-kombinamenti tagħha ġeneralment huma aktar fissi u magħluqa. L-istruttura sintattika tvarja minn dik flessibbli, li tippermetti ċertu tibdil morfoloġiku jew sintattiku, għal dik regolari imma b’ċerti limiti, li tippermetti xi tibdil u inserimenti, u mbagħad għal dik irregolari, li ma tippermettix inserimenti jew tibdil, ħlief dak inflettiv. Fir-rigward tal-opaċità semantika, din tvarja minn kombinamenti trasparenti, li jinftiehmu jekk wieħed ikun jaf it-tifsira ta’ kull wieħed mill-kostitwenti, għal “semiidjomi”, metafori u similitudnijiet idjomatiċi, għal kombinamenti semitrasparenti, li wieħed irid jinterpretahom b’mod metaforiku-analoġiku biex jifhimhom, għal dawk opaki, li t-tifsira tagħhom wieħed ma jasalx għaliha billi jkun jaf xi jfissru l-kostitwenti imma billi jifhem il-kombinament bħala element lessikali wieħed. Carter jikkonkludi li waqt li dawn il-kriterji jridu jiġu analizzati separatament, spiss jidħlu f’xulxin b’tali mod li l-aktar espressjonijiet fissi huma dawk li jitqiesu “magħluqa” f’aktar minn kategorija waħda.

Klassifikazzjoni minnha nnifisha tista' tagħti l-impressjoni li fenomenu bħall-kombinamenti sintagmatiċi fuq il-livell lessikali jista' jitqiegħed f'garżelli b'mod ordnat. Imma l-fatt li jeżistu klassifikazzjonijiet differenti, ħafna drabi f'għamla ta' sekwenza gradata mingħajr linja ċara ta' qtugħ bejn kategorija u oħra, juri kemm dan mhuwiex minnu. Anzi Cowie (1981, pp. 232–233) jikkonkludi li aktar ma wieħed janalizza l-lingwa, aktar jikkonvinċi ruħu li l-elementi lessikali huma kumplessi ta' tipi diversi, aktar milli l-organizzazzjoni tradizzjonali tad-dizzjunarji u ideat riduzzjonisti tal-lessiku jġegħluna nemmnu. Huwa jirrimarka wkoll li l-kollokabbiltà hija rikorrenti, b'tali mod li l-kollokazzjonijiet u l-idjomi jissoktaw jikkollokaw 'il barra minnhom, bħalma *by chance*, ngħidu aħna, tista' tikkolloka ma' verbi bħal *find*, *notice*, *come across*, eċċ. – tip ta' kombinament li huwa jsejjaħlu "kollokabbiltà esterna".

## 2.3 Kollokazzjoni u kollokazzjoni

Minn dak li ġie diskuss sa issa, joħorġu żewġ interpretazzjonijiet tal-kollokazzjoni, li fuqhom jistrieħu żewġ approċċi ewlenin.

(i) L-approċċ lessikali: F'dan l-approċċ li jibbaża aktar fuq l-istatistika u l-frekwenza, il-kollokazzjoni tinftiehem bħala l-kookkorrenza ta' elementi lessikali f'ċerta medda, u r-rabtiet sintagmatiċi jiġu studjati statistikament bis-saħħa tal-kompjuter biex jinstabu l-mudelli lessikali ta' lingwa. Mid-definizzjonijiet li ġew ippreżentati, ħarġu dawn il-karatteristiċi ewlenin: il-kookkorrenza, il-frekwenza, u l-esklussività. Għalhekk, il-kollokazzjoni tista' tiġi definita bħala *l-kookkorrenza statistikament frekwenti ta' żewġ elementi lessikali jew aktar, b'mod tali li r-rabta kollokattiva tagħhom issir prevedibbli.* Ngħidu aħna, fost il-kollokati ta' *lotterija* fil-Korpus Malti 4.2, apparti verbi bħal *tirbaħ* u *tittella'*, modifikaturi bħal *Nazzjonali* u *super*, u nomi bħal *biljetti*, *irċevuti*, *tlugħ* u *logħob*, li huma ftit jew wisq prevedibbli, titla' wkoll il-kelma *penalties*. Waqt li bħala terminu sportiv m'għandux x'jaqsam direttament mal-logħob tal-azzard, hemm element ta' xorti marbut miegħu li jagħmilha faċli li tissawwar l-espressjoni *lotterija tal-penalties*.

(ii) L-approċċ frażjoloġiku: Dan l-approċċ jinterpreta l-mudelli lessikali fid-dawl tal-mudelli sintattiċi, u l-kollokazzjoni tinftiehem bħala tip ta' kombinament lessikali fiss, anke jekk mhux għalkollox. L-erba' klassifikazzjonijiet li saret referenza għalihom kollha jippreżentaw il-kombinamenti lessikali skont sekwenza gradata li tvarja minn kombinamenti ħielsa sa idjomi ftit jew wisq fissi. Dan isir abbażi ta' żewġ

kriterji ewlenin: l-opaċità (jew it-trasparenza) u s-sostitwibbiltà tal-elementi kostitwenti, jiġifieri kemm il-kollokazzjoni tkun ristretta jew le. Għalhekk, taħt il-kappa tal-kollokazzjoni taqa' firxa ta' kombinamenti li, waqt li ma jitilfux it-trasparenza semantika tagħhom, juru gradi differenti ta' restrizzjoni. Kollokazzjonijiet bħal *safa* {*msawwat*, *vittma*, *korrut*, *mbenġel*, *attakkat*, *bla dar*, *mkeċċi*, *kkontaminat*...} għandhom tifsira letterali u juru element ta' sostitwibbiltà b'limiti arbitrarji. Kombinamenti bħal {*għamel*, *wettaq*, *ikkommetta*} *suwiċidju* huma trasparenti wkoll minkejja li aktar ristretti. Kombinamenti li joqorbu ferm lejn l-idjoma spiss ikunu fissi, bħal *għira bażwija*, imma jżommu t-trasparenza tagħhom. L-idjomi jvarjaw minn dawk li jistgħu jinftiehmu kemm b'mod letterali kif ukoll b'mod figurattiv, għal dawk li jkollhom tifsira figurattiva biss. *Għalaq għajnejh*, *daħallu fl-għalqa*, *beda jberraq*, *weġgħetu żaqqu*, u *qatta' l-karti* jistgħu jittieħdu letteralment, imma kelliem nattiv jaċċettahom bħala idjomi mingħajr diffikultà. Dawn ma jammettux sostitwibbiltà, imma mhumiex esklużi riformulazzjonijiet bħal: weġgħetu żaqqu → uġigħ ta' żaqq. *Bejtu f'qalbu*, *tellgħu s-sema*, *għandu sebat irwieħ*, u *raqqa' l-pannu bil-qara' aħmar* isegwu l-istess tendenzi ta' sostitwibbiltà u riformulazzjoni, imma ma jistgħux jingħataw tifsira letterali.

## 3. IL-KOLLOKAZZJONI LESSIKALI

Kif juri Carter (1998, p. 51), filwaqt li qatt ma jista' jkun hemm qtugħ nett bejn l-approċċ lessikali u dak frażjoloġiku, bis-saħħa ta' lingwisti li stħarrġu l-kollokazzjoni lessikali, il-livell lessikali llum jista' jiġi apprezzat u mifhum aħjar.

Firth (1968, p. 181) jargumenta li: "The collocation of a word or a 'piece' is not to be regarded as mere juxtaposition, it is an order of *mutual expectancy*. The words are mutually expectant and mutually prehended." Għaldaqstant, kelma trid tinftiehem flimkien mal-kollokati li jakkumpanjawha. Sinclair (Sinclair, Jones, & Daley, 2004, p. xxi) jistqarr li dam is-snin sa ma rrealizza li ladarba wieħed jaċċetta li l-kliem jista' jingħażel flimkien u mhux waħda waħda, ma tibqax problema li jaċċetta wkoll li frażi jkollha t-tifsira propja tagħha. Fil-livell lessikali, l-unità bażika tad-deskrizzjoni hija l-element lessikali, waqt li l-kollokazzjoni hija l-kriterju li fuqu jissejjes kull stħarriġ (Sinclair, 1966, p. 412). Il-qofol tal-analiżi lessikali, jgħid Halliday (1966, p. 156), jinsab fl-istudju tar-restrizzjoni lessikali, jiġifieri kif element jiġi speċifikat mill-ambjent kollokattiv tiegħu. Bħal Sinclair, huwa (1961, p. 277) iqis il-kollokazzjoni bħala l-kriterju formali fl-identifikazzjoni tal-element lessikali.

## 3.1 Il-kliem ifittex il-kumpanija

Il-massma magħrufa ta' Firth (1968, p. 179), li kelma tingħaraf mill-kumpanija li tagħmilha magħha, trodd l-idea li l-kollokati jiswew mitqilhom deheb fl-analiżi lessikali. Meħudin flimkien, il-kollokati sinifikanti ta' element lessikali jiffurmaw "għanqud" u jiddefinixxu t-tifsira lessikali tal-element.

Carter (1998, pp. 52–53) jiddefinixxi l-għanqud bħala l-lista totali ta' kliem li jinstab jikkolloka ma' element partikolari *X*. Xi membri tal-għanqud ikunu aktar ċentrali mill-bqija, minħabba li l-probabbiltà ta' okkorrenza tagħhom ma' *X* tkun għolja. Jekk imbagħad tiġi mistħarrġa l-imġiba kollokattiva ta' elementi oħrajn li jinsabu fl-għanqud ta' *X*, aktarx jinstab li fl-għenieqed tagħhom mhux biss ikun hemm *X*, imma wkoll ħafna mill-elementi fl-għanqud ta' *X*. Meta jagħti l-każ li żewġ għenieqed jew aktar juru proporzjon għoli ta' elementi komuni, dawn jistgħu jingħaqdu biex jiffurmaw "sett lessikali". Tabella 3 turi li fost il-kollokati ewlenin tal-kelma *futbol* fuq medda ta' 5:5 hemm: *klabb*, *grawnd*, u *plejer*. Ħarsa mill-qrib lejn l-għanqud lessikali ta' *klabb*, l-element lessikali bl-ogħla rabta kollokattiva ma' *futbol*, turi li billi l-kelma *klabb* ma tintużax esklussivament fil-qasam tal-futbol, l-għanqud lessikali tagħha ma jippuntax biss lejn il-logħba tal-ballun. Fil-każ taż-żewġ kollokati l-oħra tal-kelma *futbol*, jiġifieri *grawnd* u *plejer*, l-għenieqed lessikali huma aktar omoġenji, u jagħmluha eħfef li jingħaqdu mal-għanqud ta' *futbol* biex jiffurmaw sett lessikali. Żgur li s-sett lessikali għandu jinkludi kliem bħal *klabb(s)*, *logħob* u *lagħab* bl-inflessjonijiet tagħhom, *plejer(s)*, *futbol*, *tim(ijiet)* u *grawnd(s)* għax jokkorru fl-għenieqed lessikali kollha jew kważi kollha.

Il-vantaġġ ewlieni tas-sett lessikali huwa li jixħet dawl fuq l-istruttura tal-lessiku, magħmula minn mudelli ta' referenza li normalment iduru madwar topik uniku. Madankollu, Carter iqis li meta mqabbla mal-kollokazzjoni grammatikali, dik lessikali tinħass li aktar toffri probabbiltà milli mudelli fissi. Il-problema metodoloġika li jqajjem dwar kif jistgħu jitkejlu r-relazzjonijiet kollokattivi ġejja qabelxejn minn kif tista' tiġi stabbilita d-distanza massima bejn elementi meqjusa f'kollokazzjoni jew, fi kliem ieħor, id-daqs tal-medda.

| | KOLLOKATI TA’ *FUTBOL* | KOLLOKATI TA’ *KLABB* | KOLLOKATI TA’ *GRAWND* | KOLLOKATI TA’ *PLEJER* |
|---|---|---|---|---|
| 1 | klabb* | Ħuttaf | futbol | futbol |
| 2 | tal- | futbol | nofs | logħba |
| 3 | tim | kotba | fil- | jilgħab |
| 4 | logħba | Maltin | Plejer | eks |
| 5 | Malti | Klabb | Il- | aqwa |
| 6 | grawnd* | BirdLife | grawnd | unur |
| 7 | plejer* | boċċi | logħba | tim |
| 8 | klabbs | mal- | oratorju | Kien |
| 9 | jilgħab | FC | plejers | kowċ |
| 10 | professjonali | jilgħab | kien | BOV |
| 11 | Tazza | Premier | Qali | lagħab |
| 12 | Futbol | ħarġiet | ġewwa | sena |
| 13 | kampjonat | Il- | klabb | grawnd |
| 14 | plejers | jorganizza | tal- | hu |
| 15 | fil- | regatta | tim | karriera |
| 16 | logħob | istaġun | partitarji | skorja |
| 17 | Taljan | Football | ballun | Malti |
| 18 | nazzjonali | League | turf | bħala |
| 19 | dinja | Club | BRATISLAVA | rebaħ |
| 20 | internazzjonali | birdlifemalta | jilagħbu | klabb |
| 21 | Ingliż | magażin | jintlagħbu | Nazzjon |
| 22 | assoċjazzjoni | kampjonat | jesa’ | Brażiljan |
| 23 | Federazzjoni | Sħubija | bandli | eks- |
| 24 | Kampjonati | kowċ | ġdid | United |
| 25 | nilgħab | huwa | logħob | li |
| 26 | grawnds | rebaħ | partita | Manchester |
| 27 | logħbiet | plejer | Stadium | Juventus |
| 28 | huwa | kien | Siro | partita |
| 29 | hu | plejers | ħaxix | ’ |
| 30 | club | Malta | jinbena | professjonali |

*Tabella 3. Kollokati ta’* ***futbol, klabb, grawnd u plejer.***
*F’dan l-eżerċizzju ttieħdu biss l-ewwel 30 kollokat. Kollokati li ma jidhrux mal-ewwel 30, jistgħu jitfaċċaw aktar ’l isfel fil-lista. Bħala metodu statistiku ntuża l-log-likelihood, li jagħti l-punteġġ skont kemm il-kollokati jkunu sinifikanti, jiġifieri skont kemm ir-rabta ma tkunx b’kumbinazzjoni. Kollokati frekwenti jingħataw punteġġ ogħla. Sors tad-data: Korpus Malti 4.2*

Meta jittratta din il-problema f'"Beginning the Study of Lexis", Sinclair (1966, pp. 413–414) jispjega li fil-kollokazzjoni wieħed ifittex li jiddefinixxi element f'termini tal-ambjent tiegħu u viċeversa. L-ambjent huwa l-medda ta' test rilevanti fid-deskrizzjoni ta' element, imma l-medda mhix xi qies prestabbilit. Filwaqt li hija d-distanza bejn żewġ elementi li tqiegħed il-limitu tal-kollokazzjoni, każi differenti jafu jitolbu distanza differenti, u Sinclair ma jaċċettax li l-elementi jipprevedu inqas lil xulxin aktar ma jitbiegħdu wieħed mill-ieħor, anzi jqis li l-iffissar tal-limiti ta' kull kollokazzjoni huwa perikoluż, imqar jekk jagħti impressjoni ta' ordni. Madankollu, għal raġunijiet metodoloġiċi u tekniċi, il-medda jkollha tiġi ffissata, imqar b'mod temporanju. F'"The Lexical Item" (1998, p. 15) jagħti din id-definizzjoni: "Collocation (at present) is the co-occurrence of words with no more than four intervening words", jiġifieri b'medda ta' 5:5. F'dan ir-rigward, ir-Rapport OSTI kien xogħol seminali, mhux biss għax juri kif ġie kkalkulat id-daqs tal-medda 'ideali' b'mod xjentifiku, imma wkoll għax intwera li l-pożizzjoni tal-kollokati fil-medda tagħmel differenza, kuntrarju għall-idea inizjali ta' Sinclair. Fir-Rapport (pp. 42–44) joħroġ ċar li l-ikbar għadd ta' kollokati sinifikanti jokkorri qrib in-nodu, u aktar ma wieħed jitbiegħed, aktar joħroġ mill-isfera tal-influwenza tan-nodu. Instab li qrib in-nodu l-għadd ta' kollokati jkun iżgħar, għax għal kwalunkwe nodu, "is-sett ta' kliem 'raġonevoli' li joqgħod bħala kollokat fl-għaxar post huwa ikbar mis-sett ta' kliem 'raġonevoli' li joqgħod bħala kollokat fl-ewwel post".

## 3.2 Oqsma tad-diskors u mudelli lessikali

Diġà ssemma li s-sett lessikali jikxef kif il-lessiku jorganizza ruħu madwar topik uniku. Carter (1998, p. 53) iqis li din l-idea tas-sett tiġi mistħarrġa l-aħjar b'rabta ma' "qasam" speċifiku. Qasam tad-diskors jista' jkun kwalunkwe attività, aspett kulturali, istituzzjoni soċjali jew topik li jirrikjedi l-iżvilupp ta' ġabra ta' elementi lessikali marbuta flimkien għax iduru ma' idea waħda. Fil-fatt, xi drabi dawn l-elementi jkunu jiffurmaw parti minn reġistru speċifiku. Dawn l-oqsma jagħtu lok li wieħed jistudja kif inhuma organizzati f'mudelli lessikali. Meta dawn jiġu ppreżentati f'termini ta' networks tal-kollokazzjoni jixħtu dawl fuq ir-rabtiet lessikali, kif ukoll jikxfu test dwar xiex jittratta. Brezina et al. (2015), biex jisfruttaw massimament il-potenzjal ta' dawn ir-rabtiet, żviluppaw il-*GraphColl* li llum huwa aċċessibbli bħala parti mil-LancsBox X (https://lancsbox.lancs.ac.uk/). Fi kliemhom, dan is-software kapaċi joħloq networks ta' kollokazzjoni ta' kwalunkwe kumplessità bis-saħħa ta' graphs. Minn kull nodu, irrappreżentat b'ċirku, joħorġu linji li jgħaqqduh mal-kollokati tiegħu, u t-tul tal-linji jikkorrispondi mas-saħħa

tal-kollokazzjoni. L-utenti jistgħu mbagħad jagħżlu xi kollokat bħala n-nodu biex jaslu għal kollokati oħra. Brezina (2018, p. 64) iqis il-konnettività bħala karatteristika importanti tal-kollokazzjoni u jisħaq li din ix-xibka kumplessa ta' assoċjazzjonijiet ma ssirx ġustizzja magħha jekk tiġi ppreżentata f'tabella b'ringieli u kolonni. In-networks tal-kollokazzjoni, għalhekk, isaħħu l-analiżi għax juru relazzjonijiet bejn ħafna kliem fl-istess ħin u jagħmluha eħfef li jiġu individwati, fost l-oħrajn, sinonimi, termini relatati u kunċetti (Baker, 2016, p. 147).




**"Third-order collocates: 3a-MI(6), R5-L5, C5-NC5; no filter applied"**

*Figura 3. Eżempju ta' graph li turi r-relazzjoni bejn l-għenieqed ta'* ***time*****,** ***spend*****,** *u* ***money.*** *(Brezina, McEnery, & Wattam, 2015, p. 152).*
*© 2015 John Benjamins Publishing Company.*

Jekk nieħdu, bħala eżempju, in-network tal-kollokazzjoni f'Figura 3, tidher ċara l-mogħdija mill-għanqud ta' *time* permezz tal-kollokat *spend* għall-għanqud ta' *money*. Brezina et al. (2015, pp. 152–153) isostnu li waqt li rabta bejn il-ħin u l-flus ilha li ġiet stabbilita fil-letteratura dwar il-metafora

kunċettwali, b'dan is-software wieħed jista' jipprovdi prova empirika tagħha, li tmur lil hinn mit-"time is money" ta' Lakoff u Johnson (2003, pp. 7–9). Il-konnessjoni f'dan il-każ hija stabbilita l-aktar permezz tal-verb *spend* fl-inflessjonijiet diversi tiegħu, imma bi kriterji ftit aktar laxki fit-tiftix, anke *buy* u *waste* kienu jservu ta' ħolqa bejn l-għenieqed ta' *time* u *money*.

### 3.3 Il-polisemija u l-omonimija

Il-polisemija hija l-eżistenza ta' aktar minn tifsira waħda f'kelma individwali (Carter, 1998, p. 7). Åke Viberg (2002, pp. 119–120) jispeċifika li l-polisemija b'mod ġenerali tintuża biex tirreferi għall-każ fejn l-"istess" kelma (lemma) tintuża b'tifsiriet diversi li b'xi mod huma relatati, biex jagħżilha mill-omonimija, jiġifieri l-każ fejn kelmiet (lemmi) differenti b'tifsiriet mhux relatati jinzertaw jiġu espressi bl-istess forma. Għal Lyons (1995, pp. 58–60), waqt li l-omonimija hija relazzjoni li torbot żewġ lessemi distinti jew aktar, il-polisemija hija karatteristika ta' lessemi uniċi. Huwa jammetti li mhux dejjem ħafif tiddistingwi bejniethom. Carter (p. 12) ukoll jirrikonoxxi din id-diffikultà, l-aktar minħabba li l-polisemija kapaċi tipproduċi kemm tifsiriet qrib ta' xulxin, kif ukoll oħrajn imbiegħda. Problema ewlenija hija fejn għandha tinqata' l-linja bejn tifsira u oħra, u kif Viberg (2002, p. 120) jgħid li dan il-proċess jitlob li qabelxejn tingħeleb l-ambigwità, proċess li jissejjaħ "disambiguation" u li kelliem nattiv jagħmlu b'mod awtomatiku.

Moon (2010, pp. 203–204) tieħu l-eżempju tan-nom *race* biex turi li mill-kollokati tiegħu wieħed faċilment jasal għaż-żewġ sensi tal-kelma: "attività kompetittiva" u "grupp etniku". Hija tikklassifika n-nom bħala "omonimiku" għax ġej minn żewġ għeruq differenti, imma tagħmel kumment sinifikanti: "a more synchronic view, consistent with corpus approaches, is to see this in terms of a major semantic discontinuity and lack of collocational overlap." Fi kliem ieħor, fuq il-livell lessikali, it-tifsir tal-kelma jrid jinkixef mill-għanqud lessikali tagħha. Għanqud li juri nuqqas ta' konnettività interna jindika l-possibbiltà ta' polisemija jew ta' omonimija. U dan mingħajr ma wieħed ikollu għalfejn joqgħod jittraċċa l-oriġini tal-kliem. Halliday (1966, p. 157) iqegħidha hekk: jekk żewġ okkorrenzi ta' kelma jinstabu li jvarjaw skont kriterji li jassenjawhom f'settijiet lessikali differenti, ikunu omonimi. Jekk nieħdu l-kelma *[ir-]raba'* bħala eżempju, ħarsa ġenerali lejn il-kollokati tagħha fil-Korpus Malti 4.2 turi minnufih li waqt li l-biċċa l-kbira tal-kollokati jindikaw is-sens ta' "numru ordinali li jiġi bejn it-tielet u l-ħames", hemm ukoll oħrajn li ma jurux konnettività magħhom u li jindikaw is-sens ta' *għelieqi*. *Tielet*, *motiv*, *subparagrafu*, *sular*, *distrett*, *edizzjoni*, *konsekuttiva*, *kriterju*, *post*, *protokoll,*

*seklu*, *sessjoni*, *evanġelista*, *direttiva*, *gowl*, *seba’*, *klassifika*, *akkuża*, *ċentinarju*, eċċ. jippuntaw lejn l-ewwel sens, u *wċuħ*, *saqwi*, *tomna*, *art*, *bagħli*, *ħbula*, *bdiewa*, *jinħarat*, *newba*, *qbiela*, *biċċa*, *għelejjel*, *bhejjem*, *żerriegħa*, *xagħri*, *tafli*, eċċ. jippuntaw lejn it-tieni sens. Għalkemm storikament ġejjin mill-istess għerq (√ RBGħ), sinkronikament jixhdu d-diskontinwità semantika li ssemmi Moon minħabba li l-għenieqed lessikali rispettivi ftit jew xejn għandhom kollokati komuni.

## 4. KONKLUŻJONI

Sinclair (2004, pp. 9–11) isostni li qabel ma kien hemm il-lussu ta’ informazzjoni li hawn illum, il-lingwistika kienet tissejjes fuq “evidenza mhux adegwata” u fuq l-ispekulazzjoni. Dan jista’ jinħass ġudizzju xi ftit estrem imma l-ammont enormi ta’ data li għandhom il-lingwisti għad-dispożizzjoni tagħhom, u l-għodda biex janalizzawha, waqqgħu bosta ċertezzi li nbnew matul is-snin. L-istudju tal-kollokazzjoni u tal-livell lessikali b’mod ġenerali fetaħ bibien li qabel kienu imbarrati jew li saħansitra ħadd ma kien intebaħ bihom. Qagħda bħal din titlob attitudni miftuħa fost l-istudjużi biex, fi kliem Sinclair, “jafdaw it-test” u, wara li josservaw il-mudelli lingwistiċi li jaslulhom bil-kwantità, jibnu deskrizzjoni tal-lingwa u tat-tifsir li, flok tqiegħed kollox pulit f’garżelli, tirrispetta l-evidenza u tisfruttaha kemm jista’ jkun.

# Glossarju

**element lessikali**
*lexical unit*
Terminu li jmur lil hinn mit-tifsira komuni ta' kelma bħala sekwenza ta' grafemi maqbuda bejn żewġ spazji. Kemm "mejda" kif ukoll "kelb il-baħar" huma elementi lessikali għax it-tnejn iwasslu tifsira unika bħala unitajiet sħaħ. F'das-sens, element lessikali jista' jkun magħmul minn kelma waħda jew minn sekwenza ta' kliem.

**għanqud lessikali**
*lexical cluster*
L-elementi lessikali li jikkollokaw ma' kelma partikolari. Il-kollokati kollha ta' nodu partikolari li jikxfu l-imġiba kollokattiva tiegħu.

**kollokazzjoni**
*collocation*
Il-fenomenu lingwistiku ta' kif kelma tfittex lil oħra f'ċerti kuntesti, xi drabi b'mod esklussiv. Il-kookkorrenza statistikament frekwenti u prevedibbli ta' żewġ elementi lessikali jew aktar.

**kollokat**
*collocate*
Kelma li tokkorri qrib kelma oħra b'mod li tidħol fl-isfera tal-influwenza tagħha. Żewġ kelmiet li jkunu f'relazzjoni kollokattiva jkunu kollokati ta' xulxin. Kollokat jitqies sinifikanti meta jokkorri ma' kelma oħra relattivament aktar milli jkun mistenni.

**komposti**
*compounds*
Elementi magħmula minn aktar minn komponent wieħed u li ma jippermettux tibdil. Normalment il-komposti (a) ma jippermettux li xi kostitwent tagħhom jiġi sostitwit b'xi sinonimu; (b) ma jippermettux li jiddaħħal kliem ġo nofshom; (ċ) ma jippermettux spostament jew tibdil ieħor fl-ordni tal-kliem; u (d) ma jippermettux li xi kostitwent tagħhom jiġi pronominalizzat. (Ara Masini, F. (2011). Parole polirematiche: *www.treccani.it/enciclopedia/parole-polirematiche_(Enciclopedia-dell'Italiano)/)*

**medda**
*span*
Firxa ta' kliem li testendi lejn ix-xellug u lejn il-lemin tan-nodu. It-tul tal-medda jista' jvarja, u jiġi indikat b'żewġ numri biż-żewġ punti bejniethom. L-ewwel numru jindika l-għadd ta' kollokati qabel in-nodu waqt li t-tieni numru jindika l-għadd ta' kollokati wara n-nodu. Hekk, medda ta' 5:5 testendi mill-ħames kelma qabel in-nodu sal-ħames kelma ta' wara.

**nodu**
*node*
Kwalunkwe element lessikali li miegħu jikkollokaw elementi oħra. Il-pożizzjoni tal-kollokati fil-medda titqies f'relazzjoni man-nodu. Hekk, kollokat li jinsab żewġ kelmiet qabel in-nodu jokkupa l-pożizzjoni -2, u kollokat li jinsab tliet kelmiet wara n-nodu jokkupa l-pożizzjoni +3. Fil-prattika, f'relazzjoni kollokattiva m'hemm ebda differenza

bejn nodu u kollokat, għax jekk kelma tkun in-nodu, l-oħra tkun il-kollokat tagħha, u viċeversa.

**sett lessikali**
*lexical set*
Żewġ għenieqed lessikali jew aktar li jkollhom proporzjon għoli ta' elementi komuni.

# Biblijografija


Baker, P. (2016). The shapes of collocation. *International Journal of Corpus Linguistics, 21*(2), 139–164. doi:10.1075/ijcl.21.2.01bak

Baker, P., Hardie, A., & McEnery, T. (2006). *A Glossary of Corpus Linguistics.* Edinburgh University Press.

Barnbrook, G., Mason, O., & Krishnamurthy, R. (2013). *Collocation. Applications and Implications.* Palgrave Macmillan.

Bartsch, S. (2004). *Structural and Functional Properties of Collocations in English. A corpus study of lexical and pragmatic constraints on lexical co-occurrence.* Gunter Narr Verlag.

Bartsch, S., & Evert, S. (2014). Towards a Firthian Notion of Collocation. *Online publizierte Arbeiten zur Linguistik* (2/2014), 48–61. Irkuprat minn https://pub.ids-mannheim.de/laufend/opal/pdf/opal2014-2.pdf

Benson, M., Benson, E., & Ilson, R. (1986). *Lexicographic Description of English.* John Benjamins Publishing Company.

Bolinger, D. (1979). Meaning and Memory. F'G. G. Haydu (Ed.), *Experience Forms. Their Cultural an Individual Place and Function.* (pp. 95-111). Mouton Publishers.

Brezina, V. (2018). Collocation Graphs and Networks: Selected Applications.
F'P. Cantos-Gómez, & M. Almela-Sánchez (Edi.), *Lexical Collocation Analysis. Advances and Applications.* (pp. 59-83). Springer.

Brezina, V., McEnery, T., & Wattam, S. (2015). Collocations in context. A new perspective on collocation networks. *International Journal of Corpus Linguistics*, *20*(2), 139–173. doi:10.1075/ijcl.20.2.01bre

Carter, R. (1998). *Vocabulary. Applied Linguistic Perspectives* (it-2ni ed.). Routledge.

Cowie, A. P. (1981). The Treatment of Collocations and Idioms in Learners' Dictionaries. *Applied Linguistics, 2*(3), 223–235.

Cruse, D. A. (1986). *Lexical Semantics.* Cambridge University Press.

Firth, J. R. (1957). *Papers in Linguistics 1934-1951.* Oxford University Press.

Firth, J. R. (1968). *Selected Papers of J. R. Firth, 1952-59.* (F. R. Palmer, Ed.) Indiana University Press.

Halliday, M. A. (1961). Categories of the Study of Grammar. *Word, 17*(2), 241–292.

Halliday, M. A. (1966). Lexis as a Linguistic Level. F'C. E. Bazell, J. C. Catford, M. A.
Halliday, & R. H. Robins (Edi.), *In Memory of J. R. Firth* (pp. 148-162). Longman.

Hoey, M. (2005). *Lexical Priming. A new theory of words and language.* Routledge.

Lakoff, G., & Johnson, M. (2003). *Metaphors We Live By* (it-2ni ed.). University of Chicago Press.

Lyons, J. (1977). *Semantics.* Cambridge University Press.

Lyons, J. (1995). *Linguistic Semantics. An Introduction.* Cambridge University Press.

McEnery, T., & Hardie, A. (2012). *Corpus Linguistics: Method, Theory and Practice.* Cambridge University Press.

Moon, R. (2010). What can a corpus tell us about lexis? F'A. O'Keeffe, & M. McCarthy (Edi.), *The Routledge Handbook of Corpus Linguistics* (pp. 197-211). Routledge.
Nesselhauf, N. (2005). *Collocations in a Learner Corpus.* John Benjamins Publishing Company.
Saussure, F. d., Bailly, C., Séchehaye, A., & Riedlinger, A. (1916/1967). *Cours de linguistique générale.* (T. de Mauro, Ed.) Grande Bibliothèque Payot.
Sinclair, J. (1966). Beginning the Study of Lexis. F'C. E. Bazell, J. C. Catford, M. A. Halliday, & R. H. Robins, *In Memory of J. R. Firth* (pp. 410-430). Longman.
Sinclair, J. (1991). *Corpus, Concordance, Collocation.* Oxford University Press.
Sinclair, J. (1998). The Lexical Item. F'E. Weigand (Ed.), *Contrastive Lexical Semantics* (pp. 1-24). John Benjamins Publishing Company.
Sinclair, J. (2004). *Trust the Text. Language, corpus, discourse.* (R. Carter, Ed.) Routledge.
Sinclair, J., Jones, S., & Daley, R. (2004). *English Collocation Studies. The OSTI Report.* (R. Krishnamurthy, Ed.) Continuum.
Stubbs, M. (2002). *Words and Phrases. Corpus Studies of Lexical Semantics.* Blackwell Publishing.
Tognini-Bonelli, E. (2001). *Corpus Linguistics at Work.* John Benjamins Publishing Company.
Viberg, Å. (2002). Polysemy and disambiguation cues across languages. The case of Swedish få and English get. F'B. Altenbert, & S. Granger (Edi.), *Lexis in Contrast. Corpus-based approaches.* (pp. 119-150). John Benjamins Publishing Company.
Williams, G. (2001). Mediating between lexis and texts: collocational networks in specialised corpora. *ASp*(31-33), 63–76. doi:10.4000/asp.1782

# Atti ta' memorja f'*Kulħadd Ħalla Isem Warajh*

JUSTINE SOMERVILLE

## SINTEŻI

F'dan l-artiklu nistħarreġ ir-rappreżentazzjonijiet tal-memorja b'rabta mal-identità fil-ġabra ta' novelli *Kulħadd Ħalla Isem Warajh* ta' Clare Azzopardi. Nanalizza x'jissuġġerixxu dawn l-istejjer fuq in-natura tal-memorja, ma' liema memorja jiddjalogaw, u x'tip ta' memorja jsawru. Nargumenta li b'tekniki differenti bħall-intertestwalità u n-narrazzjoni inaffidabbli dawn in-novelli jitbiegħdu min-nostalġija li tidealizza l-imgħoddi u jersqu lejn memorja iżjed dinamika u produttiva li tħares lejn il-passat b'sens kritiku u toħolqu mill-ġdid bi gradi differenti ta' stħajjil. Fit-totalità tagħha din il-ġabra tindirizza dak li, fil-konfront tal-identità u l-memorja personali, jitwarrab jew jibqa' eskluż mill-istorja dokumentata u dak li hu msikket u mrażżan fil-memorja kollettiva u kulturali. Dan tagħmlu billi tqis perspettivi differenti u tleħħen l-istejjer ta' nisa komuni, u b'hekk isservi ta' kontramemorja li tifdi l-istejjer li kulturalment ma ngħatawx spazju għax tisfida n-narrattiva eġemonika u l-amnesija kultant imposta.

## ABSTRACT

In this article I study the representations of memory in relation to identity in the collection of short stories *Kulħadd Ħalla Isem Warajh* by Clare Azzopardi. I analyse what these stories suggest about the nature of memory, which memories they converse with, and what types of memory they construct. I argue that, through different techniques such as intertextuality and unreliable narration, these short stories do not express nostalgia for an idealised past. Instead, they favour a more dynamic and productive form of memory which critically evaluates the past and recreates it using different degrees of fiction. As a whole, this anthology is concerned with identity and personal memory, and addresses the narratives dismissed or excluded from history and those silenced or repressed in collective and cultural memory. This is carried out by negotiating different perspectives and voicing the stories of everyday women, thus serving as a countermemory which challenges the amnesia imposed by hegemonic narratives and redeems the stories which were culturally omitted.

## 1. IL-MEMORJA U L-ISTĦAJJIL

Il-letteratura hija ddominata mill-memorja u l-modi li bihom niftakru. Għadd ta' testi letterarji jesploraw kif niftakru bħala individwi u bħala parti minn komunità, jew kif l-identità tissawwar b'rabta mat-tifkiriet tagħna. Waħda mill-preokkupazzjonijiet ewlenin f'dawn ix-xogħlijiet, skont Brigit Neumann, hija l-preżenza mnemonika, jiġifieri li tfakkar, tal-passat fil-preżent. Dawn it-testi spiss jeżaminaw ir-rabta bejn il-passat u l-preżent u jixħtu dawl fuq il-funzjonijiet tal-memorja fil-karatterizzazzjoni tal-identità (333). Iġibuna konxji li l-memorja tagħna hija verament selettiva u li t-tifkiriet li jitilgħu fil-wiċċ jgħallmuna iżjed dwar il-preżent, ix-xewqat u l-frustrazzjonijiet ta' min qed jiftakar, milli dwar l-imgħoddi nnifsu.

Minnha nfisha l-letteratura hija att ta' memorja. Sa ftit snin ilu, ma kienx hemm ġeneru stabbilit għal testi letterarji li jirrappreżentaw il-proċessi li bihom niftakru. Kritiċi reċenti bħal Nünning u Neumann ipproponew l-isem "fictions of memory," frażi li nistgħu nittraduċuha bħala "kostruzzjonijiet tal-memorja" jew "narrattivi mistħajla tal-memorja." Dan il-kunċett jalludi b'mod miftuħ għal definizzjoni doppja tal-finzjoni jew tal-istħajjil għax, minbarra li jirreferi għal narrattiva letterarja, mhux referenzjali, li tpenġi dak li twettaq il-memorja, jalludi f'sens usa' għall-istejjer li individwi jew kulturi jirrakkuntaw, fil-letteratura imma mhux biss, dwar l-imgħoddi biex iwieġbu l-mistoqsija "Jien min jien?" jew "Aħna min aħna?" (Neumann 334). Jien u nirrifletti fuq il-letteratura Maltija f'dan il-kuntest, il-mistoqsijiet ġew weħidhom: F'kultura msejsa fuq normi patrijarkali u f'narrattiva ddominata mill-irġiel, x'tgħidilna dwarna nfusna bħala individwi jew bħala Maltin il-letteratura Maltija? Xi stejjer tirrakkonta u xi (stejjer) tħalli barra? Lil min tħalli barra? Xi tfakkar u xi tnessi? X'memorja toħloq?

Dawn mhumiex mistoqsijiet li jitwieġbu kif ġieb u laħaq jew li għandhom risposti sempliċi. Għalhekk, minkejja li huma mistoqsijiet importanti għalija u qed imexxuni fir-riċerka tad-dottorat, f'dan l-artiklu ma nippruvax inweġibhom. Minflok, indejjaq il-konfini mil-letteratura Maltija għal test wieħed u nħares lejn uħud min-novelli fil-ġabra *Kulħadd Ħalla Isem Warajh* ta' Clare Azzopardi biex nistħarreġ x'jissuġġerixxu dwar in-natura tal-memorja, ma' liema memorja jiddjalogaw u x'tip ta' memorja jinsġu. B'rabta ma' dawn l-aspetti nistaqsi wkoll: x'implikazzjonijiet għandu dan kollu fuq ir-rappreżentazzjoni tal-identità f'dawn in-novelli b'isem ta' mara fit-titlu u dwar nisa differenti?

Tneħħi ismijiet bħal Concetta Brincat, Mary Meylak, Doreen Micallef u ftit oħrajn li tgħoddhom fuq subgħajk, il-letteratura Maltija sat-tmeninijiet kienet

iddominata għalkollox minn kittieba rġiel. Barra minn hekk, għal ħafna snin, il-karattri nisa fin-narrattiva letterarja kienu sekondarji, ċatti, bla vuċi u mingħajr sens ta' aġenzija jew skop. Bħalma argumentaw oħrajn qabli, dawn in-nisa ta' Azzopardi huma differenti għax fin-novelli joħroġ sens qawwi ta' individwalità (ara Vella, Grech, u Zammit). Dan nistgħu nkunu konvinti minnu avolja l-vuċi ta' Camilla u Roża, bħall-vuċi ta' Ineż fir-rumanz *Ineż Farruġ* tal-1889 ta' Anton Manwel Caruana, ma tinstema' qatt tul ir-rakkont. Id-differenza fundamentali bejn dawn ir-rakkonti u r-rakkont ta' Ineż hi li l-awtriċi implikata tan-novelli hija aktarx konxja ħafna tas-skiet tal-protagonisti u b'tekniki differenti, li direttament jew indirettament jorbtu l-identità mal-memorja, twassalna biex aħna u naqraw nirriflettu fuq din l-assenza u aspetti oħra ta' karatterizzazzjoni b'sens kritiku.

## 2. MHIX NOSTALĠIJA DIN

Il-preokkupazzjoni ta' ħassieba u kittieba b'tendenzi u aġendi Femministi, bħal Lee Comer u Monique Wittig, dwar il-passat(i) tan-nisa, l-identità, ir-rabta ta' bejniethom u r-rappreżentazzjoni tagħhom tmur lura sa tmiem is-sittinijiet u l-bidu tas-sebgħinijiet. Fost l-oħrajn, Comer tgħid li, f'għajnejn uħud, in-nisa li rnexxew fil-ħajja kienu nisa tad-dar li nesew min kienu jew min setgħu kienu kieku sfruttaw il-potenzjal tagħhom, tant li dan l-att tan-nisi jitqies bħala l-uniku kontribut validu. B'inqas ironija, ir-rumanziera Monique Wittig f'*Les Guérillères* taċċenna għall-importanza li, fil-konfront ta' min serqilha l-identità u ivvinta l-istorja tagħha, il-mara għandha tagħmel minn kollox biex tiftakar żmien li fih ma kinitx l-iskjava li saret; u jekk ma tiftakrux jeħtieġ li tivvintah (ikkwotata fi Greene 290).

Filwaqt li l-fakra sikwit nassoċjawha mal-għażla, in-nisi nistgħu norbtuh mar-repetizzjoni, ir-ripressjoni u r-rigressjoni, u għalhekk isir perikoluż għax jostakola l-bidla li kultant hi meħtieġa. Ma jidhirx li għal Comer, Wittig, u  Greene, li tiftakar ifisser li tkun nostalġika. Bi spirtu simili, Janice Doane u Devon Hodges jargumentaw li n-nostalġija tista' tkun forza anti-Femminista għax hija xewqa għal passat idealizzat li tivvalida l-irwol "tradizzjonali" tal-mara u l-post li ngħatat fis-soċjetà, u li tirreżisti l-kritika li dawn jimmeritaw. Għalhekk, il-kitba u l-lingwa, letterarji u mhumiex, m'għandhomx ikunu nostalġiċi imma minflok jiddestabbilizzaw l-identità u r-realtà billi jipproblematizzaw il-kodiċijiet kulturali li jrażżnu lin-nisa (19). Fi kliem ieħor, għandhom iħarsu lejn l-imgħoddi b'għajnejn kritiċi biex ma jirrepetuhx.

Ħafna min-nisa f'*Kulħadd Ħalla Isem Warajh* mhumiex karattri nostalġiċi, anke jekk fil-maġġoranza tan-novelli r-rabtiet tagħhom mal-imgħoddi,

f'forma jew oħra, huma b'saħħithom. Il-ħarsa ta' Roża hija prospettiva iżjed milli retrospettiva għax ma tħarisx lejn l-imgħoddi tagħha bħalma tagħmel in-neputija-narratriċi, imma tħares 'il quddiem lejn mewtha, tant li l-aħħar għaxar snin ta' ħajjitha tqattagħhom tħejji ruħha għad-difna billi tħit libsa wara oħra kull darba li l-aħħar waħda ma tibqax togħġobha. Meta titlaq mill-Isla, Camilla ma tieħu xejn magħha, ebda kaxxa tal-kartun li l-maħbub tagħha jimlielha bi ħwejjiġha u jpoġġilha wara l-bieb. Camilla tipprova tħalli l-passat warajha u tibda ħajja ġdida n-Naxxar. Tant hu hekk li lill-eks maħbub tagħha tiktiblu epitaffju għax għaliha daqslikieku mejjet.

Imbagħad hemm Rita, ħajjitha rutina preċiża sas-sekonda li fiha titla' u tinżel minn fuq it-tren. Hija emigranta Maltija li taħdem f'refettorju ta' skola f'Londra, u fuq Malta tgħid li ma tiftakar xejn ħlief is-sħana u t-tidlik, għax f'għoxrin sena ma tmur lura qatt. Imma bħala dinner lady, fl-ewwel siegħa u nofs tal-ġurnata tqaxxar il-patata u "magħha tqaxxar ukoll l-aħħar ftit memorji tagħha f'Malta u Għawdex" (36). Il-verb "tqaxxar" jimplika element ta' kxif u tindif, u jissuġġerixxi li Rita telimina l-livell superfiċjali u l-għabra tan-nostalġija biex tħares lejn dak li ma jidhirx mad-daqqa t'għajn, tifhem l-essenzjali u tanalizza l-imgħoddi tagħha aħjar. Żewġha Salvu donnu jibqa' marbut mal-imgħoddi, tant li jixtri arloġġ second-hand mis-suq kull ġimgħa biex jirranġah. Dan aktarx jagħmlu għax, wara li jitlef xogħlu fil-fabbrika l-Ingilterra, jinżlu Malta bit-tama li jibqgħu hemm, u Salvu jibda jsewwi l-arloġġi fil-ħanut ta' omm u missier Rita. Imma missier Rita jagħti kollox lil bintu l-oħra u r-raġel tagħha, u għalhekk hi u Salvu jkollhom jerġgħu jmorru l-Ingilterra. L-imgħoddi jtaqqlu lil Salvu, u lil Rita jsejħilha "bajjuwa" għax "[t] aħfer u tinsa kollox" (40). Nistgħu ma naqblux ma' Salvu u ngħidu li Rita ma tibqax ikkalzrata mal-imgħoddi, u tħares lejn kulma ġara fil-passat b'sens kritiku: tifhem, ngħidu aħna, li meta titlaq minn art twelidek żgħir "ħadd ma jibqa' jiftakrek" (36). Meta jmut missierha u ċċemplilha oħtha biex tinżel Malta għall-funeral, fil-bidu taħsibha u tibda tippakkja l-bagalja. Imma n-novella tispiċċa b'Rita tpoġġi lura l-ħwejjeġ u l-bagalja f'posthom, bl-implikazzjoni li lura Malta ma tmurx, u bħallikieku tkompli tinqata' mill-għeruq biex tħalli warajha dak kollu li jirrappreżenta l-imgħoddi.

F'dawn l-eżempji jidher li l-karattri ma jinkeddux fuq l-imgħoddi, jew għandhom kontroll fuqu, iżda f'novelli oħra, u saħansitra f'waqtiet oħra fl-istess stejjer, l-imgħoddi jidher iżjed dominanti. Fil-livell semantiku jintużaw verbi u aġġettivi li jagħtu lilu u lill-memorja ċerta aġenzija u permanenza: "il-passat kien jitfaċċa" (86), "memorja persistenti" (86), memorji "ffossilizzati" (87), "il-passat jumiljaha" (134). Meta ta' għaxar snin jeħduha tgħix f'dar ikbar f'San Ġiljan u tħalli warajha dar żgħira jisimha "Lily" il-Gżira, ikun hemm

għadd ta' affarijiet li għall-ewwel "ma kienx faċli biex Claudine tinsa" (82). L-irwejjaħ, il-ħsejjes u l-uċuħ il-ġodda ma jdumux ma jindraw u jieħdu post il-qodma. It-tifkiriet bikrin, tgħidilna n-narrazzjoni, "isibu ruħhom f'post ċlampu, xi mkien fil-qiegħ" u "trid tkun xi ħaġa straordinarja biex terġa' ttellagħhom fil-wiċċ" (84). Meta Claudine ssuq sal-uffiċċju l-ġdid tagħha tgħaddi mill-inħawi li għexet fihom fi tfulitha, u l-eku tal-poeżija "Delimara" ta' Daniel Massa jinħass fis-sentenza "kien dak il-mument li bdiet tħoss sens qawwi ta' *hawn kont diġà, qalb dal-bini għoli u ikrah kont diġà, snin twal ilu kont diġà*" (85). Is-sens ta' akkoljenza u familjarità li jevoka l-baħar Mediterran fil-kelliem liriku meta jogħdos fih, jieħdu lura għal ġuf ommu; imma s-sens ta' akkoljenza u kumdità marbut mat-tifkira huwa kkontestat fin-novella ta' Azzopardi, għax it-tifkiriet tat-tfulija ta' Claudine "jaħbtu kollha mal-windscreen" kull darba li tgħaddi mill-Gżira bħala adulta (85). L-idea ta' ħbit timplika li dawn il-memorji jaħsduha u aktarx huma skomdi. It-tifkiriet pjuttost newtrali li jissemmew fil-bidu tan-novella issa jieħdu bixra oħra – inqas innoċenti – u d-dettalji jiżdiedu u kultant jinbidlu sew. Ngħidu aħna, it-tifkira ta' xagħar Joelene "li darba qatgħet troffa minnu u waħħlitha fuq il-pitazz tal-Malti wara l-komponiment bit-titlu, *Il-ħabiba tiegħi*" ssir it-tifkira ta' "dakinhar li bellgħatha lil Joelene li kellha komponiment tal-Malti dwar l-akbar ħabiba tiegħi u kkonvinċietha taqtgħalha troffa xagħar żgħira li ma kienet żgħira xejn" (86).

L-ossessjoni ta' Claudine bl-imgħoddi tiżdied minflok tonqos maż-żmien u wħud mill-memorji jsiru iżjed persistenti minn oħrajn. Minħabba f'hekk ikollha tmur għand psikjatra li jgħidilha li l-imgħoddi "ma jitlaq lil ħadd. Jibqa' mħaffer bħal farrett fil-ġilda" (91). Il-passat jipparalizzaha, jaħkimha u jagħmilha skjava tiegħu. Dawn it-tifkiriet għandhom mill-memorji tal-iskrin, assoċjazzjoni ssuġġerita mid-dettall innifsu tat-tifkiriet li "jaħbtu" propju "mal-windscreen" (85). Dan il-kunċett, li Sigmund Freud ħareġ bih fil-ktiba "Screen Memories" fl-1899, jispjega li r-rikordji tat-tfulija li niftakru bħala adulti mhux bilfors jintrabtu ma' dak li tassew inkunu esperjenzajna fi tfulitna. Huma elementi mit-tfulija rrappreżentati mil-lenti tax-xewqat u l-fantasiji mrażżna tal-adulti. Din hija lenti li tgħawweġ u taħbi u, b'estensjoni, dan il-kunċett jenfasizza l-inaffidabiltà u l-ineżattezzi tal-memorja b'rabta mal-fatti. Jirrifletti wkoll il-kumplessità ta' memorja li hija multidirezzjonali, produttiva, u tinterroga l-għarfien tagħna dwar l-imgħoddi. Dan il-punt nistgħu norbtuh mat-tieni eku tal-poeżija "Delimara" li jinstema' b'mod iżjed sottili lejn tmiem in-novella: lit-tfajla Russa, li Claudine tinsisti li tara spiss fid-dar ta' tfulitha u li jsibuha mejta ħdejn ix-Chalet, timmaġinaha "sabiħa f'wiċċ l-ilma, bajda karti taħt sema stilel bil-melħ dieħel taħt ilsienha, biċ-ċafċifa tħokk ma' sidirha. Widnejha mgħaddsa fl-ilma" (100–1). Din id-darba r-referenza intertestwali titgħabba bil-mewt irromantiċizzata minflok bil-ħajja. Bejn tieħu sinifikat

oppost tal-oriġinali u bejn tikkonkludi ċ-ċiklu tal-ħajja li dejjem jintemm bil-mewt. Il-mewta tat-tfajla tikkumplimenta l-qagħda ta' Claudine li dejjem sejra lura, u bħalma jidher li hemm rabta bejn id-dar u l-mewta tat-tfajla Russa, hemm rabta bejn l-imgħoddi, irrappreżentat mid-dar tat-tfulija u d-deterjorazzjoni f'saħħet Claudine.

F'dawn in-novelli ftit li xejn hemm nostalġija, imma l-imgħoddi jippersisti f'ħajjet il-karattri u jibqa' jgħix magħhom, iridu jew ma jridux. Fl-istess snin li Roża tibda tħejji għad-difna, tibda tikteb l-ittri lil żewġha mejjet u tagħtihom lin-neputija biex timpustahom, mhux għax tinsa li miet, imma biex tgħidlu dak kollu li ma qaltlux f'ħajjitha, forsi biex taqla' balla minn fuq l-istonku u tinħall mid-diżappunti tal-imgħoddi. Skont Laura, waħda min-narraturi, Camilla Petroni jkollha d-dell tal-eks maħbub tagħha "mgħannaq magħha" u t-tifkira tiegħu "msakkra f'għajnejha," u allura forsi l-epitaffju li tigref fil-ħajt, u li bħala ġeneru huwa minnu nnifsu kommemorattiv, iżjed jimmarka l-permanenza tat-tifkira milli tislima permanenti: "*Qui giace un sapient'uomo, nobile di sangue, a lungo anche di cuore, che diviso nel cuore e nel sangue, la memoria del mare, la sua bruma, il suo sapore, perse un giorno, et aussi sa langue*" (130). Min-naħa l-oħra, l-epitaffju jikkommemora lill-maħbub daqskemm lil Camilla nfisha bħala l-memorja li hu tilef tal-baħar u l-ġmiel li jġib miegħu. Aktarx tagħżel li tiktibhulu bit-Taljan għax, għall-kuntrarju tiegħu, il-memorja tal-lingwa tagħha hi ma titlifhiex u tiftakar sew min kienet qabel ma ġiet Malta mill-Italja u ltaqgħet miegħu.

## 3. IN-NISA L-OĦRA: ANAKRONIJI U SPETTRI

L-istorja ta' Camilla tasal għandna permezz ta' Vitorin u Lucy, żewġ narraturi omodijeġetiċi, ftit jew wisq inaffidabbli, li fil-mument tan-narrazzjoni jmorru lura lejn mumenti differenti minn ħajjitha. L-istqarrija "ma nafx" tidher sebgħa u għoxrin darba b'kollox fid-diskors tagħhom u tirrifletti d-dettalji li jitħallew barra fir-rikostruzzjoni ta' kulma seta' ġara – sew fl-imgħoddi ta' Camilla u sew f'dak kollu li jwassal għall-kwistjoni doppja li qed tiġi investigata: is-sejba ta' ġisem ta' raġel imqatta' f'erbgħin biċċa ġo borża taż-żibel fuq il-bankina tad-dar u l-għajbien ta' Camilla.

Neumann tiddiskuti tekniki ewlenin li n-narrattiva tuża biex tirrappreżenta l-proċessi li bihom niftakru u, fost l-oħrajn, issemmi narraturi jew karattri li jirriflettu fuq l-imgħoddi tagħhom, jippruvaw jifhmuh u jimponu fuqu tifsir li joffrilhom perspettiva attwali. Ħafna drabi t-tifkiriet huma organizzati kronoloġikament biex jimtela l-vojt bejn l-imgħoddi u mument partikolari

fil-preżent. Dan il-metodu jassumi li l-passat jista' jiġi kostruwit b'mod koerenti. Min-naħa l-oħra, il-kronoloġija tista' tiġi mfixkla biex ir-rakkont jitbandal bejn livelli differenti ta' żmien. Id-devjazzjoni fl-ordni jew l-anakroniji jirriflettu l-proċessi sikwit diżorganizzati, irregolari, u kultant instabbli tal-memorja. Fl-istess ħin, iservu ta' kumment fuq il-limiti u l-preokkupazzjonijiet fundamentali fejn tidħol ir-relazzjoni tal-imgħoddi mat-tiswir tal-identità (335–7). Fin-novelli ta' Azzopardi, il-livelli multitemporali tal-imgħoddi u l-preżent jiltaqgħu u jitħalltu b'modi varji, kultant kumplessi.

Filwaqt li fin-novella "Camilla" r-rakkont huwa magħmul minn frammenti li jgħaqqdu riflessjonijiet u spekulazzjonijiet ta' narraturi inaffidabbli fuq l-imgħoddi mill-istess punt fil-preżent, in-novella "Margaret" hija rrakkuntata fi tnax-il biċċa li jibdew bin-novizzjat ta' Margaret, jew Sister Michael Joseph, u jispiċċaw bil-mewt u d-difna tagħha. It-titlu nnifsu tar-rakkont jisfida l-isem ta' raġel li ngħatat Margaret bħala soru ta' San Ġużepp. F'konfront mal-istqarrija "Thank you Saint Michael, I have forgotten my real name. I now bear a new name and a new life," in-narrazzjoni la tħassar isimha u lanqas l-imgħoddi tagħha (106–107). It-tmien parti ta' din in-novella tirrakkonta episodju min-novizzjat, u d-deskrizzjoni tat-tbenġil li jiksi ġisimha, tifkira friska tat-tbatija fiżika li sofriet, hija xhieda li dan il-perjodu kien wieħed diffiċli f'ħajjitha. Il-fraġilità u d-dgħufija implikati jistunaw ħdejn l-attitudni prepotenti u arroganti tagħha f'waqtiet oħra. Kemm din il-parti li tħarbat il-kronoloġija u kemm ir-ritratt minn tfulitha mal-ġenituri, jisfidaw l-amnesija li tipprova timponi fuqha l-ħajja ta' soru ta' San Ġużepp li tneżżagħha mill-identità u l-umanità tagħha. Min-naħa l-oħra, in-novella lanqas ma tnessi lil Sonia li tingħata ħasla u tintbagħat tgħallem it-tfal tal-Komunisti, lil Marylouise li tiġi umiljata quddiem sħabha u titlibbes il-widnejn ta' ħmar, jew lil Gabriella li taqla' għadd ta' daqqiet bir-riga fuq idha. Minkejja li r-rakkont ta' tmiem in-novizzjat jagħtina xi ftit tal-perspettiva u jagħti lil Margaret identità isħeħ, ma jnessix l-aġir aħrax tagħha fil-konfront ta' min hu dgħajjef.

L-identità ta' Camilla tibqa' ftit jew wisq spettrali għax, minbarra li fl-istorja qed jiġi investigat l-għajbien tagħha, bħala qarrejja jkollna noqogħdu fuq dak li jirrakkonta ħaddieħor dwar din il-barranija li "qisha farfett il-lejl" għax ma tħobbx ix-xemx, "torqod binhar u tqum billejl" (124). Flimkien ma' din id-deskrizzjoni li tingħata miż-żewġ narraturi, l-isem "Camilla" u d-dubju li jinħoloq dwar ir-relazzjoni tagħha ma' Lucy, li tqatta' ljieli sħaħ għandha jiddiskutu l-kotba, ikomplu jinsistu fuq l-ispettralità ta' Camilla għax jalludu għall-protagonista tar-rumanz Gotiku *Carmilla*, miktub minn Sheridan Le Fanu u ppubblikat lejn tmiem is-seklu 19. Carmilla tibqa' fid-dellijiet bħala figura sopranaturali, vampira b'tendenzi omosesswali, b'identità li mhix ċara

għalkollox; imma fl-istess ħin tisfida d-deċifrazzjoni simplistika u l-perspettiva Vittorjana tal-mara bħala possessjoni tar-raġel, dipendenti fuqu (Veeder 218). Fl-istess xogħol ta' Azzopardi hemm ukoll referenza għall-ħrafa ta' Rapunzel għax waħda mill-iżjed qlajjiet popolari dwar Camilla hija li tniżżel xagħarha twil u mmaljat mill-gallarija biex jitilgħu miegħu l-irġiel. Imma l-ħrafa ta' Rapunzel tiġi dekostruwita f'din in-novella, għax mhux talli ma jsalvaha ebda raġel, talli xagħar Camilla "jiħfief" u fit-tmiem jidher maqtugħ u mitfugħ mal-art u fuq is-sodda (136). Dawn ir-referenzi intertestwali la huma kapriċċużi u lanqas rari fin-novelli ta' Azzopardi u jagħtu saff ieħor jew saffi oħra lill-interpretazzjoni. Ifakkruna kontinwament li taħt il-kelma "kulħadd" fit-titlu tal-ġabra hemm iżjed mit-tmien ismijiet fit-titli tan-novelli, u r-rakkonti meħjuta fihom jinsġu flimkien identità u memorja kumplessa u mġedda.

Mistoħbijin fil-kfief ta' dawn in-novelli m'hemmx biss nisa mistħajla imma spettri ta' nisa li għexu verament. Hawn m'iniex nirreferi għan-nisa f'ħajjet Azzopardi, bħan-nanniet tagħha, li ispiraw uħud minn dawn il-karattri, anke jekk dawn l-istejjer jiddjalogaw mal-memorja tagħhom ukoll (Grech 95; Vella 101). Qed nirreferi, fost l-oħrajn, għal Martha Tabram u Jeanne Hébuterne. Martha Tabram tissemma fin-novella "Rita" għax kull filgħodu fi triqitha lejn l-iskola, Rita tgħaddi mill-passaġġ li fih inqatlet Tabram. In-narrazzjoni tiddeskriviha bħala l-ewwel vittma tal-qattiel Jack the Ripper minkejja li, storikament, Tabram, li nqatlet fl-1888, mhijiex meqjusa bħala waħda mill-ħames vittmi kanoniċi tal-qattiel (Ogan). F'din in-novella n-narrazzjoni ma tispekulax, ma tħallix lok għad-dubju u tagħti lit-tifkira ta' Martha Tabram is-siġill li l-istoriċi jibqgħu ma jagħtuhiex. Bil-maqlub ta' Tabram, Hébuterne ma tissemmiex b'isimha imma nissuspettaw li qiegħda fil-kartolina tal-pittur Amedeo Modigliani li tasal għand Roża ħafna wara li jmut żewġha:

> Bilqiegħda fuq siġġu, wiċċha pallidu, nieqes mill-espressjoni, xagħarha miġbud lura qisu ġelat. Għonqha twil, bajdani, il-profil ta' wiċċ eleganti qed iħares ċass lejn xi ħaġa li l-pittur ma kienx interessat jurina. F'idejha kikkra. Il-kartolina ma kinitx ċara ħafna. Kelli nfittex dwarha biex inħares lejha sew, lejn l-aħmar tad-dublett, aħmar fl-oranġjo, lejn l-iswed tal-flokk, b'daqqiet ħfief ħafna tal-aħmar, l-istess aħmar tad-dublett. (73)

Din hija d-deskrizzjoni tan-narratriċi li isem din il-mara ma tiżvelahx. Bħal żewġha, il-pittur Amedeo Modigliani, Jeanne Hébuterne kienet artista; imma iżjed milli għall-arti tagħha baqgħet tissemma bħala mart dan il-pittur famuż li spiss kienet is-suġġett tal-arti tiegħu. Fl-1920, ta' 21 sena, Hébuterne neħħiet ħajjitha b'idejha jum biss wara mewt Modigliani għax ma riditx tgħix mingħajru

– dettall ikkommemorat fl-epitaffju tagħha: "*Devoted companion to the extreme sacrifice*" (Jeanne Hébuterne). Nistgħu nargumentaw li, xi ftit bħal Hébuterne, Roża tiddeċiedi li tmut wara li jmut żewġha, għax "Fl-aħħar għaxar snin ta' ħajjitha m'għamlet xejn ħlief tħejji ruħha għad-difna" (63). Min-naħa l-oħra, bid-dublett aħmar u l-flokk iswed li tħit Roża, bix-xewqa mhix maqtugħa li tindifen bihom, nistħajluha ssellem it-tifkira ta' din il-mara, siekta bħalha, jew tirxuxtaha biex tagħtiha mewta denja.

Lil hinn mill-allużjonijiet intertestwali, mara oħra li bħallikieku tirxoxta mod ieħor f'din il-ġabra hija Gracey, karattru elusiv fin-novella bl-istess isem. Fit-tieni inkontru tagħha ma' Helen, f'dar qadima u kważi vojta, Gracey tirrakkonta l-imgħoddi fi Strada Stretta kif tafu hi. Dwar il-laqgħa tagħha ma' Gracey, Helen tkellem lil Bonnie u Bice Higgins tal-British Shoe Store, is-sidien, imma lil dawn xejn ma tinżlilhom din l-istorja peress li huma konvinti li Gracey mejta għax kien qatilha baħri Amerikan b'erbgħin daqqa ta' sikkina xi għoxrin sena qabel. Filwaqt li dan id-dettall jevoka l-qtil ta' Marie Grech, magħrufa bħala Marie s-Sewda, li fir-realtà seħħ fl-1970 (Cini 142–5), fin-novella Gracey titfaċċa bħala spettru mill-imgħoddi biex titkellem dwar ħafna iżjed minn mewtha. Anzi dwar mewtha ma titkellimx; titkellem dwar ħajjitha, dwar l-impjieg li kellha fil-Morning Star, dwar il-flus li kienu jagħmlu u jberbqu, dwar id-differenza bejn nisa bħalha u nisa "tal-klassi l-għolja" bħall-aħwa Higgins, u dwar l-imħabbiet tagħha ma' żewġha Ġużi u ma' Johnny il-baħri Amerikan (56). Dawn huma aneddoti mill-perspettiva ta' Gracey, it-tifkiriet tagħha illi ma kinux se jaraw dawl kieku ma rritornatx biex tirrakkuntahom. Il-karattri l-oħra fin-novella jew għexu fi żmien differenti, bħal Helen, jew għexu f'ċirkostanzi differenti, bħal Miss u Miss Higgins.

Dawn l-ispettri, maqbuda bejn il-konkret u l-mhux konkret, bejn il-preżenza u l-assenza, jinqalgħu mill-imgħoddi u jitfgħu dawl fuq l-effetti li l-passat jibqa' jkollu fuq il-preżent, u jissimbolizzaw il-modi li bihom il-memorja tibqa' ħajja jew tingħata l-ħajja. Ħafna minn dawn in-nisa mhumiex protagonisti, imma anke jekk dawn mhumiex l-istejjer tagħhom, isibu posthom fihom u, sa ċertu punt, isiru tagħhom ukoll. Dawn in-nisa minn żminijiet u sfondi differenti jkellmu lill-protagonisti ta' Azzopardi u b'modi varji jseddqu l-istejjer bħalma jseddqu l-memorja u l-identità tagħhom bħala nisa. Għall-kuntrarju, spettri rġiel bħal Pawlu, ir-raġel ta' Roża, u Dom Mintoff, l-idolu ta' Polly, ixekklu jew jidħlu f'kunflitt magħhom.

## 4. IL-KONTRAMEMORJA

Polly hija mara mwarrba minn kulħadd, magħrufa bħala "biżbetka" (145). Diżgrazzjata f'dehritha u fiċ-ċirkostanzi li tgħix fihom għax għandha id iqsar minn oħra, tgħix fil-faqar u tiġbor l-affarijiet minn barra, saħansitra mil-laned taż-żibel, u m'għandha xejn ħlief id-dar ta' tfulitha. Kliem Mintoff dwar il-kundizzjonijiet soċjali tal-Maltin jirreżona ma' Polly u forsi jagħtiha t-tama li ħajjitha tista' tkun differenti. Madankollu, dan il-kliem ma jissarrafx f'realtà għal Polly għax ħajjitha tkun u tibqa' miżerabbli, u sa mill-bidu tan-novella Mintoff huwa mejjet. Hija Polly li żżommu ħaj fi kliemha, bħalma żżomm ħajja t-tifkira tat-tarbija li tilfet fil-pupi li ssib u li ma ttihomx isem iżda tħitilhom l-ilbiesi u tkellimhom.

L-ossessjoni ta' Polly bil-Perit Mintoff ma tidhirx biss fl-emozzjonijiet li tesprimi dakinhar tal-funeral tiegħu, imma fl-imġiba imitattiva tagħha. Minbarra li l-ħin kollu tpejjep il-pipa, tirrepeti siltiet sħaħ mid-diskorsi pubbliċi tiegħu. Il-vuċi narrattiva li tirrakkonta l-imgħoddi u l-preżent traġiċi ta' Polly spiss tiġi interrotta mid-diskors ta' Mintoff, u l-punteġġjatura ma timmarkax fejn tispiċċa waħda u jibda l-ieħor. Ngħidu aħna, xħin jibda jinkixef ftit mill-imgħoddi diffiċli tagħha meta tilfet tarbija għax ħaduhielha wara li qalulha li hija mejta, ma ddumx ma tintervjeni l-vuċi ta' Mintoff li kważi tirredikola s-solennità u s-serjetà tan-narrazzjoni: "Jgħidu li kienet bjonda t-tarbija, bħall-Ingliżi, b'għajnejha ċelesti, xagħar folt, safrani, u jdejha kienu ndaqs, ma kienx hemm waħda iqsar mill-oħra. Imbagħad jgħidu li ftit wara, Malta ħadet l-Indipendenza. Imma dina l-kostituzzjoni li tajtuna lanqas għat-toilet paper mhi tajba, ħuduha lura" (154). Dawn l-interruzzjonijiet nistgħu ninterpretawhom bħala l-memorja invażiva tal-Perit Dom Mintoff li tiddomina l-memorja personali ta' Polly, bħalma sa ċertu punt fis-soċjetà tiddomina l-memorja tas-snin li fihom Mintoff kien attiv. Tant tiddominaha li Polly tkun fejn tkun tikteb, tigref, tħit, tiżbogħ l-ittri "pdm." Fil-fatt dawn it-tliet ittri nsibuhom b'mod jew ieħor f'kull novella, anke Londra fejn hemm Rita u fejn Polly żgur ma tersaqx.

Maurice Halbwachs, li stħarreġ id-dimensjonijiet soċjali tal-memorja individwali, juri li kull grupp soċjali għandu r-regoli, id-drawwiet, u l-istejjer tiegħu. Fi kliem ieħor, kull grupp għandu l-memorja kollettiva tiegħu li sservi bħala qafas ta' referenza biex jiddefinixxi x'inhu essenzjali u sinifikanti għalih. Din il-memorja tipprovdi struttura li fiha aħna, bħala individwi, nippruvaw nifhmu u ninterpretaw l-esperjenzi personali. Ikunu kemm ikunu personali l-memorji tagħna, dejjem jintrabtu ma' ideat u teoriji, postijiet u dati, fost l-oħrajn, li naqsmu ma' ħaddieħor, jiġifieri jintrabtu mal-qafas materjali u

morali tas-soċjetà li nappartjenu għaliha. Dik li Halbwachs isejħilha "memorja kollettiva" u dik li Jan Assmann isejħilha "memorja kulturali," ifformalizzata u rregolata istituzzjonalment b'monumenti, mużewijiet, letteraturi, avvenimenti kommemorattivi u l-bqija, huma punti ta' referenza fl-ispazju u fiż-żmien li jgħinuna niddeterminaw l-isfumaturi u l-konfini ta' dak li nġarrbu weħidna (Assmann 130–2). Għaldaqstant, il-memorja individwali, kollettiva u kulturali jirrelataw ma' xulxin djalettikament: insawru u nevalwaw l-esperjenzi u t-tifkiriet personali tagħna b'rabta mal-memorja kollettiva u kulturali li jilleġittimizzaw il-memorja individwali tagħna, u viċeversa. Imma waqt li għal Halbwachs il-memorja kollettiva tivvalida, issostni u tagħti valur lill-memorja individwali, kapaċi tagħmel eżattament bil-maqlub (Apfelbaum 85). Jekk ma nsibux ma' xiex norbtu dak li ngħaddu minnu, faċilment inħossuna aljenati, weħidna, strambi u differenti. Bl-istess mod, jekk l-esperjenzi tagħna ma jkunux riflessi f'dak li nesperjenzaw kulturalment – pereżempju f'dak li naqraw dwaru fil-letteratura – nistgħu nħossuna esklużi.

Hija din l-esklużjoni, din l-amnesija, li xi drabi jirriflettu n-novelli ta' Azzopardi: il-vojt li jħallu l-memorja kollettiva u l-memorja kulturali. Paradossalment, huma u jirriflettu l-vojt ikunu qegħdin jikkonfrontawh għax l-artikolazzjoni tiegħu tippreżentalna alternattiva għalih, toffrilna kontramemorja. In-narrattiva f'ċertu sens polifonika ta' Clare Azzopardi, li ssemma' l-ilħna u l-istejjer ta' nisa differenti, tifdi l-esperjenzi li fil-memorja kollettiva u kulturali, fis-soċjetà u fil-letteratura, mhux dejjem jingħataw spazju.

Nistgħu ngħidu li, bħalma Polly f'għajnejn il-komunità tagħha tibqa' tgħix fid-dell ta' Mintoff, Roża tibqa' tgħix fid-dell ta' żewġha Pawlu. Lil Roża niltaqgħu magħha permezz ta' żewġ tipi ta' narrazzjoni: narrazzjoni eterodijeġetika u narrazzjoni omodijeġetika mill-perspettiva tan-neputija tagħha. Fl-ewwel tip ta' narrazzjoni niltaqgħu ma' Roża fl-aħħar għaxar snin ta' ħajjitha, żmien li fih "intefgħet f'siġġu, ħalliet li ġisimha jinżel, lill-ġogi jibbiesu u ma ħadet ebda deċiżjoni oħra. Ippretendiet li n-neputija tagħha tkun hemm għaliha biex isseftrilha u tnewlilha, tixtrilha u titmagħha, tismagħha tgerger u twennisha" (63). It-tieni tip ta' narrazzjoni jagħti stampa differenti ta' Roża fi żmien ieħor meta kienet tbigħ is-saħħa. Wara li trabbihom tista' tgħid weħidha, ulied Roża jemigraw u jħalluha għalkollox weħidha. Meta jmut żewġha Pawlu, fil-funeral tiegħu l-kappillan jiftakru bħala raġel li "dejjem mantna l-familja, li dejjem ħadem għall-familja, u li dejjem ħabb lill-familja" (69). Min-naħa l-oħra, meta tmut Roża l-kappillan jiftakarha bħala "mara li dejjem qalet ir-rużarju" (74). Iż-żewġ diskorsi tal-kappillan, li aktarx jirrappreżentaw il-fehma mifruxa li l-irġiel jaħdmu għall-familja u jmantnu lin-nisa tagħhom u lil uliedhom, jidħlu f'kunflitt man-narrazzjoni personali tan-neputija li tagħtina stampa għalkollox

differenti ta' nannietha. Filwaqt li nannuha jfarfar ir-responsabilitajiet paterni u matrimonjali tiegħu meta jitlaq minn Malta bl-iskuża tax-xogħol u jiġi lura meta jkun wasal biex imut, nannitha trabbi u tmantni lill-ulied bil-flus li taqla' mill-ħjata. Bis-saħħa tan-neputija-narratriċi nafu li d-deskrizzjoni li l-kappillan jagħti ta' Pawlu tixraq ferm iżjed lil Roża, u li d-deskrizzjoni li jagħti ta' Roża hija tifkira parzjali u fjakka li tirrifletti l-inġustizzja li sofriet f'ħajjitha u li potenzjalment tibqa' ssofri fil-memorja kollettiva tal-komunità ta' San Blas. Għax "San Blas kollu" jmur għall-funeral ta' Pawlu u n-nisa "jnewħu r-rużarju, jirrepetu l-Agħtih O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem," imma għall-funeral ta' Roża ma jmorrux ħafna nies u wliedha stess "ma newħu ebda rużarju, ma rrepetewx l-Agħtiha O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem" (70, 74–5). Il-ħajja mhix ġusta ma' Roża u, minkejja s-saħħa u l-kuraġġ li turi fit-trobbija ta' wliedha, iċ-ċirkostanzi dejjem idgħajfuha. Bejn iż-żewġ narrazzjonijiet u d-diskors tal-kappillan toħroġ stampa ftit iżjed sħiħa ta' Roża, dwar ħajjitha u dwar il-ħwejjeġ li verament xtaqet tindifen bihom. Din il-verżjoni l-qarrejja jaslu għaliha meta jinsġu d-dettalji u jaqraw anke bejn il-linji. Huwa t-test li fit-totalità tiegħu jagħmel ġustizzja ma' dan il-karattru u jifdi l-memorja ta' Roża.

Min-naħa tagħha, Roża tidħol fil-ħajja tan-nies ta' San Blas bħala "l-unika mara li waħħlet il-kużakk ta' kull qalziet, ta' kull raġel f'San Blas" (64). Camilla wkoll tħalli t-timbru tagħha billi tikteb l-epitaffji tan-Naxxarin kollha: "In-nies saħansitra bdew jitolbuha tiktbilhom l-epitaffju tagħhom qabel ma jmutu u jgħidulha fuq xiex, sintendi, għax kienu fehmu, b'xi mod, dawn in-Naxxarin ġwejdin li l-unika ħaġa li tibqa' wara mewthom hija dawk l-erba' kelmiet li jiġbru ħajja sħiħa ta' bniedem fuq lapida taċ-ċeramika jew tal-ġebel" (133). Camilla tfakkar ħajjithom u ssir parti minn mewthom bħalma simbolikament tagħmel Polly li tattendi l-funerali kollha tan-nies tal-parroċċa. Minkejja li l-ittri "pdm" jirreferu għal Mintoff, jirrappreżentaw lilu daqskemm lil Polly li kull fejn tmur "tħalli l-marka tagħha" (156). Biha Polly tisfida l-amnesija ta' komunità li dejjem warrbitha. Iżjed milli żżommha ħajja, il-memorja ta' Mintoff toftoqha, għax l-ittri "pdm" ma jfissru xejn għal ħaddieħor. Meta tirrepeti kliem Mintoff, bil-vuċi "rqiqa u mwerżqa" tagħha, iżżarmah mis-sens tiegħu għax taqilgħu mill-kuntest oriġinali u ttellfu l-qawwa li xi darba kellu (151). Dawn in-nisa, minkejja l-limitazzjonijiet tagħhom u l-inġustizzji li jiffaċċjaw, bil-preżenza insistenti anke jekk siekta tagħhom, isiru parti mill-ħajja, mill-mewt u mill-memorja ta' ħaddieħor f'soċjetà li tippreferi tinsiehom.

Test letterarju, bħal kull forma ta' arti, jista' jkun sit ta' ċaħda u nisi intenzjonat daqskemm jista' jkun sit ta' fakra u integrazzjoni li jifdi narrattivi emarġinati (Hirsch u Smith 7). L-arti sikwit timmanifesta ruħha f'memorja konfrontattiva, antagonista, f'forza kritika li timmina perspettivi eġemoniċi tal-passat, li

tirreżisti narrattivi dominanti u tikkontempla alternattivi għalihom (Rigney 348). Greene tissuġġerixxi li l-letteratura Femminista tista' tkun b'saħħitha jekk hi u tfakkar il-passat toħolqu mill-ġdid b'tali mod li tixħet dawl fuq l-istejjer u l-identitajiet minsija tan-nisa. Il-fakra u r-rakkuntar huma atti li jistgħu jkunu produttivi u restawrattivi, li jagħnu lill-passat bid-demm u l-laħam, jagħtuh polz, u jpattu għan-nuqqasijiet tal-istorja u l-memorja kollettiva u kulturali (318). Fit-testimonjanza tagħha, Vitorin, is-seftura ta' Camilla, ma tiftakarx x'jismu l-Professur Olandiż li għex fid-dar ta' Camilla qabilha. L-isem tal-antropologu Jeremy Boissevain, li huwa mnaqqax fil-kultura nazzjonali, jintesa mis-seftura, imma l-isem Camilla Petroni tafu sew, għax din la hija l-istorja ta' Boissevain u lanqas tal-Markiż Scicluna, imma l-istorja tagħha. Dan hu ftit jew wisq dak li jagħmlu n-novelli ta' Azzopardi: jintegraw personaġġi u stejjer mistħajla ma' oħrajn veri u maqlugħin mill-istorja, jagħtu prominenza lin-narrattivi ta' nisa li ma jitilgħux fil-wiċċ tal-memorja kollettiva u kulturali, u jqiegħdu fl-isfond lil dawk li soċjalment u kulturalment iddominaw għal ħafna snin. Mingħajr ma jimmoralizzaw, dawn in-novelli jiddjalogaw ma' stejjer ta' nisa li kulturalment huma inqas mifruxa minn oħrajn u storikament ftit li xejn ġew iddokumentati, bħall-istejjer ta' bniet tal-iskola umiljati u abbużati mis-sorijiet, ta' nisa abbandunati minn żwieġhom wara li jemigraw biex ifittxu x-xogħol, ta' nisa barranin ittimbrati sħaħar għax għandhom stil ta' ħajja differenti, ta' nisa li jemigraw u ma jirritornawx, u ta' nisa b'diżabilità li huma esklużi mill-ħajja soċjali. Għalhekk, dawn jistgħu jitqiesu atti ta' kontramemorja Femminista għax jirrappreżentaw nisa li s-soċjetà nesiethom u ġegħlithom jaħsbu li l-istorja tagħhom mhix importanti għax mhuma ħadd. F'din il-ġabra huma wkoll iħallu isem warajhom, huma wkoll iħallu l-marka tagħhom.

## 5. IN-NISĠA TAL-LETTERATURA U L-MEMORJA

Virginia Woolf, fir-rumanz tagħha *Orlando: A Biography*, ippubblikat għall-ewwel darba fl-1928, tikteb: "Memory is the seamstress, and a capricious one at that. Memory runs her needle in and out, up and down, hither and thither. We know not what comes next, or what follows after" (40). Din l-analoġija tissuġġerixxi li l-memorja mhix biss imprevedibbli, imma wkoll proċess attiv u kostruttiv li, kif jgħid David Lowenthal, ma jirreġistrax l-imgħoddi b'mod passiv imma jsawru mill-ġdid b'mod attiv u b'elementi mistħajla miżjuda (305). Ix-xbieha ta' Woolf lili ma tfakkarnix biss f'Roża li l-ħjata tkun il-ħobża ta' kuljum tagħha qabel ma ssirilha l-uniku kapriċċ, imma wkoll f'Polly li tħit l-ilbiesi tal-pupi u tħalli l-marka tagħha "pdm" kull fejn tmur, "b'labra u ħajta" u "fuq il-keffa tad-dbielet," u f'Camilla li tħit it-tifkiriet ta' dawk li jħallu

d-dinja jew li għad iħalluha billi tikteb l-epitaffji tagħhom (Azzopardi 156). Il-memorja tiddistilla u tittrasforma l-imgħoddi minflok sempliċiment tirriflettih (Lowenthal 310), u hekk ukoll tagħmel Camilla meta tikkommemora ħajjet l-individwi fl-epitaffji. Ngħidu aħna, dwar Kurun li, skont Lucy, "qatta' nofs ħajtu ma jagħmel xejn fuq bank quddiem il-każin tal-banda bil-kuruna f'idu . . . jidgħi u jiġġieled man-nies," Camilla tikteb: "Hawnhekk jinsab mejjet Kurun li kiteb ħajtu kollha fuq bank . . . bil-kuruna tqattar minn bejn subgħajh posta wara oħra" (Azzopardi 124–5). Bħalma jissuġġerixxi l-isem propost tal-ġeneru "kostruzzjonijiet tal-memorja" jew "narrattivi mistħajla tal-memorja," l-elementi ta' immaġinazzjoni u tiswir li teħtieġ il-memorja jidhru f'kull forma tagħha: individwali, kollettiva u kulturali (Neumann 334). Dan huwa eżemplifikat fil-ġabra ta' Azzopardi għax filwaqt li sikwit tevoka individwi u episodji li eżistew tassew, għax huma parti mill-memorja personali tal-awtriċi u mill-memorja kollettiva u kulturali ta' ħafna qarrejja, dawn id-dellijiet jintisġu f'rakkonti sħaħ u l-letteratura mistħajla toħloq minnhom tifkira pubblika u tanġibbli.

L-atti tal-memorja huma atti rappreżentattivi, interpretattivi u spiss politiċi. Jeħtieġu aġenti u kuntesti speċifiċi. Jistgħu jkunu konxji u intenzjonati daqskemm involontarji, repetittivi u ossessivi (Hirsch u Smith 5). Il-letteratura simultanjament toħloq u tosserva l-memorja (Irimia 6). Tagħti forma lill-memorja hi u tittrażmettiha: nisġa magħmula mill-frammenti tal-esperjenzi personali, kollettivi u kulturali. L-awtriċi implikata f'dan il-kuntest ukoll issir ħajjata għax tfassal dawn l-istejjer u tħithom flimkien. Bħalma Roża tħit tmien ilbiesi, l-awtriċi implikata tħit flimkien il-ġrajja ta' tmien nisa. Bi strateġiji stilistiċi u tematiċi differenti dawn in-novelli jipproblematizzaw ir-retorika nostalġika u l-perspettiva singulari tal-imgħoddi biex jinterpretawh bħala xi ħaġa li mhix fissa jew kompluta, imma li tilqa' r-reviżjonijiet għax hija konnessa b'mod dinamiku mal-preżent. Għalhekk jagħtu tifsila ġdida lill-identità tal-mara, u fihom il-memorja ssir proċess innegozjat minn vuċijiet u narrattivi ta' nisa differenti.

*Uħud mill-ideat f'dan l-artiklu ħarġu minn diskussjonijiet twal ma' Claudia Gauci u ġew ippreżentati f'intervent konġunt fil-konferenza annwali AMIC organizzata mill-Ġ.F. Abela Junior College mit-13 sal-15 ta' Settembru 2023.*

# Glossarju

**kostruzzjonijiet jew narrattivi mistħajla tal-memorja**
*fictions of memory*
L-isem propost minn teoristi tal-letteratura u l-memorja għal testi letterarji li jirrappreżentaw il-proċess li bih niftakru bħala proċess attiv li jirrikjedi l-immaġinazzjoni u l-kostruzzjoni.

**kontramemorja**
*countermemory*
Att ta' reżistenza u kontestazzjoni li jeħodha kontra narrattivi jew forom ta' memorja dominanti ppreżentati bħala l-verżjoni eġemonika u uffiċjali tal-istorja jew tal-memorja; toħroġ fid-dieher u tiċċelebra narrattivi minsija, imrażżna u esklużi.

**memorja eġemonika**
*hegemonic memory*
In-narrattivi dominanti u uffiċjali li jakkwistaw status ogħla minn oħrajn għax ikunu indukrati u pperpetwati mill-gruppi u l-istituzzjonijiet influwenti li jkunu fil-poter.

**memorja kollettiva**
*collective memory*
Magħrufa wkoll bħala memorja soċjali jew komunikattiva. L-għarfien tal-passat kif mifhum u mġarrab bejn il-membri ta' grupp. Komponent essenzjali biex niffurmaw ir-rabtiet soċjali u r-relazzjonijiet mal-komunità li nappartjenu għaliha.

**memorja kulturali**
*cultural memory*
In-narrattivi istituzzjonalizzati. Il-forom ta' memorja sostnuti minn istituzzjonijiet ta' tagħlim, trażmissjoni, u interpretazzjoni bħal mużewijiet, avvenimenti u monumenti kommemorattivi, letteraturi, films, dokumentarji u l-bqija.

**memorja tal-iskrin**
*screen memory*
Kunċett stabbilit mit-teorija Psikanalitika. Tifkira mit-tfulija li subkonxjament taħbi esperjenza iżjed sinifikanti jew trawmatika bħala mezz ta' difiża psikoloġika.

**nostalġija**
*nostalgia*
Ix-xenqa sentimentali li tirritorna lejn persuna, waqt jew post li tgħożż bħala parti minn imgħoddi idealizzat u meqjus żmien aħjar mill-preżent.

# Biblijografija

Apfelbaum, Erika. "Halbwachs and the Social Properties of Memory." *Memory: Histories, Theories, Debates*, editjat minn Susannah Radstone u Bill Schwarz, Fordham UP, 2010, pp. 77–92.
Assmann, Jan. "Collective Memory and Cultural Identity." Tradott minn John Czaplicka, *New German Critique*, nru 65, 1995, pp. 125–33.
Azzopardi, Clare. *Kulħadd Ħalla Isem Warajh*. Merlin Publishers, 2014.
Caruana, Anton Manwel. *Ineż Farruġ*. 1889. Mireva Publications, 1998.
Cini, George. *Strait Street: Secrets and stories from behind closed doors*. 2017.
Doane, Janice, u Devon Hodges. *Nostalgia and Sexual Difference*. 1987. Routledge, 2013.
Freud, Sigmund. "Screen memories." *Standard Edition if the Complete Psychological Works of Sigmund Freud,* tradott minn James Strachey, Hogarth P, vol. 3, pp. 301–22.
Grech, Maria Francesca. *L-Individwalità tal-Vuċijiet f'Kulħadd Ħalla Isem Warajh ta' Clare Azzopardi*. L-Università ta' Malta, Teżi tal-Baċellerat, 2017. HyDi.
Greene, Gayle. ""Feminist Fiction and the Uses of Memory." *Signs*, vol. 16, nru 2, 1991, pp. 290–321.
Halbwachs, Maurice. *On Collective Memory*. Editjat u tradott minn Lewis A. Coser, U of Chicago P, 1992.
Hirsch, Marianne, u Valerie Smith. "Feminism and Cultural Memory: An Introduction." *Signs*, vol. 28, nru 1, 2002, pp. 1–19.
Irimia Mihaela. "Literature and/as (Cultural) Memory." *Literature and Cultural Memory*, editjat minn Mihaela Irimia et al., Brill Rodopi, 2017, pp. 1–15.
"Jeanne Hébuterne." *Byron's Muse*, www.byronsmuse.wordpress.com/2015/04/06/jeanne-hebuterne-devoted-companion-to-the-extreme-sacrifice.
Le Fanu, Sheridan. *Carmilla*. 1872. The Project Gutenberg eBook, 2003.
Lowenthal, David. *The Past is a Foreign Country – Revisited*. Cambridge UP, 2015.
Neumann, Brigit. "The Literary Representation of Memory." *Cultural Studies: An International and Interdisciplinary Handbook,* editjat minn Astrid Erll u Ansgar Nünning, De Gruyter, Inc., 2008, pp. 333–44.
Ogan, Jon. "Martha Tabram – The Forgotten Ripper Victim?" *Casebook: Jack the Ripper*. https://www.casebook.org/dissertations/rip-tabramogan.html
Rigney, Ann. "The Dynamics of Remembrance: Texts Between Monumentality and Morphing." *Cultural Studies: An International and Interdisciplinary Handbook,* editjat minn Astrid Erll u Ansgar Nünning, De Gruyter, Inc., 2008, pp. 345–53.
Veeder William, "Carmilla: The Arts of Repression." *Texas Studies in Literature and Language*,vol. 22, nru 2, 1980, pp. 197–233.
Vella, Bernice. *Ir-Ripetizzjoni u l-Motivi f'Kulħadd Ħalla Isem Warajh ta' Clare Azzopardi*. L-Università ta' Malta, Teżi tal-Baċellerat, 2015. HyDi.
Woolf, Virginia. *Orlando: A Biography*. 1928. Global Grey eBook, 2018.
Zammit, Anna. "L-Aspett Femminista, l-Aspett Femminili u l-Femminilità f'*Kulħadd Ħalla Isem Warajh." Jiena [X'] Jien?: Is-Suġġett fin-Narrattiva Kontemporanja*, editjat minn Stephen Bonanno, Klabb Kotba Maltin, 2018, pp. 153-178.

# Il-verbi fażiċi fis-sekwenza verbali tal-Malti

KIRSTY AZZOPARDI


## SINTEŻI

F'dan l-artiklu nipprova nuri li sabiex nifhmu aħjar kif taħdem il-katina verbali tal-Malti, nagħmlu tajjeb li nitfgħu ħarsitna fuq klassi waħda ta' verbi. Għal din ir-raġuni niffoka fuq il-verbi fażiċi li, kif jixhed isimhom, jimmarkaw l-istadju li tkun tinsab fih sitwazzjoni partikolari. Fil-Malti, normalment dawn il-verbi jkunu jirrikjedu verb imraqqad warajhom u b'hekk tinħoloq katina verbali. Huwa b'dan il-mod li l-istudju tal-aspett fażiku u dak tal-katina verbali jistgħu jingħaqdu flimkien fil-Malti. F'dan l-artiklu, ma nħarisx lejn il-verbi fażiċi kollha li nsibu fl-inventarju tal-Malti imma biss lejn *beda* u *reġa'*, li jesprimu valur ingressiv u valur repetittiv rispettivament. Għalhekk ġbart għadd ta' eżempji ta' kull wieħed minn dawn il-verbi f'katina tat-tip V1+V2+V3 sabiex nara nosservax xi tendenzi. Waħda mis-sejbiet prinċipali għandha x'taqsam mat-tip ta' verbi li jista' jkollna f'katina tat-tip V1+V2+V3, fejn wieħed mill-verbi jkun *beda* jew *reġa'*. Filwaqt li dawn il-verbi fażiċi jistgħu jokkorru f'katina mal-verbi modali u l-verbi lessikali, jistgħu saħansitra jipparteċipaw f'katina b'verbi fażiċi oħra, b'tali mod li żewġ verbi minn tlieta jkunu fażiċi. Barra minn hekk, abbażi tal-imġiba ta' *reġa'* fil-katina verbali, nuri li l-forma aspettwali tal-verbi fil-katina ma tintgħażilx kif ġie ġie imma hija marbuta mal-forma aspettwali tal-verb li jiġi qabel. Għalhekk, nasal nikkonkludi li naraw is-sekwenzi aspettwali li naraw għax kull verb fil-katina jikkmanda lil dak ta' warajh, b'tali mod li l-V1 jikkmanda lill-V2, u dan jikkmanda lill-V3. Il-V1 biss huwa ħieles, il-għaliex il-forma tiegħu tintgħażel skont iż-żmien li tkun ankrata fih is-sitwazzjoni u mhix marbuta mal-forma ta' xi verb ieħor.



## ABSTRACT

In this article I try to show that the Maltese verb chain may be better understood if one focuses on one class of verbs at a time. For this reason, I focus on verbs that point to a particular phase of a given situation, known as phasal verbs. These verbs typically require an embedded verb to follow in Maltese, such that a verb chain is formed; thus, Maltese presents an opportunity for joint research on phasal aspect and the verb chain. In this article, I only focus on two phasal

verbs, namely, *beda* 'start' and *reġa'* 'do again, repeat', where *beda* expresses an ingressive value and *reġa'* has a repetitive value. I collected a number of examples in which each phasal verb figures in a chain of the type V1+V2+V3, the aim being to observe any tendencies displayed. One of the main findings is related to the types of verbs that may occur as part of a three-verb chain in which *beda* or *reġa'* is present. These two phasal verbs may show up in verb chains which include modal verbs and lexical verbs, but they may also occur with other phasal verbs, such that two verb slots (out of three) are occupied by a phasal verb. Another finding regards the aspectual forms of verbs in the chain. Based on the peculiar behaviour displayed by repetitive *reġa'*, I show that these aspectual forms are not chosen at random; rather, each verb is assigned an imperfective or perfective form based on the aspectual form of the preceding verb. In other words, V1 governs V2 and V2 governs V3, such that each verb is governed by the preceding one whilst simultaneously bearing on the aspectual form of the following verb. Only V1 is free, in that its aspectual form is assigned based on the temporal grounding of the given situation.

## 1. INTRODUZZJONI

Dan l-artiklu[1] jitkellem dwar il-katina verbali fil-Malti u jfittex li jifhem aħjar kif taħdem billi jiffoka fuq il-verbi fażiċi *beda* u *reġa'*. Għaldaqstant, fl-ewwel taqsima tal-artiklu niddefinixxi l-katina verbali u nagħti ħarsa ħafifa lejn il-karatteristiċi prinċipali tagħha. Fit-tieni taqsima nintroduċi l-verbi fażiċi b'mod ġenerali u mbagħad niddiskuti t-tifsiriet ta' *beda* u *reġa'*. Fit-tielet taqsima nispjega l-metodu li użajt biex wettaqt din ir-riċerka, waqt li s-sejbiet niddiskutihom fir-raba' taqsima. Fi tmiem l-artiklu niġbor is-sejbiet prinċipali li ħarġu minn dan l-istudju.

## 2. IL-KATINA VERBALI

Il-katina verbali hija sekwenza ta' verbi li jkunu inflessi għall-istess suġġett u li jkunu jaqblu fil-mod, jiġifieri l-verbi jridu jkunu kollha fl-indikattiv jew kollha fl-imperattiv. L-iqsar katina verbali jkun fiha żewġ verbi, bħal f'(1), però tista' tkun ħafna itwal minn hekk, kif jidher f'eżempju (2).

(1) <u>Bdejt infittex</u> libsa partikolari.
(2) <u>Irrid nipprova mmur nara nsibx nixtri</u> żarbun tat-takkuna għat-tieġ.

[1] Dan l-artiklu huwa bbażat fuq it-teżi tiegħi tal-MA: *Phasal verbs in the Maltese verb sequence.* Ir-referenza tinsab taħt Azzopardi (2022).

Għalkemm tipikament ma jokkorri xejn bejn il-verbi li jsawru l-katina, Stolz (2009) juri li xi elementi avverbjali ġieli jidħlu bejn il-verbi mingħajr ma jaffettwaw il-katina. Madankollu, markaturi tas-subordinazzjoni bħal *li* mhumiex permessi (Maas, 2009). Għalhekk, filwaqt li f'eżempju (3) hemm katina verbali, f'(4) *jaf* mhuwiex parti mill-katina u mingħajr *li* s-sentenza ma tibqax grammatikali[2]. Mill-banda l-oħra, hija kemxejn dubjuża kemm hemm katina verbali f'eżempju (6) minħabba li bejn verb u ieħor jista' jkun hemm markatur tas-subordinazzjoni, kif jidher f'eżempju (7).

(3) Chris jaf jitkellem bil-Franċiż.
(4) Chris jaf li jista' jgħidli kollox.
(5) *Chris jaf jista' jgħidli kollox.
(6) Chris jixtieq isir tabib.
(7) Chris jixtieq li jsir tabib.

Ta' min wieħed iżid li l-verbi li jsawru l-katina verbali jkunu parti mill-istess frażi intonazzjonali, b'tali mod li nistgħu ngħidu li eżempju (8) fih żewġ ktajjen differenti. Tant hu hekk li l-aktar pawża li tinstema' naturali hija dik bejn *immur* u *qbadt*.

(8) [Meta bdejt immur] [qbadt inħossni aħjar].

F'każijiet bħal (9), mad-daqqa t'għajn jidher li hemm katina verbali peress li hemm sekwenza ta' tliet verbi wara xulxin. Madankollu, meta wieħed iħares lejn din il-binja mill-qrib, jidher li l-katina hija magħmula minn żewġ elementi verbali biss (*għandi nfakkrek*), ladarba s-suġġett grammatikali ta' *tibagħtilna* mhuwiex l-ewwel persuna singular bħalma hu s-suġġett tal-katina *għandi nfakkrek*. Fi kliem ieħor, il-bidla fis-suġġett twassal biex verb jiġi eskluż mill-katina (Stolz, 2009). Ħafna drabi dan jiġri minħabba t-tgħollija għal oġġett, magħrufa bħala *raising to object* fil-letteratura, inkella minħabba l-equi NP deletion. Huwa dan il-proċess tal-aħħar li jidher f'eżempju (9). Hawnhekk ninnutaw li l-V2 *infakkrek* għandu mehmuż miegħu suffiss (*-ek*) li jimmarka l-oġġett tal-verb u li f'dan il-każ jikkorrispondi għat-tieni persuna singular. Mhix kumbinazzjoni, mela, li l-verb li jiġi wara *nfakkrek* għandu t-tieni persuna singular bħala suġġett.

(9) Ktibt li [għandi nfakkrek] [tibagħtilna] l-listi.

[2] Minkejja li *jaf* jidher fiż-żewġ sentenzi, qed jintuża f'sensi differenti. Fi (3), *jaf* ifisser l-abbiltà, jiġifieri juri li Chris huwa kapaċi jagħmel xi ħaġa, mentri f'(4) l-istess verb jirreferi għal stat mentali u juri li Chris huwa konxju ta' xi ħaġa.

Il-katina f'eżempju (9) hija interessanti wkoll għal raġuni marbuta mat-tip ta' elementi li jistgħu jokkorru fil-katina. Fil-bidu ta' din it-taqsima għidna li l-verbi jridu jkunu inflessi għall-istess suġġett. Dan jidher fil-każ ta' *għandi nfakkrek*, fejn is-suġġett komuni huwa l-ewwel persuna singular. Madankollu, hemm differenza morfoloġika bejn *fakkar* u *għandu*, tant li hija dibattibbli kemm dan tal-aħħar huwa verb. Minn banda, *fakkar* jinfletti bħall-verbi l-oħra kollha u għalhekk il-perfett niffurmawh biż-żieda tas-suffissi, filwaqt li l-prefissi (flimkien mas-suffissi għall-plural) jintużaw biex jinbena l-imperfett, kif jidher f'*inti fakkart* u *aħna nfakkru*. Mill-banda l-oħra, *għandu* ma jinflettix bl-istess mod. Ibda biex, il-perfett ta' *għandu* huwa *kellu*, u *għandu* jista' jesprimi biss l-imperfett (Spagnol, 2009). Dawn iż-żewġ forom mhumiex relatati morfoloġikament u għalhekk hemm relazzjoni ta' supplezzjoni bejniethom. Apparti dan, is-suġġett ta' *għandu* ma nimmarkawhx biż-żieda tal-prefissi imma tas-suffissi, kif juru *int għandek* u *aħna għandna*. Din it-tip ta' mġiba tagħmel sens fid-dawl tal-fatt li *għandu*, aktar milli verb, huwa psewdoverb. Bħalu nsibu elementi oħra, fosthom *beħsiebu*, *ilu* u *għadu* (Peterson, 2009).

Apparti l-psewdoverbi, il-Malti għandu wkoll il-verbi impersonali li jġibu ruħhom differenti mill-verbi tradizzjonali. Hawnhekk, però, is-sitwazzjoni hija kemxejn aktar kumplessa għax il-verbi impersonali jkunu inflessi għat-tielet persuna singular maskil u teknikament diġà jkollhom suġġett. Madankollu, kif jgħid Stolz (2009), is-suġġett ma jirreferix u jista' jitqies dummy subject. Kif jidher fl-eżempji li ġejjin, huma s-suffissi li jimmarkaw is-suġġett veru tal-frażi verbali, jiġifieri *-lha* f'*jaqblilha* (10) u *-hom* fi *ddispjaċiehom* (11). F'eżempju (11), il-V1 *reġa'* huwa infless għat-tielet persuna singular maskil, b'tali mod li juri qbil mad-dummy subject tal-V2, jiġifieri *(hu) ddispjaċiehom*. Sentenza bħal (12) hija inaċċettabbli u b'hekk jidher li l-V1 irid bilfors jaqbel mad-dummy subject tal-V2. Peterson (2009) josserva l-istess imġiba fil-każ tal-psewdoverbi – il-verb li jiġi qabel il-psewdoverb irid ikun infless għat-tielet persuna singular maskil[3].

(10) Marija jaqblilha tkellem lid-direttur.
(11) It-tfal reġa' ddispjaċiehom li ma studjawx biżżejjed.
(12) *It-tfal reġgħu ddispjaċiehom li ma studjawx biżżejjed.

L-eżempji mogħtija hawn fuq juru li għalkemm ma jimmarkawx is-suġġett b'mod tipiku, il-psewdoverbi u l-verbi impersonali jistgħu juru qbil mal-bqija tal-verbi li jkunu parti mill-katina. Minħabba f'hekk, sekwenza verbali li jkollha dawn l-elementi fiha tista' tibqa' titqies katina verbali.

[3] Din mhix regola fissa u nsibu varjazzjoni fil-forma tal-verb li jiġi qabel ċerti psewdoverbi. Hawn min jgħid *kien għadni* u *kien ili*, u daqstant ieħor min jgħid *kont għadni* u *kont ili* (Camilleri, 2016).

Issa li ddiskutejna l-karatteristiċi prinċipali tal-katina verbali u dawk l-elementi li jistgħu jipparteċipaw fiha, tajjeb li nistabbilixxu li din il-binja ma tinstabx biss fil-Malti. Fil-fatt jidher li f'xi varjetajiet tal-Għarbi hemm binja li tixbah il-katina tal-Malti, kif juru eżempju (13) bl-Għarbi tal-Ġordan (Ouali & Al Bukhari, 2016, p. 174) u eżempju (14) bl-Għarbi tal-Eġittu (ElSadek, 2016, p.145)[4].

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| (13) | *ʔaʕad* | *ji-ħki* | | |
| | sit.PRF.3.SG.M | 3.M-talk.IMPF.SG | | |
| | 'Baqa' jitkellem.' | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| (14) | *w fidil* | *yigri* | *wara* | *el-nās* |
| | and remain.PV.3SGM | run.IPFV.3SGM | behind | the-people |
| | 'U baqa' jiġri wara n-nies.' | | | |

Għalkemm jidher li lingwi Semitiċi oħra għandhom binja simili għall-katina verbali tal-Malti, f'lingwi Indo-Ewropej bħall-Ingliż, it-Taljan, il-Franċiż u l-Ġermaniż ma tokkorrix din il-binja. Ngħidu aħna, f'eżempju (15) bil-Malti jidhru żewġ verbi inflessi imma fit-traduzzjoni ta' din is-sentenza jidher l-infinittiv minflok *norqod*. Hawnhekk ta' min wieħed jinnota li l-Malti m'għandux infinittiv morfoloġiku u għaldaqstant jintużaw biss il-forom finiti tal-verb.

(15) Irrid norqod.
(16) I want to sleep.
(17) (Io) voglio dormire.
(18) Je veux dormir.
(19) Ich will schlafen.

Fid-dawl tal-fatt li l-Malti m'għandux infinittiv morfoloġiku, Stolz (2009) jgħid li l-imperfett huwa forma ta' infinittiv sintattiku[5]. Infatti, jekk nippruvaw nibnu katina verbali b'*ried* bħala l-ewwel verb (V1) u *raqad* bħala t-tieni verb (V2), jidher b'mod ċar li l-V2 irid ikun fl-imperfett. Abbażi ta' dan il-fatt sintattiku, Fabri (1993) u Ebert (2000) iqisu l-imperfett bħala forma verbali li hija aktar bażika mill-perfett.

[4] Il-glossi (glosses) qed jingħataw eżatt kif jidhru fis-sorsi.
[5] Stolz jibbaża dan il-punt fuq dak li jgħid Fabri (1993).

| | |
|---|---|
| IPFV+IPFV | irrid norqod |
| * IPFV+PFV | * irrid irqadt |
| PFV+IPFV | ridt norqod |
| * PFV+PFV | * ridt irqadt |

*Tabella 1. It-tqassim ta'* ***ried*** *(V1) u* ***raqad*** *(V2)*

Din l-idea tal-imperfett bħala forma ta' infinittiv (sintattiku) hija kemxejn problematika minħabba li xi drabi l-V2 jokkorri fil-perfett u mhux fl-imperfett. Dan jidher b'mod ċar f'Tabella 2, fejn il-katina verbali tinbena mill-V1 *seta'* u l-V2 *raqad*. Il-fatt li f'katina tat-tip V1+V2 jista' jkun hemm V2 fil-perfett juri li mhuwiex għalkollox minnu li l-imperfett huwa ekwivalenti għall-infinittiv. Apparti dan, jidher li l-forma tal-V2 tiddependi mill-verb li jkun hemm fil-V1. Dan jidher b'mod ċar jekk inqabblu Tabella 1 ma' Tabella 2; l-unika differenza bejniethom hija l-verb li hemm fil-V1, differenza li mbagħad tissarraf f'kombinazzjoni aspettwali ġdida li hija possibbli – PFV+PFV.

| | |
|---|---|
| IPFV+IPFV | nista' norqod |
| * IPFV+PFV | * nista' rqadt |
| PFV+IPFV | stajt norqod |
| * PFV+PFV | stajt irqadt |

*Tabella 2. It-tqassim ta'* ***seta'*** *(V1) u* ***raqad*** *(V2)*

Il-verb *reġa'* huwa kurjuż għax iġib ruħu b'mod differenti minn *ried* u *seta'*, kif jidher f'Tabella 3. Jekk nibnu katina permezz ta' *reġa'* fil-V1 u *raqad* fil-V2, jiġifieri nerġgħu nbiddlu biss il-V1, jidher tqassim morfosintattiku għalkollox differenti miż-żewġ tipi li rajna. Din id-darba donnu hemm restrizzjoni fuq il-V2. Hawnhekk tidher regola li tgħid li meta *reġa'* jokkorri bħala parti minn katina verbali, kwalunkwe verb li jiġi direttament warajh irid ikollu l-istess forma aspettwali bħal ta' *reġa'* (Fabri, 1995). Kif jidher f'Tabella 3, il-forma *nerġa'* tirrikjedi verb ieħor fl-imperfett warajha, filwaqt li l-forma *erġajt* teħtieġ verb fil-perfett li jsegwiha.

| | |
|---|---|
| IPFV+IPFV | nerġa' norqod |
| * IPFV+PFV | * nerġa' rqadt |
| PFV+IPFV | * erġajt norqod |
| * PFV+PFV | erġajt irqadt |

*Tabella 3. It-tqassim ta' **reġa'** (V1) u **raqad** (V2)*

Issa li rajna t-tqassim morfosintattiku ta' xi verbi differenti parteċipi f'katina verbali, tajjeb li nqisu l-irwol ċentrali tas-semantika, il-għaliex l-istess verb jista' jkollu aktar minn tifsira waħda u t-tqassim morfosintattiku jiddependi mis-sens li l-verb ikollu fil-kuntest rispettiv (Fabri & Borg, 2017; Azzopardi, 2019). Ngħidu aħna, il-verb *spiċċa* għandu żewġ użi differenti. Xi drabi jintuża bħala verb fażiku u jkun jirreferi għat-tlestija jew it-tmiem (imma mhux l-għeluq) ta' xi sitwazzjoni (qabbel ma' 'finish'), filwaqt li drabi oħra jintuża fis-sens ta' xi ħadd li jsib ruħu f'xi sitwazzjoni (qabbel ma' 'end up'). Għaldaqstant, hemm żewġ paradimmi ta' tqassim morfosintattiku, waħda għal kull tifsira tal-verb, li qed jingħataw hawn taħt.[6]

| | |
|---|---|
| IPFV+IPFV | Se nibda l-artiklu fit-tmienja u nixtieq li sa nofsillejl <u>nispiċċa niktbu.</u> |
| * IPFV+PFV | * nispiċċa ktibt(u) |
| PFV+IPFV | Bdejt l-artiklu fit-tmienja u <u>spiċċajt niktbu</u> f'nofsillejl. |
| * PFV+PFV | * spiċċajt ktibt(u) |

*Tabella 4. It-tqassim tiegħi tal-V1 **spiċċa** bħala 'finish'*

| | |
|---|---|
| IPFV+IPFV | Peress li ħadd ma jkun irid jagħmel xejn, <u>nispiċċa nikteb</u> kollox jien. |
| * IPFV+PFV | Peress li ħadd ma jkun irid jagħmel xejn, dejjem <u>nispiċċa ktibt</u> kollox jien. |
| PFV+IPFV | Peress li ħadd ma ried jagħmel xejn, <u>spiċċajt nikteb</u> kollox jien. |
| * PFV+PFV | Peress li ħadd ma ried jagħmel xejn, <u>spiċċajt ktibt</u> kollox jien. |

*Tabella 5. It-tqassim tiegħi tal-V1 **spiċċa** bħala 'end up'*

[6] Camilleri (2016) tqis iż-żewġ użi ta' *spiċċa* bħala okkorrenzi ta' verbi fażiċi. Jiena nqis biss *spiċċa* fis-sens ta' 'finish' bħala verb fażiku.

Kif jidher f'Tabella 4, meta *spiċċa* jintuża bit-tifsira fażika jkunu possibbli biss ktajjen b'V2 fl-imperfett. Madankollu, mad-daqqa t'għajn, *nispiċċa ktibt* u *spiċċajt ktibt* ukoll jidhru grammatikali. Hawnhekk, però, it-tifsira ta' *spiċċa* ma tibqax fażika imma tirreferi għal sitwazzjoni li xi ħadd ikun sab ruħu fiha. It-tqassim ta' dan is-sens ta' *spiċċa* huwa mogħti f'Tabella 5. Camilleri (2016) ukoll tagħti paradimma għal kull sens ta' *spiċċa*. Għad li t-tqassim tagħha u dak tiegħi huma l-istess għall-użu fażiku ta' *spiċċa*, fil-każ ta' *spiċċa* fis-sens ta' 'end up' Camilleri (2016) tagħti l-possibbiltajiet kollha ħlief IPFV+PFV. Tajjeb li ngħidu li l-binja IPFV+PFV tidher ristretta mhux ħażin fl-użu u ma tokkorrix ta' spiss. Minkejja dan, din il-binja għandha tiġi inkluża fil-paradimma, ladarba f'kuntesti speċifiċi ġieli tintuża.

## 3. IL-VERBI FAŻIĊI

Dan l-istudju mhux qed jistħarreġ il-katina verbali fil-Malti b'mod ġenerali imma l-imġiba tal-verbi fażiċi meta jokkorru fiha, bit-tir li mġibithom tgħinna nifhmu aħjar x'inhu jiġri fil-katina. Dawn il-verbi, li tipikament jipparteċipaw fis-sekwenza verbali, għandhom aktar minn isem wieħed. Uħud jirreferu għalihom bħala *verbi fażiċi* (phasal verbs), oħrajn isejħulhom *verbi aspettwali* (aspectual verbs), filwaqt li xi riċerkaturi jgħidulhom *awżiljarji aspettwali* (aspectual auxiliaries). It-terminoloġija nfisha tevoka xi tip ta' rabta mal-aspett. Fil-fatt, minkejja li ħafna drabi nitkellmu dwar l-aspett grammatikali u l-aspett lessikali, hemm ukoll l-aspett fażiku, li spiss jingħata l-ġenb (Plungian, 1999). L-aspett fażiku ismu miegħu; għandu x'jaqsam mal-fażi li tkun tinsab fiha sitwazzjoni partikolari (Noonan, 2007), ngħidu aħna l-bidu (eż. *beda*, *start*), it-tkomplija (eż. *kompla*, *continue*), u t-tmiem (eż. *lesta*, *finish*). Inkella nistgħu norbtuh mal-mod kif tipproċedi sitwazzjoni partikolari, kif jipproponi Forsyth (1970), li juża t-terminu *procedural aspect.*

Għall-kuntrarju tal-aspett grammatikali u l-aspett lessikali, l-aspett fażiku mhuwiex obbligatorju fil-lingwi u mhux dejjem ikun grammatikalizzat. Binnick (1991) jargumenta li "[a]spect is a fully grammaticized, obligatory, systematic category of languages [...], while Aktionsarten are purely lexical categories, nongrammatical, optional, and unsystematic, defined in very specific terms such as inceptive or resumptive" (p. 170). Hawnhekk ninnutaw li Binnick juża t-terminu *Aktionsarten* sabiex jirreferi għall-aspett fażiku. Binnick (1991) iżid li l-aspett fażiku jista' jiġi espress morfoloġikament, inkella permezz tal-perifrażi. Ngħidu aħna, għalkemm fil-Malti għandna l-verb tal-ewwel forma *bies*, jekk l-azzjoni tiġi repetuta għadd ta' drabi nużaw il-verb tat-tieni forma *bewwes*. F'dan is-sens nifhmu li *bewwes* għandu tifsira iterattiva u

għalhekk jesprimi sitwazzjoni li sseħħ repetutament. Hawnhekk l-aspett fażiku nesprimuh morfoloġikament.[7] Madankollu, ġieli nużaw ukoll il-perifrażi, bħalma jidher f'*reġa' bies* u *qagħad ibus*. Fiż-żewġ każijiet, is-semmiegħ jifhem li ma kienx hemm bewsa waħda imma sekwenza ta' bews. Għad illi *reġa'* jesprimi biss ir-repetizzjoni tas-sitwazzjoni, *qagħad* iżid fit-tifsir u jwassal l-idea ta' sitwazzjoni li damet għaddejja. Għaldaqstant, fuq naħa hemm *reġa'*, li jitqies verb fażiku repetittiv, u fuq in-naħa l-oħra hemm *qagħad*, verb fażiku durattiv.

Apparti d-definizzjonijiet mogħtija hawn fuq, xi studjużi jispjegaw l-aspett fażiku bħala relazzjoni bejn żewġ sitwazzjonijiet differenti. Michaelis (1998) tqis l-aspett fażiku bħala "[a] set of aspectual distinctions involving relations between a background situation (the reference situation) and a situation located relative to the reference situation (the denoted situation)" (p. xv). Fi kliem ieħor, is-sitwazzjoni li tkun qed isseħħ fl-isfond – ir-reference situation – hija dik rappreżentata mill-kumplament tal-verb fażiku, filwaqt li d-denoted situation hija dik espressa mill-verb fażiku nnifsu, li jikkummenta dwar is-sitwazzjoni fl-isfond billi jiżvela jekk is-sitwazzjoni għadhiex tibda, hix qed titkompla jew spiċċatx, fost l-oħrajn. Għaldaqstant, fl-eżempju li ġej, is-sitwazzjoni li qed isseħħ fl-isfond hija waħda ta' tpinġija, espressa mill-kumplament tal-verb fażiku, jiġifieri minn *ipinġu*. Imbagħad il-verb fażiku, jiġifieri *bdew*, iżid li ngħata bidu għal din is-sitwazzjoni ta' tpinġija.

(20) It-tfal bdew ipinġu.

Xi studjużi oħrajn jibnu d-definizzjoni tal-aspett fażiku fuq xi tip ta' oppożizzjoni. Skont Newmeyer (1975), "the verbs of initiation, duration, and cessation [...] assert occurrence or non-occurrence of their associated propositions with respect to one or more points in time" (p. 25). Bħalu, Plungian (1999) jgħid li l-valuri fażiċi huma marbutin mal-eżistenza jew l-ineżistenza ta' xi sitwazzjoni f'mument partikolari, meta mqabbla ma' mumenti oħrajn. Dan jinftiehem aħjar permezz tal-figura li ġejja, li tirrappreżenta l-katina *bdejt niekol* abbażi ta' dak li jgħidu Newmeyer (1975) u Plungian (1999). Fil-katina verbali *bdejt niekol*, il-verb fażiku *bdejt* iwassal l-idea li dak il-mument li fih kont qed niekol kellu qablu mument ieħor fejn ma kontx qed niekol.




*Figura 1. Il-katina **bdejt niekol** mill-perspettiva ta' Newmeyer (1975) u Plungian (1999)*

[7] F'każ bħal dan, id-distinzjoni bejn l-aspett lessikali u dak fażiku donnha tiċċajpar xi ftit.

Imma l-verbi fażiċi dejjem ikollhom verb ieħor warajhom? Ir-risposta qiegħda xi mkien bejn iva u le. Jekk nagħtu ħarsa lejn eżempju (21), aktarx naqblu li hija sentenza għalkollox grammatikali u ma jinħass li hemm xejn nieqes fiha. F'din is-sentenza *bdiet* m'għandux verb ieħor isegwih imma l-frażi nominali *il-ħġieġ*. Rigward sitwazzjonijiet bħal dawn, fejn ikun hemm frażi nominali wara l-verb fażiku, Newmeyer (1975) jargumenta li "there is an implicit verbal reading which may be imposed by the speaker" (p. 42). Fil-fatt, meta naqraw/nisimgħu sentenza bħal (21), aktarx nifhmuha bħal (22). Dan ifisser li, minkejja li l-kumplament[8] tal-verb fażiku ma jkunx preżenti b'mod espliċitu, xorta waħda jinftiehem mis-semmiegħa.

(21) Lara bdiet il-ħġieġ.
(22) Lara bdiet taħsel/tillostra/tnaddaf il-ħġieġ.

Uħud mill-verbi fażiċi fl-inventarju tal-Malti huma *beda*, *qabad*, *kompla*, *baqa'* u *reġa'*. Il-kontribut semantiku ta' dawn il-verbi jinftiehem aħjar permezz tal-eżempji li ġejjin, fejn is-sentenzi huma kważi għalkollox identiċi. Il-verb fażiku huwa l-uniku element li jinbidel minn waħda għal oħra.

(23) Chris <u>beda jaqra</u> l-ktieb.
(24) Chris <u>qabad jaqra</u> l-ktieb.
(25) Chris <u>kompla jaqra</u> l-ktieb.
(26) Chris <u>baqa' jaqra</u> l-ktieb.
(27) Chris <u>reġa' qara</u> l-ktieb.

Il-Malti jesprimi l-aspett fażiku b'mod differenti minn lingwi oħra, ngħidu aħna l-Ingliż. Jekk nużaw it-terminoloġija ta' Michaelis (1998), nistgħu ngħidu li filwaqt li d-denoted situation fiż-żewġ lingwi tista' tiġi espressa permezz ta' forma verbali finita (għalkemm dan mhux neċessarjament ikun il-każ fl-Ingliż), ir-reference situation fl-Ingliż jesprimuha l-parteċipju jew l-infinittiv, imma mhux verb finit. Dan jidher fl-eżempji li ġejjin.

| | |
|---|---|
| (28) Chris started <u>reading</u> the book. | (parteċipju) |
| (29) Chris started <u>to read</u> the book. | (infinittiv) |
| (30)* Chris started <u>reads</u>. | (verb infless) |

[8] B'kumplament nifhmu element obbligatorju fis-sentenza, jiġifieri element li ma ngħaddux mingħajru (Crystal, 2008). Fis-sentenza *Chris waddab il-ballun*, għalhekk, *il-ballun* huwa kumplament tal-verb għax huwa element li s-sentenza tinħtieġ sabiex tkun kompluta. Bl-istess mod, ladarba l-verbi fażiċi tipikament ikollhom bżonn ta' verb ieħor warajhom sabiex is-sentenza tkun grammatikalment aċċettabbli, verb li jiġi wara verb fażiku nqisuh kumplament. Mela fis-sentenza *Lara bdiet taħsel*, il-verb *taħsel* huwa kumplament.

Din id-differenza bejn il-Malti u l-Ingliż nistgħu nispjegawha permezz tal-fatt li l-Malti m'għandux forma morfoloġika għall-infinittiv, għad li forma għall-parteċipju ġieli jkollu (bħal *beda miexi*). Din l-imġiba partikolari tal-Malti ma tinsabx biss mal-verbi fażiċi. Kif rajna, is-serje ta' verbi inflessi hija karatteristika tal-katina verbali fil-Malti. Għaldaqstant, nistgħu nasserixxu li l-aspett fażiku fil-Malti tipikament nesprimuh permezz tal-katina verbali.

### 3.1 Il-verbi ingressivi (bħal *beda*)

Wieħed mill-valuri li jesprimu l-verbi fażiċi huwa dak ingressiv, marbut mal-bidu tas-sitwazzjoni. Skont Eskhult (1998), dawn il-verbi jimmarkaw il-bidu tal-azzjoni, indipendentement mit-tifsira lessikali tagħhom. Dan jinftiehem aħjar fid-dawl tal-verbi *fetaħ* u *telaq* bil-Malti, li mad-daqqa t'għajn ma jidhrux relatati mal-idea ta' bidu. Filwaqt li *fetaħ* norbtuh ma' xi ħaġa li ma tibqax imsakkra, magħluqa, imma ssir aċċessibbli, *telaq* nużawh biex nesprimu ċaqliq jew moviment. Lanqas il-verbi *qabad*, *infaqa'* u *nfexx* ma nassoċjawhom mal-bidu ta' azzjoni, però f'ċerti kuntesti huwa propju dan il-kontribut semantiku tagħhom. Dawn it-tliet verbi tal-aħħar huma xi ftit jew wisq differenti minn dawk li ssemmew qabilhom għax, mhux talli jesprimu l-bidu ta' xi sitwazzjoni, talli jagħtuna x'nifhmu li s-sitwazzjoni ma kinitx mistennija u kienet ta' ċerta intensità (qabbel *bdiet tibki* ma' *qabdet tibki* / *infaqgħet tibki* / *infexxet tibki*). Għall-kuntrarju ta' dawn il-verbi li jiksbu tifsira ingressiva fil-preżenza ta' verb imraqqad,[9] u allura jibdlu t-tifsira skont il-kuntest li jidhru fih, *beda* jidher li dejjem jibqa' marbut mal-idea tal-bidu ta' xi sitwazzjoni.

(31) Il-kitla <u>fetħet tagħli</u>.
(32) <u>Telaq jimxi</u> t-tifel ta' ħuk?
(33) Kif rat lil oħtha, Marta <u>qabdet tgħajjat</u>.
(34) Malli ra lil ħuh liebes ta' buffu, Dave <u>nfaqa' jidħak</u>.
(35) Oħtu ż-żgħira <u>nfexxet tibki</u> kif ħadulha l-bużżieqa minn idejha.

Sabiex inkunu aktar preċiżi fid-definizzjoni tal-valur fażiku ingressiv, jaqbel li ngħidu li filwaqt li l-verbi ingressivi jimmarkaw il-bidu tas-sitwazzjoni, ma jgħidu xejn dwar l-andament tagħha u b'hekk is-sitwazzjoni tista' tintemm jew titwaqqaf ħesrem imma t-tifsira tal-verb ingressiv tibqa' talikwali (Stolz & Ammann, 2007).

Il-verbi ingressivi ġieli jissejħu wkoll inkoattivi (Vanhove, 1987, 1993; Stolz & Ammann, 2007; Maas, 2009). Però rridu noqogħdu daqsxejn attenti, il-għaliex

[9] It-traqqid (embedding) jokkorri meta jkollna s-subordinazzjoni. Għalhekk, ngħidu li l-element subordinat ikun imraqqad.

il-verbi inkoattivi tipikament jimmarkaw id-dħul f'xi stat (Spagnol, 2007), bħal *sar* u *ġie* fl-eżempji li ġejjin.

(36) Illum sirt naf il-verità kollha.
(37) It-tfal tal-kuġina saru jħobbuh il-Milied.
(38) Bil-make up ġiet tixbah lil ommha fir-ritratt tat-tieġ.
(39) Il-ħġieġ ġie jleqq tant kemm domt nillostra fih.

Madankollu, jidher li dawn iż-żewġ verbi jesprimu d-dħul fi stat meta l-verb imraqqad ikun verb stativ, kif jidher f'eżempji (36)-(39), filwaqt li meta l-verb imraqqad ikun verb dinamiku, *ġie* u *sar* ikollhom valur fażiku ingressiv, bħal f'(40) u (41). Għall-fini ta' dan l-istudju, *sar* u *ġie* qed jitqiesu verbi fażiċi ingressivi bħal *beda*, *qabad*, *fetaħ* u *nfaqa'* ladarba d-dħul fi stat ma jeskludix il-fatt li ngħata bidu għal xi ħaġa.

(40) Il-ħaxix saret tieklu.
(41) Wara li ħadtu għat-tiswija, il-kompjuter ġie jaħdem.

Fit-tabella li ġejja nagħti numru ta' verbi fażiċi ingressivi u eżempju ta' kull wieħed f'kuntest. Għalkemm jista' jkollna għadd ta' verbi li lkoll jesprimu l-istess valur fażiku, bejn verb u ieħor aktarx ikun hemm xi differenzi semantiċi sottili. Il-verbi mmarkati bil-grassett huma dawk li jokkorru ta' spiss; il-bqija għandhom użu pjuttost marġinali u xi minn daqqiet kollokazzjonali, ngħidu aħna *rama* f'*jarma jidgħi* u *nfaqa'* f'*jinfaqa' jidħak*.

| | |
|---|---|
| **beda** | It-tifla bdiet tikteb kollox. |
| fetaħ | Il-kitla fetħet tagħli. |
| **ġie** | Ma nafx x'għamillu t-televixin imma ġie jgħajjat aktar. |
| nfaqa' | Il-kuġina nfaqgħet tidħak. |
| nfetaħ | Kif sema' l-aħbar, ir-raġel infetaħ jidgħi. |
| nfexx | Iż-żgħir xkana u nfexx jibki. |
| ntefa' | Aħjar tintefa' tistudja għax qed joqorbu l-eżamijiet. |
| **qabad** | Għada naqbad naħdem fuq l-artiklu. |
| rama/rema | Il-bejjiegħ rama jgħajjat. |
| **sar** | Mindu ġratlu dik il-biċċa sar ikellem lil kulħadd. |
| telaq | It-tifel t'oħti telaq jimxi. |

*Tabella 6. Verbi fażiċi ingressivi fil-Malti*

### 3.2 Il-verbi repetittivi (bħal *reġa'*)

Kategorija oħra ta' verbi li jesprimu valur fażiku hija dik tal-verbi repetittivi li – isimhom magħhom – jirreferu għal sitwazzjoni li tkun diġà ġrat minn tal-inqas darba u terġa' sseħħ. Normalment, ir-repetizzjoni fil-Malti nesprimuha bil-preżenza ta' *reġa'*, li għalkemm jissemma f'għadd ta' studji bħala wieħed mill-verbi fażiċi fl-inventarju tal-Malti, dejjem jingħata t-tikketta ta' verb fażiku iterattiv, ħlief f'Camilleri (2016). Hija tqis dan il-verb bħala wieħed repetittiv minflok iterattiv sabiex tneħħi kwalunkwe ambigwità li jista' jkun hemm, peress li s-soltu t-tikketta *iterattiv* tintuża b'rabta mal-aspett lessikali tal-verb[10]. Ngħidu aħna, il-verb *bewwes*, li ssemma diġà, minnu nnifsu jwassal l-idea ta' serje ta' bews(iet). Huwa f'dawn il-każijiet, fejn ir-repetizzjoni tkun parti intrinsika mit-tifsira tal-verb, li ngħidu li jkollna verb iterattiv. Għad li sa ċertu punt nistgħu nifhmu r-raġunament ta' dawk l-istudjużi li rreferew għal *reġa'* bħala verb fażiku iterattiv, ma nistgħux ngħidu l-istess għall-istudju ta' Maas (2009), li jqis *reġa'* bħala verb terminattiv, jiġifieri verb li jimmarka l-waqfa ta' sitwazzjoni, bħal *waqaf*. Bħal Camilleri (2016), f'dan l-istudju nuża t-terminu *repetittiv* biex kemm jista' jkun inżomm l-aspett fażiku separat mill-aspett lessikali, anke jekk huma marbutin sew flimkien.

Apparti *reġa'* hemm ukoll *tenna* li meta jkollu verb imraqqad warajh jesprimi r-repetizzjoni, però jidher li ż-żewġ verbi għandhom distribuzzjoni differenti. Filwaqt li hemm varjetà ta' verbi li jistgħu jiġu wara *reġa'* b'tali mod li jiffurmaw katina verbali, ma' *tenna* għandhom ħabta jokkorru verbi marbutin mat-taħdit bħal *qal* u *ddikjara*. Dan tixhdu tiftixa fil-korpus tal-MLRS[11], fejn jitilgħu ktajjen bħal dawn li ġejjin:

(42) U allura jiena <u>ntenni ngħid</u> li mhux kollox li hu privat jista' jibqa' privat [...]
(43) Il-kappillani f'Għawdex <u>tennew jistqarru</u> li huma jemmnu li [...]
(44) [...] iżda <u>tenna jistaqsi</u> kemm se toħroġ Malta kull sena.
(45) [...] <u>tenna jiddikjara</u> li hu kontra l-korruzzjoni, bla ebda kundizzjoni ta' xejn.
(46) <u>Tenna jixhed</u> li [...]

Għaldaqstant, nistgħu ngħidu li fil-Malti għandna żewġ verbi differenti li jesprimu tifsira fażika repetittiva: wieħed minnhom jista' jintuża ma' firxa ta'

[10] Studjużi differenti għandhom interpretazzjonijiet differenti tal-aspett fażiku u dak lessikali. Ngħidu aħna, id-diskors ta' Binnick (1991) dwar l-aspett fażiku morfoloġiku donnu jikkonverġi ma' diskors dwar l-aspett lessikali.
[11] Għal dan l-istudju użajt it-tielet verżjoni tal-Korpus Malti peress li l-aktar verżjoni riċenti, jiġifieri r-raba' waħda, kienet għadha ma ġietx varata.

verbi filwaqt li l-ieħor jidher li jimponi xi restrizzjonijiet semantiċi fuq il-verb imraqqad li jokkorri miegħu. Dawn iż-żewġ verbi nagħtihom fit-tabella li ġejja.

| | |
|---|---|
| reġa' | Anke llum reġgħu semmew l-istess ħaġa. |
| tenna | Il-ġuvni tenna jgħid li mhuwiex ħati. |

*Tabella 7. Il-verbi fażiċi repetittivi fil-Malti*

## 4. IL-METODU

F'dan l-artiklu ddeċidejt li niffoka fuq l-imġiba tal-verb fażiku ingressiv *beda* u l-verb fażiku repetittiv *reġa'* fil-kuntest tal-katina verbali. Għażilt li nanalizza propju dawn iż-żewġ verbi għal żewġ raġunijiet differenti. L-inventarju tal-verbi fażiċi ingressivi fil-Malti huwa pjuttost imdaqqas, però l-aktar verb frekwenti minnhom kollha huwa *beda*, li huwa wkoll dak il-verb bl-aktar tifsira newtrali. Dan jinftiehem aħjar jekk inqabblu *beda* ma' *qabad*, li normalment nużawh biex nirreferu għall-bidu ta' sitwazzjoni mhux mistennija. Fl-inventarju tal-verbi fażiċi repetittivi, imbagħad, insibu *reġa'* u *tenna*. Apparti li *reġa'* huwa bil-wisq aktar frekwenti minn *tenna*, dan il-verb juri mġiba morfosintattika differenti mill-imġiba tipika tal-verbi fażiċi, b'mod speċjali meta wieħed iħares lejn il-forom aspettwali tal-verbi fil-katina. Kien għalhekk li għażilt li nħares lejn *beda* u *reġa'* bħala r-rappreżentanti tal-klassi semantika li jappartjenu għaliha.

Sabiex nanalizza l-imġiba ta' dawn il-verbi fażiċi fil-kuntest tal-katina verbali, użajt għadd ta' eżempji mit-tielet verżjoni tal-korpus. B'kollox ġbart 60 eżempju tal-verb ingressiv *beda* u 60 eżempju tal-verb repetittiv *reġa'* f'katina tat-tip V1+V2+V3. Għal kull verb, nofs l-eżempji kienu okkorrenzi fil-V1 u n-nofs l-ieħor okkorrenzi fil-V2. Dan ifisser li ma kienx hemm sekwenzi b'verb fażiku fil-V3, il-għaliex jekk il-verb fażiku jokkorri f'din il-pożizzjoni, aktarx li jkun hemm verb ieħor implikat u b'hekk il-katina tkun magħmula minn erba' verbi u mhux tlieta. Permezz ta' dawn l-eżempji stajt nagħti daqqa t'għajn lejn it-tip ta' verbi, ngħidu aħna lessikali, modali jew fażiċi[12], li jistgħu jokkorru fil-

[12] Il-verbi lessikali huma dawk il-verbi li jirreferu għal xi tip ta' sitwazzjoni fid-dinja, filwaqt li l-verbi modali nużawhom biex nikkummentaw dwar iċ-ċertezza, il-possibbiltà jew il-bżonn li s-sitwazzjoni sseħħ (Crystal, 2008). Fi kliem ieħor, verbi bħal *daħal, kiel* u *keskes* huma lessikali, imma *seta'* (f'*seta' ġie*) u *kellu* (f'*kellu jiġi*) huma verbi modali. Sintendi, hemm ukoll il-verbi fażiċi, li huma l-qofol ta' dan l-istudju. Tajjeb li ma ninsewx li l-qasma bejn kategorija u oħra mhux dejjem tkun daqstant ċara u spiss nispiċċaw inħabbtu wiċċna mal-ambigwità. Huwa biss permezz tal-kuntest li nistgħu nagħrfu l-użu (differenti) ta' *qabad* u *kellu* fis-sentenzi li ġejjin:

| | | |
|---|---|---|
| (i) | It-tifla *qabdet* id-dixx bis-sarvetta. | (użu lessikali) |
| (ii) | It-tifla *qabdet* tgħajjat kif rat lil missierha ġej bil-pastizzi. | (użu fażiku) |
| (iii) | Meta kienu għadhom żgħar, *kellhom* akkwarju d-dar. | (użu lessikali) |
| (iv) | *Kellhom* iħallsuni imma bqajt b'xejn u spiċċajt tlift €30. | (użu modali) |

preżenza ta' verb ingressiv jew repetittiv. Barra minn hekk, ħarist ukoll lejn il-forma aspettwali tal-verbi li jsawru l-katina sabiex nara nsibx xi ħjiel ta' kif fil-fatt tinbena katina verbali grammatikali. Tajjeb li nżid li ma striħajtx għalkollox fuq dak li ħareġ mill-korpus. Kull fejn innutajt xi tendenza fl-eżempji miġbura, ħallejt l-għarfien tiegħi bħala kelliema nattiva tal-Malti jmexxini sabiex nifhem jekk it-tendenza kinitx mera tar-realtà, inkella kinitx frott l-eżempji li nzertajt ġbart mill-korpus. Minkejja li l-korpus huwa għodda indispensabbli għar-riċerka dwar il-Malti, jibqa' l-fatt li mhuwiex rappreżentattiv u huwa miżgħud b'sentenzi meħudin minn diskorsi formali, filwaqt li ftit li xejn fih testi b'lingwaġġ ta' kuljum jew informali. Minħabba f'hekk ikompli jinħass in-nuqqas ta' korpus tal-Malti mitkellem peress li l-lingwa mitħaddta normalment tkun aktar naturali. L-ispontanjetà tal-lingwa mitkellma tagħti lok għall-okkorrenza ta' binjiet li l-lingwa miktuba donnha ftit li xejn għandha spazju għalihom.

## 5. IS-SEJBIET: TENDENZI OSSERVATI

F'din it-taqsima niddiskuti s-sejbiet prinċipali li ħarġu mill-analiżi tal-eżempji miġbura mill-korpus. L-eżempji u t-tendenzi osservati kollha jirrigwardaw ktajjen tat-tip V1+V2+V3.

Mill-eżempji ħareġ li *beda* mhuwiex marbut ma' xi forma aspettwali jew oħra meta jokkorri fl-ewwel pożizzjoni minn tlieta. Madankollu, iż-żewġ verbi li jsegwuh iridu bilfors ikunu fl-imperfett. L-eżempji li ġejjin jixhdu dan.

| | |
|---|---|
| (47) Chris qal li xi darba forsi <u>**jibda** jmur jimxi</u> kuljum. | (IPFV+IPFV+IPFV) |
| (48) Chris <u>**beda** jmur jimxi</u> kuljum. | (PFV+IPFV+IPFV) |
| (49)* Chris qal li xi darba forsi <u>**jibda** mar jimxi</u> kuljum. | (* IPFV+PFV+IPFV) |
| (50)* Chris qal li xi darba forsi <u>**jibda** mar mexa</u> kuljum. | (* IPFV+PFV+PFV) |
| (51)* Chris <u>**beda** mar jimxi</u> kuljum. | (*PFV+PFV+IPFV) |
| (52)* Chris <u>**beda** mar mexa</u> kuljum. | (* PFV+PFV+PFV) |

Li l-verb fil-V3 jeħtieġ li jkun fl-imperfett mhix xi ħaġa speċifikament marbuta mal-verb *beda* imma tendenza ġenerali osservata fl-eżempji miġbura. Apparti dan, il-verb fil-V3 normalment ikun verb lessikali u mhux fażiku jew modali. Nistgħu ngħidu li l-verbi lessikali huma klassi miftuħa, għall-kuntrarju tal-verbi fażiċi u modali, li l-inventarju tagħhom diffiċli jikber. Għaldaqstant, hemm firxa ikbar ta' verbi li jistgħu jokkorru fil-V3. Dan l-argument diġà ppreżentajtu f'Azzopardi (2019), meta stħarriġt is-sekwenzi verbali tat-tip V1+V2, fejn argumentajt li l-V2 jista' jilqa' aktar verbi mill-V1. Bħalma l-V2 huwa t-tarf

tal-lemin ta' katina V1+V2, fil-każ ta' katina bi tliet verbi huwa l-V3 li jimmarka l-istess tarf u għalhekk hija din il-pożizzjoni li tagħti lok għal aktar flessibilità.

Jekk immorru mill-forom aspettwali għat-tipi ta' verbi li permezz tagħhom tinbena l-katina, fl-eżempji miġbura deher li *beda* jista' jokkorri sija qabel u sija wara verb fażiku ieħor. Fil-fatt, fl-eżempji li ġejjin hemm *beda* akkumpanjat minn *reġa'*. Minkejja ż-żewġ possibbiltajiet, fl-eżempji miġbura mill-korpus *beda* aktar deher wara verb fażiku ieħor milli qablu. F'dawn il-każijiet, fil-V1 dejjem okkorra *reġa'* bħala l-verb fażiku l-ieħor. Però, jekk nindagaw daqsxejn insibu li hemm verbi fażiċi oħra li jistgħu jokkorru f'din il-pożizzjoni, bħall-verb fażiku durattiv *qagħad*, eżemplifikat f'(55).

(53) Laħlaħt saqajja mir-ramel imma **beda jerġa'** jidħol bejn is-swaba'.
(54) Kif għamlet l-ewwel ħalba xita, ommi **reġgħet bdiet** iddawwar il-kxaxen.
(55) Ron **qagħad jibda** jipprepara l-ikel minn kmieni, biex kulħadd kien laħaq kiel![13]

Il-verb fażiku ingressiv mhux bilfors jiġi wara verb fażiku; jista' jkollu wkoll verb lessikali jew modali qablu. Fil-fatt, fid-data miġbura dehret tendenza ikbar għall-verbi modali qabel *beda*. Għalkemm kien hemm ukoll xi każijiet ta' verbi lessikali f'din il-pożizzjoni, dawn l-okkorrenzi kienu pjuttost marġinali.

(56) Mil-lum **jistgħu jibdew** jaħdmu fuq il-proġett.
(modali+fażiku+lessikali)
(57) It-tfal **jixtiequ jibdew** jagħtu daqqa t'id għall-festa.
(lessikali+fażiku+lessikali)

Jekk induru fuq *reġa'*, tidher stampa kemxejn differenti minn dik li rajna għal *beda*. Permezz tal-analiżi tad-data miġbura mill-korpus ħarġet tendenza li *reġa'* fil-V1 spiss ikollu verb fażiku ieħor li jiġi warajh, li dejjem ikun verb ingressiv (58). B'danakollu, aktarx li din kienet biss koinċidenza għax sentenza (59), li fiha jidher il-verb fażiku terminattiv *waqaf*, ukoll hija aċċettabbli. Mal-V1 *reġa'* ma jokkorrux biss verbi fażiċi fil-V2 imma jista' saħansitra jkun hemm verb lessikali f'din il-pożizzjoni, bħal f'(60). Fl-eżempji miġbura mill-korpus ma kienx hemm okkorrenzi ta' verbi modali fil-V2. Din tista' tkun kumbinazzjoni

[13] Il-verbi fażiċi durattivi s-soltu norbtuhom ma' sitwazzjoni li ttul (jew tittawwal), sitwazzjoni li tieħu xi ftit tal-ħin. Vanhove (1994) tmur pass oltre minn hekk u tara rabta bejn id-durattività u l-isforz li wieħed jagħmel biex iwettaq azzjoni – sforz li inevitabbilment jieħu l-ħin. Għalhekk, anke jekk f'(55) *qagħad* mhux iwassal l-idea ta' dewmien, xorta waħda jitqies verb fażiku durattiv ladarba qed jesprimi ċertu sforz, forsi anke impenn, min-naħa tas-suġġett.

daqskemm tista' tkun indikazzjoni ta' x'inhu u x'mhux permissibbli f'katina b'*reġa'* fil-V1. Is-sentenza f'(61) teżemplifika katina magħmula mill-V1 *reġa'*, segwit minn verb modali u verb lessikali rispettivament. Għalkemm sekwenza ta' din ix-xorta mhijiex għalkollox inaċċettabbli fil-Malti, is-sentenza fi (62) għandu mnejn tinstema' aktar naturali għall-kelliema nattivi tal-Malti.

(58) **Reġgħu bdew** jitkellmu qisu qatt ma kien xejn.
(fażiku+fażiku+lessikali)
(59) **Reġa' waqaf** jistudja fil-ħdax ta' billejl.
(fażiku+fażiku+lessikali)
(60) Iz-zija **reġgħet tħajret** iġġib kelb.
(fażiku+lessikali+lessikali)
(61) Jekk l-oħra ċċempel sick, **jerġa' jkollu** jmur ix-xogħol.
(fażiku+modali+lessikali)
(62) Jekk l-oħra ċċempel sick, **ikollu jerġa'** jmur ix-xogħol.
(modali+fażiku+lessikali)

Meta *reġa'* jokkorri fil-V2, jista' jkun hemm sija verb lessikali (63) u sija verb modali (64) fil-V1, u ma jidhirx li hemm preferenza għal xi tip partikolari. Ma nstabet l-ebda okkorrenza ta' verb fażiku fil-V1 qabel *reġa'* fil-V2. Għalhekk, donnu li *reġa'* jippreferi jiġi qabel verb fażiku ieħor milli warajh. B'dan il-mod qed tiġi stabbilita ordni jew ġerarkija fil-klassi tal-verbi fażiċi.

(63) Li kont flokok, **nipprova nerġa'** nkellmu.
(lessikali+fażiku+lessikali)
(64) Jekk trid, **nistgħu nerġgħu** ninżlu sal-baħar.
(modali+fażiku+lessikali)

Sabiex naraw l-istampa sħiħa, però, tajjeb li nagħtu ħarsa lejn eżempju (65), fejn il-V2 *reġa'* jokkorri wara l-verb fażiku durattiv *qagħad*. Il-fatt li dan l-eżempju huwa għalkollox aċċettabbli fil-Malti jċajpar l-istqarrija li hemm ġerarkija fil-klassi tal-verbi fażiċi. Wieħed jista' jargumenta li f'(65) *qagħad* m'għandux tifsira verament fażika għax aktar milli jirreferi għal tul ta' ħin, qisu jirreferi għal sitwazzjoni li kienet ta' inkonvenjent għal xi ħadd. Madankollu, bid-durattività nistgħu nifhmu wkoll "the effort entailed by an action" (Vanhove, 1994, p. 287); huwa għalhekk li nistgħu nqisu *qagħad* f'dan il-kuntest bħala verb fażiku durattiv.

(65) Ir-raġel wassalni u **qagħad jerġa'** jiġi għalija.
(fażiku+fażiku+lessikali)

Jekk nagħtu ħarsa lejn il-forom aspettwali tal-verbi f'katina bil-V1 *reġa'*, nistgħu nosservaw xi ħaġa tassew interessanti. Nafu diġà li *reġa'* għandu karatteristika partikolari li tagħżlu mill-bqija tal-verbi fil-Malti: kwalunkwe verb li jiġi eżattament warajh irid ikollu l-istess forma aspettwali (Fabri, 1995). Fil-fatt, huwa dan li nosservaw fl-eżempji miġbura. Il-forma aspettwali tal-V1 *reġa'* u tal-V2 hija identika, però l-V3 jista' jkun differenti. Hawnhekk wieħed jistaqsi: għaliex il-V3 mhux neċessarjament ikollu l-istess forma? Ngħidu aħna, għala jista' jkollna (66) u (67) imma mhux (68)?

(66) Aħjar **jerġa'** jibda jmur il-futbol. (IPFV+IPFV+IPFV)
(67) **Reġa'** beda jmur il-futbol. (PFV+PFV+IPFV)
(68)* **Reġa'** beda mar il-futbol. (* PFV+PFV+PFV)

L-implikazzjoni hi li l-firxa (scope) ta' *reġa'* twassal biss sal-verb li jiġi warajh u daqshekk. Għalhekk, nistgħu nargumentaw li l-ewwel u t-tieni verb ikunu t-tnejn fl-imperfett jew it-tnejn fil-perfett, imma t-tielet verb irid bilfors ikun fl-imperfett; però dan mhuwiex għalkollox minnu, kif turi s-sentenza li ġejja.

(69) Dalgħodu sab it-traffiku u **reġa'** spiċċa mar tard ix-xogħol.
(PFV+PFV+PFV)

Interessanti li minn (68) għal (69), l-unika ħaġa li tinbidel fil-katina hija l-verb fil-V2. Dan ifisser li *reġa'* fil-V1 mhuwiex responsabbli għall-forma aspettwali tal-V3 imma huwa l-V2 li jimponi xi forma jew oħra fuq il-V3. Din l-osservazzjoni tfakkarna fi kliem Fabri u Borg (2017): "insight into the structure and relations within the sequence can best be gained by focusing our analysis on the relationship between specific pairs of predicates rather than examining the whole possible sequence at one go" (p. 68). Għalhekk, fit-tabella li ġejja nagħti l-paradimma ta' *reġa'+beda* u dik ta' *beda+mar* sabiex nuri li l-katina *reġa'+beda+mar* hija magħmula minn unitajiet iżgħar li jingħaqdu flimkien biex isawru katina sħiħa. Wara nagħmel l-istess għal *reġa'+spiċċa+mar*. Ta' min niċċara li t-tifsira ta' *spiċċa* li qed nimxi fuqha hija 'end up' u mhux 'finish'. Il-kaxxi l-griżi juru l-kombinazzjonijiet inaċċettabbli.

<table>
<tr><th>Kombinazzjoni</th><th>reġa'+beda</th><th>beda+mar</th><th>reġa'+beda+mar</th><th>Kuntest</th></tr>
<tr><td>IPFV+IPFV</td><td>jerġa' jibda</td><td>jibda jmur</td><td rowspan="2">jerġa' jibda jmur</td><td rowspan="4">għalxejn</td></tr>
<tr><td>IPFV+PFV</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>PFV+IPFV</td><td></td><td>beda jmur</td><td rowspan="2">reġa' beda jmur</td></tr>
<tr><td>PFV+PFV</td><td>reġa' beda</td><td></td></tr>
</table>

| Kombinazzjoni | *reġa'+spiċċa* | *spiċċa+mar* | *reġa'+spiċċa+mar* | Kuntest |
|---|---|---|---|---|
| IPFV+IPFV | jerġa' jispiċċa | jispiċċa jmur | jerġa' jispiċċa jmur | għalxejn |
| IPFV+PFV | | jispiċċa mar | jerġa' jispiċċa mar | |
| PFV+IPFV | | spiċċa jmur | reġa' spiċċa jmur | |
| PFV+PFV | reġa' spiċċa | spiċċa mar | reġa' spiċċa mar | |

*Tabella 8. Minn elementi żarmati għal katina unita*

Permezz tal-metodoloġija proposta minn Fabri u Borg (2017) pruvajt nuri li biex nibnu katina, jeħtieġ li l-ewwel inħarsu lejn l-elementi żarmati u naraw kif dawn jistgħu jingħaqdu flimkien f'sintonija. Huwa wara li nagħmlu dan li nkunu nistgħu nibnu katina aċċettabbli. Dan kollu juri li huwa minnu li l-V1 jimponi forma aspettwali fuq il-V2, u l-V2 jagħmel l-istess fuq il-V3. L-istess jgħodd għal ktajjen itwal, ngħidu aħna sekwenzi ta' tmien verbi wara xulxin; fil-katina kull verb jista' jikkontrolla biss il-verb ta' warajh. Fil-każ tal-ewwel verb tal-katina, dan jiġi infless fil-perfett jew fl-imperfett abbażi taż-żmien li tkun ankrata fih is-sitwazzjoni – sitwazzjoni passata tipikament tirrikjedi l-forma tal-perfett u sitwazzjoni mhux passata tiġi espressa bil-forma tal-imperfett. Imbagħad, kwalunkwe verb li jiġi wara jistrieħ fuq il-forma aspettwali tal-verb ta' qablu. Għaldaqstant, naqbel ma' Stolz (2009) meta jgħid li kwalunkwe forma verbali li ma tinsabx fil-bidu tal-katina tiddependi mill-V1. Il-V1 huwa liberu u l-konsegwenzi tal-għażliet tiegħu jkollhom ibatuhom il-verbi li jiġu warajh.

## 6. KONKLUŻJONI

F'dan l-artiklu wrejt kif il-verbi fażiċi u l-katina verbali jistgħu jiġu studjati flimkien, ladarba l-verbi fażiċi dejjem jokkorru fil-kuntest tal-katina fil-Malti. F'dawk il-każijiet li l-verb fażiku ma jkollux verb ieħor warajh, aktarx li jkun hemm xi verb impliċitu u b'hekk xorta waħda jkun hemm sekwenza ta' verbi f'moħħ il-kelliema. Huwa propju għal din ir-raġuni li f'dan l-istudju nqis ktajjen tat-tip V1+V2+V3 bil-verb fażiku fil-V1 u/jew fil-V2, imma mhux fil-V3. Il-verbi fażiċi li ffukajt fuqhom kienu l-verb ingressiv *beda* u l-verb repetittiv *reġa'*. Permezz tal-eżempji li ġbart mill-korpus tal-MLRS, osservajt li l-verb fil-V3 spiss ikun verb lessikali fl-imperfett. Apparti dan, ħareġ fid-dieher li l-verbi fażiċi fil-katina jistgħu jokkorru mhux biss mal-verbi modali u l-verbi lessikali, iżda anke ma' verbi fażiċi oħra.

Forsi l-aktar sejba importanti għandha x'taqsam ma' kif tinbena katina verbali fil-Malti u x'inhu dak li jirrendiha aċċettabbli, tal-inqas mil-lat ta' forma. L-imġiba ta' *reġa'* hija partikolari, xi minn daqqiet stramba, għax dan il-verb jeħtieġ li l-verb imraqqad ikollu l-istess forma aspettwali tiegħu, però donnu li l-firxa ta' *reġa'* testendi biss sal-verb li jiġi warajh. Dan ifisser li meta l-V1 *reġa'* jkun fil-perfett, anke l-V2 ikun fil-perfett, però l-verb fil-V3 mhux dejjem xorta. Għalhekk, ikkonkludejt li l-V1 jikkmanda lill-V2 u jimponi forma aspettwali fuqu, filwaqt li l-V2 jagħmel l-istess fuq il-V3. Kull verb li jipparteċipa fil-katina verbali tal-Malti jkollu joqgħod għal dak li l-verb ta' qablu jimponi fuqu, filwaqt li hu stess jimponi fuq il-verb li jiġi warajh. Minn dan kollu joħroġ li l-V1 biss huwa ħieles għax m'għandu l-ebda verb ieħor jimponi fuqu. Il-forma aspettwali tal-V1 jiddeċiduha l-kelliema skont is-sitwazzjoni li jkunu qed jitkellmu jew jiktbu dwarha u skont iż-żmien li s-sitwazzjoni tkun ankrata fih. L-effett tal-għażla tal-kelliema jinġarr minn verb għal ieħor u jibqa' jinħass sa tmiem il-katina.

# Glossarju

**katina verbali**
*verb chain*
Sekwenza ta' verbi li jkollhom l-istess suġġett, ikunu jaqblu fil-mod u jkunu jappartjenu għall-istess frażi intonazzjonali. Biex sekwenza ta' verbi titqies katina verbali, ma jistax ikun hemm marki tas-subordinazzjoni bejn il-verbi.

**verb imraqqad**
*embedded verb*
Verb li jkun parti minn frażi verbali li tokkorri fi frażi verbali oħra permezz tas-subordinazzjoni.

**psewdoverbi**
*pseudo-verbs*
Elementi li jixbhu l-verbi għax bħalhom jista' jkollhom użu predikattiv, anke jekk uħud minnhom ikunu jeħtieġu verb imraqqad. Għandhom mill-verbi wkoll għax jiġu inflessi biex juru qbil mas-suġġett u wħud minnhom jieħdu ċ-ċirkumfiss *ma... -x* biex jiffurmaw in-negattiv, proprju bħall-verbi. Dawn l-elementi verbali jiġu ffurmati minn imperattivi (*qis-ni*), prepożizzjonijiet (*għand-i*) u nomi (*moħħ-ni*), fost l-oħrajn. Għal analiżi dettaljata ara Peterson (2009).

**verb impersonali**
*impersonal verb*
Bħala verbi, il-verbi impersonali jkunu inflessi bħall-verbi tipiċi, imma bħall-psewdoverbi jimmarkaw is-suġġett loġiku permezz ta' suffiss. Is-suġġett li jiġu inflessi għalih mhux neċessarjament ikun jaqbel mas-suġġett loġiku. Fil-verb *jaqbillek*, pereżempju, is-suġġett grammatikali huwa t-tielet persuna singular maskil (*j-*), filwaqt li s-suġġett loġiku huwa t-tieni persuna singular (*-lek*).

**dummy subject**
*dummy subject*
Suġġett finta li jkun hemm għal raġunijiet purament morfoloġiċi u mhux semantiċi. Ngħidu aħna, il-verbi impersonali fil-Malti jimmarkaw is-suġġett loġiku u s-suġġett grammatikali. Is-suġġett loġiku tal-verbi impersonali jiġi mmarkat permezz tas-suffissi u juri qbil mal-entità li jkollu f'moħħu l-kelliem fil-persuna, l-għadd u l-ġens. Is-suġġett grammatikali normalment ikun fit-tielet persuna singular maskil u ma jkollux referenza; jokkorri biex il-verb ma jkollu xejn nieqes. Qabbel ma' verbi impersonali bħal *jaqbillu*, *jidhirlu* u *jiftillu*, fejn is-suġġett grammatikali mhux jirreferi għal xi entità partikolari.

# Biblijografija


Azzopardi, K. (2019). *Il-Verbi f'Sekwenza fil-Malti* [Teżi tal-BA, L-Università ta' Malta].

Azzopardi, K. (2022). *Phasal verbs in the Maltese verb sequence* [Teżi tal-MA, L-Università ta' Malta].

Binnick, R. I. (1991). *Time and the verb: A guide to Tense and Aspect*. Oxford University Press.

Camilleri, M. (2016). *Temporal and Aspectual auxiliaries in Maltese* [Teżi tad-Dottorat, L-Università ta' Essex].

Crystal, D. (2008). *A Dictionary of Linguistics and Phonetics* (is-6 edizzjoni). Blackwell Publishing.

Ebert, K. (2000). Aspect in Maltese. F'Ö. Dahl (Ed.), *Tense and Aspect in the Languages of Europe* (pp. 753-788). De Gruyter Mouton.

ElSadek, S. (2016). *Verbal Complementation in Egyptian Colloquial Arabic: An LFG Account* [Teżi tad-Dottorat, L-Università ta' Essex].

Eskhult, M. (1998). The Verb *sbb* as a Marker of Inception in Biblical Hebrew. *Orientalia Suecana*, 21–26.

Fabri, R. (1993). *Kongruenz und die Grammatik des Maltesischen*. Niemeyer.

Fabri, R. (1995). The Tense and Aspect System of Maltese. F'R. Thieroff (Ed.), *Tense Systems in European Languages II* (pp. 327-343). Niemeyer.

Fabri, R., & Borg, A. (2017). Modifiers and complements within the Maltese verb sequence. F'B. Saade & M. Tosco (Eds.), *Advances in Maltese Linguistics* (pp. 67-86). De Gruyter Mouton.

Forsyth, J. (1970). *A Grammar of Aspect*. Cambridge University Press.

Maas, U. (2009). Complex predicates in Maltese. F'B. Comrie, R. Fabri, E. Hume, M. Mifsud, T. Stolz, & M. Vanhove (Eds.), *Introducing Maltese Linguistics* (pp. 113-132). John Benjamins.

Michaelis, L. A. (1998). *Aspectual Grammar and Past-Time Reference*. Routledge.

Maltese Language Resource Server (MLRS): https://mlrs.research.um.edu.mt/CQPweb/malti03/

Newmeyer, F. (1975). *English Aspectual Verbs*. De Gruyter.

Noonan, M. (2007). Complementation. F'T. Shopen (Ed.), *Language Typology and Syntactic Description* (pp. 52-150). Cambridge University Press.

Ouali, H., & Al Bukhari, J. (2016). The syntax of motion light verbs in Jordanian and Moroccan Arabic. F'Y. A. Haddad & E. Potsdam (Eds.), *Perspectives on Arabic*

*Linguistics XXVIII* (pp. 173-191). John Benjamins.

Peterson, J. (2009). Pseudo-verbs: An analysis of non-verbal (co-)predication in Maltese. F'B. Comrie, R. Fabri, E. Hume, M. Mifsud, T. Stolz, & M. Vanhove (Eds.), *Introducing Maltese Linguistics* (pp. 181-204). John Benjamins.

Plungian, V. (1999). A typology of phasal meanings. F'W. Abraham & L. Kulikov (Eds.), *Tense-Aspect, Transitivity and Causativity* (pp. 311-321). John Benjamins.

Spagnol, M. (2007). *L-Aspett Lessikali fil-Verb Malti* [Teżi tal-MA, L-Università ta' Malta].

Spagnol, M. (2009). Lexical and grammatical aspect in Maltese. *Ilsienna* 1, 51–86.

Stolz, T. (2009). Splitting the verb chain in modern literary Maltese. F'B. Comrie, R. Fabri, E. Hume, M. Mifsud, T. Stolz, & M. Vanhove (Eds.), *Introducing Maltese Linguistics* (pp. 133-179). John Benjamins.

Stolz, T., & Ammann, A. (2007). Beda u qabad: The Maltese inchoative/ingressive. *Romano-Arabica 7*, 149–158.

Vanhove, M. (1987). Remarques sur quelques auxiliaires et particules verbales en maltais. *Matériaux Arabes et Sudarabiques 1*, 35–51.

Vanhove, M. (1993). *La langue maltaise: Études syntaxiques d'un dialecte arabe «périphérique».* Harrassowitz Verlag.

Vanhove, M. (1994). The Island of Malta, A Crossroad for Influences? The Case of Auxiliary Verbs. F'J. Brincat (Ed.), *Languages of the Mediterranean* (pp. 286-292). Institute of Linguistics.

# Il-funzjonijiet u l-motivazzjonijiet tal-ironija fil-versi popolari Maltin

YANIKA SCHEMBRI FAVA


## SINTEŻI

Dan l-artiklu nbena fuq ir-riċerka li saret għat-teżi tal-Masters fl-Arti fil-Malti dwar l-ironija fil-versi popolari Maltin, b'mod speċjali l-analiżi tad-diskrepanzi ironiċi, anke jekk imsaħħa minn mekkaniżmi letterarji oħra, l-aktar f'kompożizzjonijiet b'interess soċjali. L-ironija fit-tradizzjoni orali Maltija qajla ġiet irriċerkata, u din hija ħasra meta wieħed iqis kif il-wirt orali ta' missirijietna huwa miżgħud b'kuntrasti kontinwi bejn dak li qed jingħad u dak li qed jinftiehem, bejn espressjoni u qawwa insinwattiva. L-inkongruwenzi maħdumin bil-mekkaniżmu tal-ironija qdew lill-popolin għal diversi skopijiet, kuntesti, temi u avvenimenti meħudin mill-ħajja ta' kuljum tiegħu. Id-diversità ta' applikazzjonijiet u effetti ironiċi timmanifesta l-implikazzjonijiet varji li sikwit jitnisslu mill-mekkaniżmi ambivalenti tagħha, speċjalment fil-kuntest ta' taqbiliet popolari dwar il-pika, il-ġibdiet sesswali u l-apparenzi foloz, fost motifi oħra. Il-kunfidenza miżjuda tal-versifikatur ironiku ġejja mill-fatt li permezz ta' gradazzjoni umoristika jkun qiegħed jesponi l-għerf komuni ta' poplu sħiħ maħżun f'għadd ta' botti u risposti dwar id-difetti, l-istramberiji, il-makakkerija u l-kwalitajiet l-oħra ddisprezzati jew irridikulati tal-komunità u l-mentalità tipika tagħha. Il-versi mogħtijin bħala eżempji u l-kuntest tagħhom mhumiex biss minn kompilazzjonijiet analitiċi tat-tradizzjoni orali, imma wkoll direttament minn fomm il-poplu. Dan għandu l-vantaġġ aktar bażiku ta' wirt tradizzjonali li ma jintilifx fid-diversi forom ta' reġistrazzjoni oriġinali tiegħu permezz ta' intervisti li daqqiet kienu awdjoviżivi u oħrajn tal-ħoss biss, kwestjonarji bil-miktub li ngħataw lill-parteċipanti li ma xtaqux jiġu rrekordjati, u l-Formola Google bħala mezz alternattiv biex inġabret firxa ġmielha ta' eżempji f'rabta ma' sitwazzjonijiet uniċi bħall-buscades.



## ABSTRACT

This article is based on the research done for the Master of Arts thesis in Maltese regarding irony in popular Maltese verses, especially the analysis

of ironic discrepancies, even if reinforced by other literary devices mostly in compositions with a social interest. Irony in the Maltese oral tradition has hardly been researched, and this is unfortunate considering how our oral heritage is full of contrasts between what is being said and what is being understood, between expression and insinuating power. The incongruities achieved through the mechanism of irony served the common people for various ends, contexts, themes and events taken from their daily life. The diversity of ironic applications and effects manifests the various implications that are often derived from its ambivalent mechanisms, especially in the context of popular verses about motifs like rivalry, sexual attraction and false appearances. The increased confidence of the ironic versifier comes from the fact that through a humorous gradation he would be exposing the common wisdom of an entire people's repartees about the defects, the oddities, the shrewdness and the other despised or ridiculed qualities of the community and its typical mentality. The exemplifying verses and their context are not only from analytical compilations of oral tradition, but also directly from the people's mouths. This has the more basic advantage of a traditional heritage not being lost in its various forms of original recording through interviews that were sometimes audio-visual and at other times aural only, written questionnaires given to unwilling participants be recorded, and the Google Form as an alternative means to collect a wide range of examples in relation to unique situations such as buscades.

## ĊAĦDA

Fi wħud mill-kampjuni magħżulin għal dan l-artiklu jissemmew persuni mill-kamp politiku, istituzzjonali u reliġjuż li kellhom jew għad għandhom kariga pubblika. Dan l-istudju kellu jinkludi dawn l-eżempji biex juri kif qiegħda titħaddem it-teknika tal-ironija b'motivazzjoni attwali fil-versi popolari Maltin. Għalhekk, l-eżempji riprodotti minn mezzi fid-dominju pubbliku bl-ebda mod ma jfissru preġudizzju favur jew kontra l-persuni msemmija. Dan l-artiklu ma setax jevita x-xeħta vulgari ta' wħud mill-versi popolari minħabba li dan l-element intrinsiku huwa indispensabbli f'xi forom ta' ironija vversifikata mill-popolin.

Tista' tisma' jew tara l-intervisti li saru tat-taqbiliet mogħtijin bħala eżempji li nġabru minn fomm il-poplu minn din il-ħolqa: **https://drive.google.com/drive/folders/1yPiDd-9tFsM8-jPvlv7HEsmkpwbd77BV?usp=sharing**

## 1. IL-KUNĊETT BAŻIKU

Mal-ewwel osservazzjoni, l-ironija turi dik il-ħila umana li tħalli barra dak li jrid jinftiehem. Hija għodda effettiva għax tħalli impatt b'dak li mhux qiegħed jingħad. Dan il-paradoss iqanqal il-mistoqsija: kif jista' dak li ma jingħadx iħalli effett? Għal Kierkegaard l-ironija tinvolvi n-nuqqas ta' qbil bejn il-lingwa (il-fenomenu jew dak li jidher fil-wiċċ) u t-tifsira (l-essenza) tagħha. Huwa jikkuntrasta din id-definizzjoni tal-ironija mal-impressjoni komuni li l-figura ironika tappartjeni biss għat-taħdit, u jisħaq li mhijiex mezz ta' komunikazzjoni, imma mezz ta' kif titneħħa l-komunikazzjoni (255). Skontu, din tissokta tipproblematizza d-dikotomija li diġà teżisti bejn it-taħdit u t-tifsir. F'diversi studji l-ironija tiġi kklassifikata f'modalitajiet differenti, fosthom: "l-ironija verbali," "l-ironija Sokratika," "l-ironija tas-sitwazzjoni," "l-ironija Romantika," u "l-ironija tad-destin." It-tipi differenti ta' ironija juru li dan huwa fenomenu kumpless b'dimensjonijiet differenti. L-istess jiġri fl-inkongruwenzi ironiċi tat-taqbil popolari, li ħafna drabi jagħtu lok għal aktar minn interpretazzjoni waħda, speċjalment għax jissuġġerixxu ferm aktar milli jiddikjaraw. Għalhekk, minkejja l-garżelli puliti tat-tipoloġija, il-fruntieri bejn tip u ieħor ta' ironija mhux dejjem huma ċari jew stretti, u l-porożità tagħhom tippermetti tlaqqigħ interessanti bejn mekkaniżmi ironiċi differenti. It-trikkib u l-interazzjoni bejn modalitajiet differenti tal-ironija jissarrfu f'konverġenzi li f'diversi waqtiet jagħmlu l-versi popolari Maltin ambivalenti f'aktar minn mod wieħed.

## 2. IT-TRUF IRONIĊI TA' KUNTEST WIEĦED

L-ironija tqanqal kunflitt fil-livell semantiku u komunikattiv li, straordinarjament, iwassal għal għarfien aktar penetranti, appuntu għax jaqta' b'mod aktar effettiv fl-assunzjonijiet tas-semmiegħa. Linda Hutcheon, fil-ktieb tagħha *Irony's Edge*: *The Theory and Politics of Irony*, tirrifjuta d-definizzjoni tradizzjonali ta' ironija bħala antifrażi, jew li timplika l-oppost ta' dak li wieħed ifisser. Minflok, hija tissuġġerixxi li l-ironija hija "proċess semantikament kumpless ta' relazzjonijiet, differenza [li] tgħaqqad it-tifsiriet mistqarra ma' dawk mhux imsemmija," b'teknika li taħdem fix-"xifer evalwattiv" ta' bejn iż-żewġ sensi (89). Għalkemm id-denotazzjoni u l-konnotazzjoni ma jistgħux jidhru simultanjament, xorta waħda jibqgħu inseparabbli fid-diskors ironiku. Hutcheon tissuġġerixxi wkoll li n-nuqqas ta' kuntest kondiviż u tat-"tarf" evalwattiv jista' joħloq sitwazzjonijiet fejn l-ironija taħbat ħażin, jiġifieri ma tinbena l-ebda konnessjoni (anke ta' kuntrast) bejn il-lingwa li tkun qed tidher fil-wiċċ u t-tifsira essenzjali, aktar profonda, tagħha.

Ladarba l-ironija tingħaraf biss fl-interazzjoni bejn il-kelma u l-kuntest tagħha, se sservi għadd ġmielu ta' ċirkustanzi komunikattivi u funzjonijiet soċjali. Il-popolin sab din l-għodda letterarja effettiva għal firxa estensiva ta' sentimenti f'sitwazzjonijiet soċjali li ħtieġu varjetà ta' interventi ironiċi: minn umoristiċi, didattiċi u fejjieda sa niggieża, sarkastiċi u ċiniċi.

## 3. IL-LAT POŻITTIV TAL-IRONIJA

Anthony Edward Dyson josserva li ħafna drabi l-ironija pożittiva tadotta ton ta' divertiment urban u xi kultant titqies bħala sinjal tat-trivjalizzazzjoni għas-serjetà essenzjali tal-arti (24). Fit-taqbiliet popolari, funzjoni relattivament ġentili tal-ironija hija l-użu ludiku tagħha f'okkażjonijiet diskursivi rikorrenti bħal-logħob bil-kliem. Minnha nnifisha din il-funzjoni tesiġi ambitu umoristiku, u minn dan waħdu diġà joħroġ l-użu pożittiv tad-diskors. Madankollu, din il-funzjoni tista' tidher ukoll bħala trivjali, superfiċjali u anke xi drabi vojta, kif jidher f'dan l-eżempju:

Pizzi-pizzi kaldarò,
eppej-pija eppej-pò,
billi-gaġġa ġiġġifò.[1]

*(Trevor Żahra, intervista numru 77)*

Dawn il-versi, li jinstemgħu fil-kuntest tal-logħob tat-tfal daqskemm f'sitwazzjonijiet adulti irritanti (li jgħiduhom b'rabja), jikkonsistu fi kliem mingħajr sens. F'kuntesti ta' logħob sempliċi bil-kliem bħalma huwa dan, l-ironija tkun teħtieġ l-appoġġ interpretattiv taċ-ċirkustanzi. Mill-banda l-oħra, il-varjazzjoni sitwazzjonali li fiha jitleħħen dan it-tip ta' logħob ironiku b'lessiku bla sens tista' tibqa' miftuħa għal għadd ta' ilħna u interpretazzjonijiet.

It-taqbila "Pizzi-pizzi kaldarò" toffri wieħed mill-aħjar eżempji tal-mekkaniżmi ludiċi, iżda tassew strutturati, li l-komunità kellha, u f'xi każijiet għad għandha, għad-dispożizzjoni tagħha. Żahra, wieħed mill-parteċipanti li għadda dan l-eżempju għal din ir-riċerka, stqarr li dan it-taqbil kien jintuża waqt il-logħob tat-tfal biex jieħdu gost ilissnu kliem li ma jagħmilx sens. Madankollu, parteċipanti oħra f'din ir-riċerka żiedu li, apparti n-nuqqas ta' skop apparenti fost it-tfal li semma Żahra, dan it-taqbil jintuża wkoll mill-adulti, jew meta

[1] Lanfranco f'*Logħob, Taqbil u Ġugarelli* jagħti verżjoni itwal ta' din it-taqbila li kienet tintuża mit-tfal waqt il-logħba Pizzi Pizzi Kanna (84).

l-affari ma tiġix żewġ jew sempliċiment għall-mogħdija taż-żmien (intervisti numri 42 u 72). Fil-każ ta' sitwazzjoni li tkun ġiet ħażina, it-tliet versi bla sens jissostitwixxu dagħwa bħalma jseħħ fl-ewfemiżmu, għalkemm il-vokabolarju mhux xieraq ġieli joħroġ ukoll, spontanjament, mal-istess versi li kellhom jgħattuh. Id-diskrepanza ironika tinsab fil-karattru ludiku tal-kliem bla sens li qiegħed jingħad u s-sitwazzjoni serja li l-istess kliem qiegħed jirrappreżenta. Skont David Worecester, l-ironija toffri ħarba minn uġigħ mentali bħalma tagħmel il-"morfina li toffri ħarba minn uġigħ fiżiku" (142). Hawn l-ironija qed isservi bħad-duwa tal-isfog bla dannu quddiem ċirkostanzi eżasperanti li l-bniedem jitlef il-kontroll tagħhom.

Bħala wieħed mill-informanti ta' din ir-riċerka, Żahra ppreżenta diversi eżempji oħra, mhux biss ta' taqbiliet mingħajr sens, iżda wkoll ta' taqbiliet li kull vers tagħhom iwassal sitwazzjoni impossibbli, kif jidher f'dan l-eżempju:

L-agħma qiegħed għassa,
ta' bla jdejn jaqta' r-rummien,
l-għarwien jixħtu ġo ħobbu,
ta' bla saqajn jiġri quddiem.

*(Trevor Żahra, intervista numru 77)*

Sa fejn taqbiliet bħal din servew bħala mogħdija ta' żmien, kemm għat-tfal kif ukoll għall-adulti mixtieqa mid-divertiment u l-umoriżmu verbali, il-kwotazzjoni hija xhieda tan-naħa l-pożittiva, anke terapewtika, tal-ironija, minkejja li l-versi ma joffru l-ebda gwadann argumentattiv, loġiku jew imqar konjittiv. Is-sitwazzjoni paradossali li tiftaħ biha t-taqbila minnufih issejjaħ, bħallikieku bħala rimedju, ċirkostanza oħra daqstant ridikola, ibbażata fuq l-istess xeħta ta' impossibiltà ironika li qed isservi ta' gost ludiku għat-tfal u, għall-adulti, ta' pjaċir bir-rinunzja assoluta ta' dak li huwa fattibbli. L-erba' rwoli meħtieġa fis-serqa tar-rummien (l-għassa, il-qtugħ tal-frott, il-ħabi tal-oġġett misruq u l-ġirja lil hinn mill-post tar-reat) ironikament jintisġu, wieħed wieħed, man-nuqqas ta' abbiltà fiżika rispettiva li titlob iċ-ċirkostanza. It-taqbila qiegħda tafferma u tiċħad il-fattibbiltà ta' kulma tistqarr fl-istess nifs, f'sekwenza ta' azzjonijiet biżarri minħabba l-mankament fil-ġisem jew in-nuqqas tal-ħwejjeġ li jagħmlu l-istess atti inkonċepibbli.

L-atteġġjament paradossali tal-kelliema lejn kliemhom stess ifakkar xi ftit ukoll fil-prinċipju tal-ironija Romantika ta' Schlegel, jiġifieri d-distakk xettiku u l-attitudni awtoriflessiva li l-awtur jassumi lejn xogħlu stess (28), xeħta li

hija wkoll prominenti fil-burlesk, bħal fil-każ tal-Qarċilla. L-assurdità fl-aħħar taqbila kkwotata tersaq ukoll lejn dak l-aspett kruċjali tal-ironija Sokratika li ġie kkundannat minn Kierkegaard: il-logħob sal-aħħar bil-kliem li, minflok ma jasal għall-qofol, jibqa' jiġġenera l-impossibiltajiet.

It-taqbila li tibda bl-agħma li qiegħed għassa tagħti wkoll prominenza lill-ineffiċjenza kollettiva ta' umanità waħda li b'mod persistenti tinqeda bin-nuqqas ta' fakultà jew ta' mezz biex mingħaliha tikkumpensa għal nuqqas ieħor, sakemm jibda jinħass is-sens ta' komunità *sħiħa* li hija kollettivament "l-agħma," "ta' bla jdejn," "l-għarwien," u "ta' bla saqajn." L-insinwazzjoni, għalhekk, hija ta' soċjetà prużuntuża u fl-istess ħin bla għaqal fil-mod kif tissokta tinvesti fid-debbolezzi tagħha biex bħallikieku ttejjeb sitwazzjoni diġà mankanti, nieqsa mill-funzjonijiet bażiċi. Dan l-effett kollettiv jinħoloq ukoll permezz tal-artiklu definit, li jagħmel lill-agħma jew lill-għarwien tipiċi tas-soċjetà ironizzata. L-istess effett jissokta bl-użu idjomatiku ġeneriku tal-frażi "ta' bla," li wkoll twassal is-sens ta' figura tipika fis-soċjetà, jiġifieri timmarka lill-individwu nieqes mill-idejn jew mis-saqajn bħala membri tipiċi jew magħrufin tal-ġemgħa. B'dan il-mod, il-loġika żbaljata ta' nuqqas li se jpatti għal ieħor tinħareġ bħala sekwenza perversa tal-komunità sħiħa.

F'intervista numru 68 li saret bħala parti minn din ir-riċerka, Ġużi Gatt josserva li f'pajjiż maħkum minn skrupli u ċensura għal medda konsiderevoli ta' żmien, ċerti sezzjonijiet tal-popolazzjoni Maltija, bħat-tfal fl-iskola li jkunu waslu fl-adolexxenza, kienu jagħtuha għal taqbiliet vulgari li sikwit kellhom siltiet donnhom bla sens, versi li bħallikieku jgħiduhom sempliċiment għall-gost jew biex jiżvugaw. Hekk iseħħ f'din it-taqbila li rreċtat Alexia Caruana (intervista numru 45) għal din ir-riċerka:

Jekk ngħollilek id-dublett naralek iz-zizzu,
ma tistax tmissu,
qabel Awwissu,
skont ir-reġistru,
tal-Prim Ministru.

*(Alexia Caruana, intervista numru 45)*

F'din l-intervista u oħrajn li saru għal dan l-istudju, għadd ta' persuni kkonfermaw li huma stess kienu jinqdew bil-vulgarità fit-taqbiliet, daqqiet bħala gost fiha nnifisha u daqqiet oħra bħala mezz kif jibdew ileħħnu x-xewqa tal-kuntatt sesswali li fl-età tenera tagħhom qajla kienu esperjenzaw daqskemm esprimew.

Dawn il-versi jirrikorru għal xbihat intimi li, permezz ta' skemi u arranġamenti ironiċi, ifakkru lis-semmiegħa li jinsabu f'kuntest kollu kemm hu uman, bl-aspetti kollha tiegħu, anke imbarazzanti, ripulsivi, saħansitra oxxeni, xejriet li jvarjaw minn sesswali sa skatoloġiċi, kif jidher f'din is-silta minn "Katrin tal-Imrieħel/l-Imtieħen":

Katrin tal-Imrieħel/l-Imtieħen,
f'nofs ta' lejl ħassitu dieħel,
Qaltlu, "Fred', [2] dan xi jkun?
Filli rieqed u filli jqum?"

Qallha, "Dak l-arblu tar-razza,
ittih tnejn u jimla tazza.
Persuntu tpaxxi l-għajnejn,
jekk indaħħalhulek naqsmek fi tnejn."

Qaltlu, "Fred' nixtieq nipprova,
imma fih riħa ta' inċova."
Qallha, "Għalik ma tantx jimporta,
kemm int kerha qisek torta."

Qaltlu, "Ejja Fred' daħħlu sal-bajd,
ħalli ndur dahri mal-ħajt.
Imma skossja u tini pjaċir,
ħalli nħossha m'għoxxi ttir."

Qallha, "Aħħ, Katrin, x'gost ittini,
qed inħossha ser tiġini,
kemm inħossni ferħan,
anke żobbi sar għarqan."
(...)

*(Intervisti numri 42, 68, 96)*

---

[2] L-isem ivarja minn parteċipant għal ieħor. Xi drabi minflok Fredu jintuża l-isem Pawlu.

Din it-taqbila li serviet, kif għadha f'xi każijiet iżolati, ta' mogħdija ta' żmien, kemm għat-tfal kif ukoll għall-adulti mixtieqa mid-divertiment u l-umoriżmu vulgari, tinqeda b'intertestwalità dispreġġjattiva mal-moralità tipika tal-ballata Maltija, speċifikament il-kompożizzjoni magħrufa "Katrin tal-Imdina." L-approprijazzjoni ironika ta' test u anke kultura serji twassal biex it-ton u l-awtorità gravi tal-ballata ikonika jitħalltu mal-vuċi u l-kuntest aktar żeblieħa ta' test ieħor li jironizzahom kontinwament. Il-kelma ssir propjetà ta' kelliem ġdid minħabba l-approprijazzjoni, jiġifieri mhi propjetà permanenti ta' ħadd, għax l-użu tagħha hu diġà mxerred minn ħafna kelliema u testi li jħallu traċċi tagħhom (28).

Mill-ewwel linja tat-taqbila ironika tiddomina l-vuċi inkongruwenti u xejn affidabbli tal-Eirōn pemezz tal-kuntrast bejn l-istil elevat u d-dekor tal-ballata tradizzjonali fuq naħa u l-kontenut baxx (il-komplikazzjoni ta' ġesti, reġistru u proposti sesswalment espliċiti) tal-kompożizzjoni li timitaha b'mod burlesk. Id-diskrepanza ironika bejn dawn l-elementi opposti tiġi riflessa wkoll fil-mistoqsijiet apparentament innoċenti ta' Katrin tal-Imrieħel/l-Imtieħen, li tilgħabha ta' persuna sajma għalkollox minn kull għarfien dwar l-organu sesswali maskili li qiegħed iqajmilha kurżità (falza).

L-impuls ironiku jinqeda ħafna bit-teknika awżiljarja tal-polisemija, il-ħila li tingħata iżjed minn tifsira waħda bl-istess kelma, aktarx bl-iskop li tinbex lill-udjenza lejn sinifikati inqas ċentrali iżda aktar sinifikattivi fil-kuntest. Ir-rikkezza semantika frott l-ambigwità ironika li qiegħda tinħoloq permezz tal-istqarrija polisemika tidher minnufih fil-frażi "arblu tar-razza," stqarrija li teliċita kemm ir-rispett li wieħed jorbot mal-ġerarkija kif ukoll id-daħka bix-xebh viżiv bejn l-arblu u l-membru maskili mqajjem, li organikament tassew qiegħed iżomm ir-razza. Is-sineddoke "persuntu jpaxxi l-għajnejn" tissarraf minnufih fi xbieha ta' penetrazzjoni sesswali ("naqsmek fi tnejn") li toħloq kuntrast bejn il-gost u l-uġigħ tal-att intimu. Il-logħob bejn is-seduzzjoni irreżistibbli u t-taparsi stkerrih minn effetti senswali negattivi ("nixtieq nipprova / imma fih riħ ta' inċova"), kuntrast aċċentwat bir-rima, iwitti t-triq għal taħlita ta' reġistri differenti ta' pjaċir karnali, dak sesswali u dak tal-ikel ("inċova" u "torta"). L-ironija titqawwa bl-inferenzi ġodda minn dan l-immaljar f'xulxin ta' reġistri li, għalkemm differenti, jaqgħu t-tnejn fil-kategorija Bakhtinjana ta' ħtiġiet fiżiċi li wieħed irid jixba' bihom, forom ta' sodisfazzjon karnali li, għalkemm sikwit moħbijin f'xi forma kulturali jew oħra, jibqgħu forzi intrinsiċi li l-bniedem ikollu jesprimi. Id-diskrepanza bejn l-innoċenza u l-gost, l-attrazzjoni mistura fi stkerrih taparsi, u t-taħlit tar-reġistru sesswali ma' dak tal-ikel iwasslu sal-kxif tad-dispożizzjoni kollha kemm hi karnali u senswali ta' Katrin, li finalment ma jseħħilhiex trażżan aktar kemm l-impuls erotiku kif

ukoll il-vulgarità meħtieġa għall-istqarrija espliċita tiegħu, f'kuntrast mad-dekor falz tal-bidu: "Ejja Fred' daħħlu sal-bajd."

L-effetti pożittivi tal-ironija jinfirxu sew lil hinn mit-tnissil sempliċi ta' daħka, f'għadd ta' funzjonijiet li, kif intwera matul din it-taqsima, ivarjaw mill-mogħdija ta' żmien bir-reċitazzjoni ta' versi popolari sas-sostituzzjoni ta' kliem ħażin b'reġistru deliberatament bla sens. L-użu korrettiv tal-ironija fis-satira wkoll jikxef it-tisħiħ morali u soċjali li minnu jibbenefika l-għannej u s-semmiegħ tagħha, aktar u aktar fejn il-grad satiriku tal-ironija jevoka l-valuri opposti għalih. Muecke josserva li l-ironija kollha, probabbilment, għandha xi funzjoni korrettiva (4). Billi s-satira ġeneralment iġġib magħha titjib fl-intenzjoni, ta' spiss iddur għall-ironija bħala metodu ta' redikulaġni li jikkoreġi l-imġiba tal-bniedem bil-qawwa insinwattiva u anke inġurjuża tiegħu.

Fil-medda ta' sfumaturi ironiċi li ntwerew sa issa, il-varjabbiltà tad-dinamika ironika taddatta u taġġusta ruħha faċilment fil-kuxjenza popolari, imqar jekk tittieħed mil-lat pożittiv tagħha biss. Fid-dawl tat-teoriji u l-eżempji ttrattati hawn fuq, wieħed għandu jistaqsi jekk teżistix verżjoni pożittiva – aktarx elużiva – saħansitra ta' dak li tradizzjonalment ġie kkodifikat b'mod negattiv fl-użu ironiku tal-kliem. Għalkemm it-taqsimiet li ġejjin se jkunu ddedikati għall-kapaċitajiet dispreġġjattivi tal-ironija, se juru, xorta waħda, firxa operattiva li tikxef il-ħila tal-poplu biex b'mod intuwittiv jaġġusta l-istess teknika skont il-ħtieġa.

## 4. IL-LAT DISPREĠĠJATTIV TAL-KELMA IRONIKA

Xi minn daqqiet l-ironija tikseb funzjoni aktar offensiva milli interrogattiva fis-sens Sokratiku, korrettiva f'rakkont riformista, preventiva f'diskors widdiebi, jew profetika fil-każ tal-ironija drammatika. It-tikketta "dispreġġjattiva" qed tintuża f'din it-taqsima bħala terminu li jiġbor fih dawn l-effetti inġurjużi li bihom il-kelliema akkaniti jeħtiġilhom jelevaw l-entitajiet li jappoġġjaw a skapitu tal-entitajiet rivali li qegħdin jironizzaw bi skop maqdari.
Skont Wilson u Sperber, id-diwi jew ir-repetizzjonijiet jistgħu jimmarkaw l-ironija b'żewġ modi differenti: minn naħa, il-kelliem jista' jirrepeti biex jenfasizza d-diskrepanza ironika fiha nnifisha; min-naħa l-oħra, ir-repetizzjoni ironika tista' tifrex l-attenzjoni fuq il-kuntest sħiħ li tinbena fuqu (29). It-teknika tat-tennija verbali mtawla sakemm jinħolqu effetti differenti fis-semantika tad-diskors repetut tispikka f'din it-taqbila f'forma ta' kantaliena mill-partitarji ta' San Gejtanu l-Ħamrun fejn, b'varjazzjoni żgħira, ir-rikorrenza insistenti tad-diskors tilħaq l-effett ta' ritornell offensiv lejn il-patrun tal-avversarji, San Ġużepp:

Oħorġu x-xadina ħa ntuha l-karawett!
Oħorġu x-xadina ħa ntuha l-karawett!
Il-karawett! Oħorġu x-xadina ħa ntuha l-karawett!

*(Minn fuq l-Ispalla: It-Taqbil fil-Festi)*

Alex Vella Gregory, riċerkatur tat-taqbil tal-festi, fl-intervista (numru 88) li saret bħala parti minn din ir-riċerka kkonferma li l-forma ta' din it-taqbila, jiġifieri dik kantata bħala kantaliena, hija xejra strutturali mifruxa fost diversi festi Maltin. Skont Vella Gregory, din il-forma tgħin biex l-effett niggieżi jasal aktar, bħal fil-kantaliena maħluqa mill-partitarji ta' San Gejtanu speċifikament għaż-żuffjett bid-daqna tal-istatwa ta' San Ġużepp. Fil-kuntest pikuż tal-festa, l-avversarji se jsibu fl-ironija mezz istintiv u innat biex, imqar fid-disfemiżmu diġà goff tat-termini "xadina" u "karawett," jinfirxu għeruq u xniexel ironiċi aktar misturin iżda xejn inqas offensivi, niggieża u żuffjettużi: id-diskrepanza bejn l-istedina insistenti ("Oħorġu") għall-wiri ta' ħlejqa impliċitament interessanti jew li tagħti gost (annimal domestiku rari li jista' jiġi mitmugħ) u d-dehra ripulsiva li l-istess annimal qiegħed jinsinwa. L-effett huwa l-kunflitt bejn ir-rieda li tintwera u r-rieda li ma tidhirx l-istess xbieha kerha, jew li mhix postha f'festa. Hija din id-dinamika illokutorja ta' stedina żeblieħa – li taparsi qed tiggosta (tant li trid titma') dak li fil-fatt qed turi bħala oġġett ta' stkerrih – li tagħmel l-ironija aktar niggieża f'dan il-kuntest festeġġjanti.

F'kantaliena waħda li tħalli l-ironija tinfirex fuq l-elementi kollha mtennija tat-taqbila, ir-ritornell jenfasizza kemm l-apparenza kerha tal-istatwa ta' San Ġużepp kif ukoll l-użu idjomatiku tal-kelma spustata (minn tmiem il-vers għall-bidu tiegħu) "karawett." Bl-attenzjoni miżjuda fuqha minħabba dan l-ispustament, din il-kelma issa tassumi mhux biss ir-referenza litterali għall-ikel tax-xadini, iżda wkoll is-sens Malti estiż ta' oġġett inferjuri jew patetiku. L-anadiplosi u l-epanalessi, u r-ritornell sħiħ immodifikat bihom, għalhekk, joħolqu bejniethom kemm konsistenza fil-kliem kif ukoll markaturi sottili ta' bidliet fis-sens.

L-ironija u l-parodija huma mezzi importanti ta' espressjoni pikuża f'kuntesti bħalma huma l-festi Maltin jew l-okkażjonijiet politiċi. Il-movimenti ta' protesti soċjali wkoll jipprovdu ċ-ċirkustanzi u l-għodod korrispondenti biex jirredikolaw l-avversarji ideoloġiċi tagħhom u biex jirrappreżentaw it-tensjonijiet bejn elementi differenti tal-istess popolazzjoni. Perjodi u kontroversji varji tal-politika Maltija offrew, bla waqfien, sistema politika tipikament polarizzata u ħolqu taqbiliet ironiċi b'inverżjoni proporzjonali bejn it-ton faħħari lejn l-ideoloġija tal-partit tagħhom u t-ton offensiv jew xejjieni lejn il-partit ta' kontrihom.

F'intervista għal din ir-riċerka, Gatt (intervista numru 68) jiddeskrivi kif fil-bidu tas-snin sebgħin, meta l-Partit Laburista tal-Perit Duminku Mintoff kien fl-aqwa tiegħu, il-partitarji Laburisti kienu jtennu lkoll flimkien għadd ta' taqbiliet popolari li jiddisprezzaw lill-Partit Nazzjonalista. Eżempju kuntestwali huwa d-dimostrazzjonijiet kbar tal-ewwel ta' Mejju li l-Partit Laburista kien jagħmel il-Belt, okkażjoni maħnuqa bil-partitarji jesprimu l-lealtà ferventi tagħhom lejn il-membri parlamentari rekbin fil-għoli fuq trakk (x'aktarx kien ikun ta' Salvu Meli) bil-figura prominenti ta' Mintoff ixejjer maktur fuq quddiem, segwit dejjem minn persunaġġi oħra magħrufin bħal Lorry Sant, f'għamla ta' purċissjoni ċelebrattiva ppreċeduta mill-banda tal-Partit Laburista. F'din l-atmosfera li kellha mill-qawwa passjonali ta' kult, il-kotra kienet tesprimi l-lealtà tagħha billi tqabbel versi brutalment ironiċi anke dwar il-ħajja personali tal-Kap tal-Oppożizzjoni ta' dak iż-żmien, Ġorġ Borg Olivier,[3] kif ukoll taqbiliet oħra mmirati għas-sorijiet li kienu magħrufin li jtellfu d-dimostrazzjonijiet, jew il-patrijiet li ma kinux jagħtu assoluzzjoni lil min iżomm ma' Mintoff. Hekk jidher minn dawn it-taqbiliet:

Mort inqerr għand Patri xwejjaħ,
soluzzjoni ma tanix.
Għedtlu jien inżomm ma' Mintoff,
qalli Mintoff Komunist.
Għedtlu Komunist int u min għandek,
u mur ħudu f'għoxx kemm għandek.
U jekk jidher li żbaljajt,
inżel kokka u erdagħli l-bajd.

Persuna prominenti u trijunfanti,
li għandha bajda daqs tal-iljunfanti,
u dan, lill-poplu Malti, dejjem ħxiena,
w għalhekk lil dana ħadd ma juri ħniena.

Dan jilbes libsa ħamra bħal tat-Toru,
kultant iħobb idawwar għal xi soru.

Mel'isma' daqsxejn xbin,
xi ġralu x'waħda din,
ja biċċa ta' xadin,
(...) [4]

*(Ġużi Gatt, intervista numru 68; Marvin Vella intervista numru 65)*

[3] Taqbila magħrufa li kienet tingħad f'dawn il-mumenti: "Le, le, le / 'l Ġorġ il-barri ma rriduhx / assassin / tal-Maltin."
[4] Din it-taqbila tkompli iżda Gatt jiftakar sa din il-parti.

Fost oħrajn, il-banda kienet iddoqq dak li skont Gatt x'aktarx kien marċ popolari tal-festa tal-maġġur Aquilina. In-nies kollha kienu jafu l-kliem daqskemm id-daqqa mużikali, u kulħadd kien jgħajjat:

Viva l-kbir,
Duminku Mintoff,
kemm hu sinċier,
lejn art twelidu,
min għandu l-għali,
ikompli jżidu,
u min m'għandux,
naraw x'nagħmlulu,
nagħtuh xi daqqa,
u nitfgħuh minn tulu.
Viva l-Kbir
Duminku Mintoff!

*(Ġużi Gatt, intervista numru 68)*

Dawn il-versi tal-aħħar eżempju jiftħu b'tifħir ta' sensiela ta' kwalitajiet pożittivi li l-partitarji kienu jaraw f'Mintoff: "kbir" u "sinċier." Iżda mal-ħames vers il-partitarji jirrikorru għal għajdut niggieżi u sfidanti li, bħalma ġara lill-metafora mejta, tilef, minħabba l-użu tradizzjonali frekwenti tiegħu, xi ftit mill-effett tad-diskrepanza ironika bejn l-għarfien ta' "min għandu l-għali" (u allura jeħtieġ xi rimedju) u x-xewqa li "[j]kompli jżidu." Fl-istess waqt, l-insinwazzjoni diviżiva tal-għajdut (dwar min għandu l-għali għas-suċċess ta' Mintoff u tagħna) tidwi xi ftit ukoll l-istqarrija ideoloġika tal-istess figura politika, speċifikament is-slogan Mintoffjan: "Min mhux magħna kontra tagħna." F'dan id-diwi ta' ritornell politiku magħruf, jispikkaw diversi diskrepanzi ironiċi dwar min seta' kellu jew ma kellux l-għali għall-kobor ta' Mintoff. Forsi l-ewwel inkongruwenza li tidher hija bejn il-versi rrimati "naraw x'nagħmlulu / nitfgħuh minn tulu," għax il-vuċi tal-ġemgħa (fl-ewwel persuna fil-plural biex tirrappreżenta l-omoġenjità tal-partitarji) fl-istess nifs qed tipproponi soluzzjoni ("naraw x'nagħmlulu") u tissuperaha b'azzjoni aggressiva jew qerrieda ("nitfgħuh minn tulu"). Iż-żewġ stqarrijiet jopponu lil xulxin fis-sens, u l-ironija titla' fil-wiċċ meta t-tieni parti tal-istqarrija ssir suprema mingħajr ma jintilef is-sens tal-ewwel perspettiva, il-ħtieġa li tinstab soluzzjoni anke għal min ma għandux għali. Hawnhekk, il-kelliem donnu jinqasam f'żewġ ilħna: fuq naħa jħaddem it-ton ta' kelliem li jrid isib soluzzjoni għal min hu kontra l-partit li jappoġġja, fuq l-oħra jintervjeni immedjatament il-leħen alternattiv tiegħu biex jistqarr mezzi vjolenti għal min ma jħaddanx l-istess ideoloġija

partiġġjana. Bejn iż-żewġ ilħna ta' kelliem li ma teħodlux kont tiżvolġi d-diskrepanza ironika kollha bejn sitwazzjoni mistennija u oħra realment imwettqa. Id-distakk ironiku mil-leħen benevolenti tal-bidu, li taparsi jrid isib rimedju konċiljattiv, jiżdied bir-ritornell "Viva l-Kbir / Duminku Mintoff!" fl-għeluq, li issa jsarraf id-deskrizzjoni ta' mexxej "sinċier / lejn art twelidu" f'intensità partiġġjana li lesta tappoġġja l-mexxej akkost ta' kollox, inkluża l-indifferenza jew il-vjolenza lejn l-avversarji.

Teżisti varjetà kuntestwali ħafna usa' mill-festi u l-politika għall-ironija dispreġġjattiva, u l-eżempji mogħtijin f'din it-taqsima huma kampjun rappreżentattiv biss li, terġa' u tgħid, jappartjeni għal żewġ esperjenzi tradizzjonali – għalkemm tassew persistenti – tal-Maltin: il-festa tar-raħal u l-politika. Iżda l-funzjoni nkejjuża, dispreġġjattiva, jew saħansitra żeblieħa tat-teknika ironika tmur sew lil hinn mill-konfini ta' ġeneru, kuntest jew ġerarkija soċjali ċari, għax timraħ f'diversi oqsma kulturali u għamliet ta' tqabbil popolari.

## 5. IL- MOTIVAZZJONIJIET JINBIDLU

Kunċett li ddiskutiet Hutcheon huwa l-impatt emozzjonali tal-ironija meta din it-teknika tilħaq il-livell ta' irritazzjoni, żebliħ, attakk, kif ukoll ta' umiljazzjoni u imbarazzament (18). B'konsegwenza ta' dan, l-ironija fit-taqbiliet tinstiga rispons affettiv differenti f'kull każ, minn rabja sa gost, flimkien ma' diversi gradi ta' motivazzjoni. Għalhekk, aktarx tfeġġ firxa wiesgħa ta' emozzjonijiet reattivi għall-ironija, dejjem skont min jużaha u għal liema skop.

Il-varjetà emozzjonali pprovokata mir-repertorju espressiv tal-ironist hija eżemplifikata tajjeb ħafna f'għadd ta' taqbiliet Maltin, li jvarjaw minn ġeneri tradizzjonali sa oħrajn ta' oriġini ħafna aktar reċenti. Ngħidu aħna, fil-buscades l-istudenti gradwati jagħżlu li jattakkaw qagħdiet umani tipiċi (anke relatati mal-qasam li speċjalizzaw fih huma stess) b'taqbiliet li jniggżu lill-vittma tagħhom jew li paradossalment jiċċelebraw saħansitra n-nuqqasijiet magħrufin tal-professjoni li daħlu għaliha. Fil-kuntesti tal-buscades, il-motivazzjonijiet ivarjaw maċ-ċirkostanzi u ż-żminijiet jinbidlu li l-istudenti jiggradwaw fihom, ngħidu aħna, sitwazzjonijiet politiċi mqanqlin, espressjonijiet jew imġibiet magħrufin ta' figuri pubbliċi, jew avvenimenti straordinarji. Hekk iseħħ f'dan l-eżempju b'parodija tal-lingwaġġ tal-kampanja elettorali tal-2013:

L-ilsien Malti,
#Tagħnalkoll,
Issa aħsbu fina,
Agħtuna xogħol!

*(Buscade tal-2015 tal-BA fil-Malti)*

Iż-żewġ possibbiltajiet kontradittorji tal-ironija li tipproponi Hutcheon jixhdu l-versatilità operattiva li biha din l-għodda tgħaddi minn użu affermattiv jew kostruttiv għal applikazzjoni aktar negattiva jew distruttiva. L-ironija affermattiva tintuża f'għadd ġmielu ta' taqbiliet ċelebrattivi bħala arma kontra xi awtorità jew qawwa dominanti, kif juri dan l-eżempju mit-taqbiliet politiċi li Gatt (intervista numru 68) offra għal din ir-riċerka: "Għalxejn l-għedewwa jridu jġarrfu l-partit / tal-Malta Labour Party / immexxi mill-perit." Din it-taqbila nħolqot fuq l-innu li kienu jkantaw għaqdiet reliġjużi. Gatt iżid l-osservazzjoni li l-Laburisti dawru din it-taqbila b'tali mod li setgħu jinku lill-Isqof Gonzi fi żmien l-interdett. Meta l-mira tal-ironija tkun xi aspett tad-diskors pubbliku (is-superlattiv fil-mass meetings, il-wegħdiet tal-manifesti elettorali, l-intensità tad-dibattiti parlamentari, il-klixejiet fuq il-materjal promozzjonali, u l-bqija) tal-politiċi Maltin, okkażjoni bħal tal-buscades tista' wkoll tadotta, b'ton sardoniku jew żuffjettuż, slogan bħal "#Tagħnalkoll" mill-kampanja elettorali tal-2013.

Ir-rima f'dan il-każ tqawwi l-ironija meta tamalgama s-slogan imsemmi mat-talba għax-xogħol, b'riferiment għall-kampanja elettorali tal-Partit Laburista li saħqet tant fuq il-ħtieġa li diversi setturi tax-xogħol isiru "tagħna lkoll" bħala garanzija ta' impjieg. Il-parteċipanta li għaddiet din it-taqbila kixfet, madankollu, saff ġdid ta' ironija meta, hi u tirreferi għall-ilsien Malti nieqes minn apprezzament suffiċjenti mill-awtoritajiet, uriet kif il-motiv politiku jista' jittrasforma f'ieħor kulturali u lingwistiku dwar it-twarrib ta' lsien nazzjonali li tassew huwa tal-poplu kollu ("#Tagħnalkoll").

Il-motivi jkomplu jitħalltu, u f'dan is-sens isiru problematiċi, permezz tas-simbolu ("#") li jevoka l-attiviżmu diġitali f'ġieħ kawża pubblika mifruxa bil-mezzi soċjali, li tista' tinftiehem bħala attakk ieħor fuq il-kultura kultant invażiva tas-slogans fl-attiviżmu politiku jew soċjali. Iżda dan il-kumpless ta' motivi ironiċi jista' jissarraf f'narrattiva kritika: minħabba l-iżbalji grammatikali u ortografiċi li jidhru fl-użu pubbliku tal-Malti, toħroġ weħidha l-mistoqsija jekk huwiex qiegħed isir sforz istituzzjonali suffiċjenti biex jiġu impjegati gradwati fil-Malti li, ngħidu aħna fix-xandir, jagħtu lil-lingwa nazzjonali ("tagħna lkoll") id-dinjità fundamentali ta' kitba korretta.

Skontha, sabiex dan il-messaġġ jitberraħ mal-pubbliku, speċjalment mal-awtoritajiet ikkonċernati, tpinġiet it-taqbila b'kuluri jgħajtu fuq liżar imperreċ max-xarabank li żaret diversi postijiet, fejn setgħu anke jinżlu jxandru t-taqbiliet tagħhom bil-mod orali brijuż tipiku tal-okkażjoni.

## 6. IL-ĦTIEĠA TAL-INTENSIFIKAZZJONI

Waħda mill-intenzjonijiet espliċiti u familjari tal-ironija hija l-użu tagħha bl-iskop li jiġi enfasizzat punt, imqar f'konverżazzjoni ta' kuljum, u anke f'taqbiliet sempliċi bħal:

Tista' tkun ċajtier jew serju,
għax minn hawn għaċ-ċimiterju,
u jekk titlef ir-raġuni,
itellgħuk għal ta' Frankuni. [5]

*(Mark Attard, intervista numru 78)*

Għal xi kritiċi tal-ironija, din il-funzjoni enfatika iżda wkoll meqjusa hija pożittiva għax meħtieġa f'sitwazzjonijiet prattiċi li jitolbu rispons immedjat, u ħafna drabi oħra għax timmotiva preċiżjoni ikbar tas-suġġett ikkomunikat, ngħidu aħna, li minn din id-dinja m'għandna xejn għax kull bniedem, ġej minn liema klassi soċjali ġej, qed jaħdem u jistinka għal sitt piedi trinka, kif jidher f'dan l-eżempju mingħand żewġ parteċipanti f'din ir-riċerka:

Koċċ trab u erba' kaptelli,
u ħarja f'wiċċ il-flus li kelli!

*(Nicolette Vella, intervista numru 20)*

Din il-funzjoni ironika ta' rinfurzar ġieli ġiet meqjusa sekondarja għal skopijiet aktar essenzjali minnha. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tad-diskussjonijiet ta' din il-funzjoni ta' rinfurzar jagħtu ftit jew xejn mertu evalwattiv lill-ironija, Hutcheon taħseb li anke l-approvazzjoni jew id-diżapprovazzjoni tal-għarfien tal-ironija tista' tikkostitwixxi involviment, u allura valur, emozzjonali, imqar bl-iċken reazzjoni evalwattiva (17). Il-logħob bil-kliem fit-taqbiliet tal-buscades, ngħidu

---

[5] Parti minn din it-taqbila hija identika għat-taqbila ironika li ta Eddie Calleja "Kollox bil-Maqlub" f'intervista numru 80.

aħna, ftit li xejn jirrikjedi sforz evalwattiv għax jingħad bl-iskop li jasal għand il-poplu bil-ħeffa tal-ħars u s-smigħ (ipprovokati bil-briju tal-okkażjoni).

L-istudenti ggradwati tal-B.Com tal-2020 li ċċelebraw l-istess gradwazzjoni fl-2021 minħabba l-imxija tal-COVID-19 għażlu li jiftħu s-sensiela ta' botti tipiċi tal-buscade bil-frażi "nimsħu l-art B.Com" miktuba bi kliem ikkulurit fuq wieħed mil-liżari li jagħtu forma viżwali lid-diskors ivversifikat oralment. Il-paranomasja bit-titlu tal-kors tikseb id-dikotomija semantika mixtieqa f'wieħed mit-tliet livelli ta' ambigwità grammatikali: lessikali, sintattiku jew fonoloġiku, għax huwa sewwasew l-aħħar livell fonoloġiku li qiegħed inissel il-logħob bejn it-titlu ta' programm ta' studji fil-livell universitarju (B.Com) u l-kelma omonimika "bikom," impliċitament indirizzata lill-professjonijiet l-oħra li skont il-kelliema jinsabu taħthom.

Din il-botta mmotivat rispons bl-istess ġeneru mill-istudenti tal-Liġi, permezz ta' din it-taqbila li dehret ftit ġimgħat wara:

Kollkom numri u ċuċati,
awdituri u paprati,
aħna Liġi u intom B.Com,
biex ngħoddu flusna ninqdew bikom.

*(Tal-Liġi 2020)*

Din it-taqbila, maħluqa minn sitwazzjoni ta' pika msarrfa f'botta u risposta, tiżvela rivalità ċajtiera bejn żewġ korsijiet, ċirkostanza komuni li sseħħ f'dawn it-tipi ta' ċelebrazzjonijiet. Din l-ironija pragmatika tqanqal sens ta' superjorità fl-ironist li qed iwessa' l-ħiliet espressivi tiegħu b'insensittività kontemporanja, nuqqas ta' empatija mal-vittma tiegħu, żewġ effetti (prattiċità u insensittività) li Wayne C. Booth jindirizza meta jgħid li l-ironija "toffri tentazzjonijiet speċjali għad-dgħufijiet tal-bniedem, speċjalment għall-kburija tiegħu" (44). Dan l-irwol kontradittorju jinvolvi inferenza dwar is-superjorità attribwita lill-ironist, kif ukoll inferenza kumplimentari dwar is-semmiegħ bħala l-vittma, ċirkustanza li ġġiegħlu jirritalja bħala l-pazjent tal-ironija. Madankollu, dan it-tip ta' pazjent faċilment jissieħeb mal-ironista, bl-implikazzjoni li jista' wkoll jassumi l-pożizzjoni tiegħu. F'dan ir-rigward, hija relevanti l-osservazzjoni ta' Kenneth Burke dwar l-iskop wara l-viżibilità tal-ironija: il-fatt li l-ironist dejjem ikollu kostitwenza jew grupp ta' segwaċi li jeħtiġilhom jintegraw mal-istess perspettiva (15). Fil-kuntest partikulari tal-buscades, din l-integrazzjoni tiġi rrinforzata bl-appell imsemmi fuq għal żewġ sensi: is-smigħ (tat-taqbiliet)

iżda wkoll it-tberriħ viżwali tagħhom fuq lożor, flokkijiet u aċċessorji oħra użati mill-istudenti. Dan l-aġir iseħħ biex iqanqal anke studenti minn korsijiet oħra biex jirribattu bid-dikjarazzjonijiet ironiċi tagħhom, f'għamla ta' taqbil ieħor korrispondenti.

Din ir-reċiproċità f'ambjent ta' rivalità brijuża u ċajtiera kontinwament tittrasforma r-rwoli ta' ironist u vittma, tant li l-korpi studenteski opposti jalternaw bejn iż-żewġ funzjonijiet kumplimentari. Kontra ħafna teoristi li jemmnu li hija l-ironija li toħloq relazzjoni bejn l-ironist u l-interpretu, Hutcheon issostni li l-ironija ma taħdimx waħedha, iżda teħtieġ komunità sħiħa biex isseħħ (14). Tabilħaqq, komunità bħal din tissejjaħ "komunità diskursiva" li, minkejja d-diskrepanzi ta' ġo fiha, xorta tistrieħ fuq "in-normi u t-twemmin li jikkostitwixxu l-għarfien [komuni] qabel inġibu l-kliem."

Dan l-argument juri kemm l-ironija titlob li tkun lokalizzata fl-ambjent familjari biex wieħed ikun jista' joqgħod fuq sorsi ġenerali u magħrufin ta' valutazzjoni letterali tal-kliem, ħalli minnha joħroġ ir-reżonanzi ironiċi tiegħu. F'konformità mal-argumenti ta' Hutcheon dwar il-kuntestwalizzazzjoni konkreta u kulturali tal-ironija, il-paragun akustiku bejn "B.Com" u "Bikom" jista' jenfasizza d-disparità bejn l-alternattivi rrimati sewwasew għax iż-żewġ possibbiltajiet interpretattivi jappartjenu għall-istess kultura akkademika u finanzjarja. Fl-istess waqt ir-rima bejn "ċuċati" u "paprati" qiegħda tevoka, permezz tal-awtoironija, iċ-ċirkostanza tal-lista l-griża li Malta spiċċat fiha fl-2021 u li kienet se tkun impenn ewlieni għal min iggradwa fil-B.Com, kif jixhed dan l-eżempju: "Fil-B.Com gradwajna / u l-greylist erdajna" (Buscade tal-B.com 2020). Madankollu, waħda mir-reżonanzi umoristiċi ta' dawn il-fatti (fil-frażi li ħolqu tal-B.Com u t-taqbila tal-istudenti tal-Liġi) hija l-inferenza inevitabbli li t-tnejn għandhom bżonn jinqdew b'xulxin.

Jonathan Galea (intervista numru 94), stqarr li fir-raħal tiegħu ta' Ħal Qormi l-inkejja tiġġarrab kontinwament minn uħud li jkunu saru biċċa mill-karattru tar-raħal. Saħansitra jiftakar lil ommu, li llum għandha madwar 63 sena, tirreċta taqbila ironika li biha, meta hi u sħabha kienu iżgħar, kienu jinku raġel li f'għajnejhom kien kemxejn stramb fl-ilbies u l-aġir tiegħu:

Għajn ħamra bħal tat-tonn,
nuċċali bħal t'Albano,
min hu l-Kokì?

*(Jonathan Galea, intervista numru 94)*

Galea jistqarr ukoll li anke llum il-ġurnata għadek issib min jinqeda bit-taqbiliet ironiċi biex jattakka verbalment lil min jidher eċċentriku jew imqar differenti f'komunità bil-komportament u l-kultura normali tagħha. Ngħidu aħna, fi żmien iż-żgħożija tiegħu għal ħafna ditti ta' karozzi kien hemm lista ta' taqbiliet biex lil dak li jkun jizzikawh u jwaqqgħulu l-preġju tal-karozza li jkun għadu kemm daħħal. Fost id-diversi aneddoti li jirrakkonta, Galea jistqarr li ftit tas-snin ilu sema' waħda minn dawn it-taqbiliet minn xi Qriema biex jizzikaw tabib tar-raħal (magħruf li jitħallas tajjeb ta' xogħlu) li kien daħħal karozza Audi. Skont Galea, il-Qriema, kull darba li jgħaddi dan it-tabib, b'daħka żuffjettuża kienu jlissnu dawn il-versi vulgari biex ifakkru, anke b'element awtoironiku biswit l-inkejja, fix-xiri tal-karozza minn fuq daharhom:

Audi,
jien naħxik u l-bajd igawdi.

*(Jonathan Galea, intervista numru 94)*

Skont Galea u parteċipant ieħor f'din ir-riċerka, bħal dawn it-taqbiliet hemm lista sħiħa skont id-ditta tal-karozza jew, xi drabi, anke abbinati ma' kunjomijiet jew prodotti partikolari, ngħidu aħna: "Fiat, / il-bajd jitriegħed." [6]

Galea jistqarr li fil-bidu tal-professjoni tiegħu, sewwasew mal-ewwel taħriġ prattiku tiegħu bħala edukatur, mhux l-ewwel darba li sema' t-tfal tal-iskola jattakkaw b'taqbiliet ironiċi (li ġieli anke joħolqu huma stess kważi spirtu pront maċ-ċirkostanzi) biex jinku lil xulxin. Fi qbil ma' din l-osservazzjoni, għalliem anonimu fost il-parteċipanti stqarr li hu wkoll mhux l-ewwel darba li sema' attakki ironiċi permezz ta' taqbil anke b'kunjomijiet tal-għalliema biex l-istudenti jkabbru xi difetti jew vizzji b'mod karikaturali, kif ukoll biex jorbtu sitwazzjonijiet maż-żmien li jkunu fih, ngħidu aħna, din it-taqbila li qal student lil għalliem ieħor fi żmien l-elezzjoni tal-2008: "Ara s-Sur Armeni, / int tarmani, / u Gonzi jżarmani." Dwar taqbila oħra li sema' mingħand l-istudenti tiegħu matul it-taħriġ prattiku tal-kors pedagoġiku, versi li jipprovokaw student partikulari għax skont it-tfal qabbiela ommu kienet tagħmel xogħol ta' prostituta, Galea jgħaddi l-ġudizzju tiegħu dwar kif il-"Malti-Nisrani [...] iħobb ideffes idu fil-feriti ta' ħaddieħor" (Galea, intervista numru 94). Ironija illi f'ċerti mumenti tikseb karattru insensittiv u biered, jekk mhux kattiv, lejn il-qagħdiet imbarazzanti u diffiċli ta' ħaddieħor. L-istudenti bnew l-inkejja tagħhom dwar

[6] Minbarra l-intervista ta' Galea tista' tisma' intervisti oħra (numru 91 u 92) li matulhom intqalu għadd ta' taqbiliet ironiċi u vulgari li jinkludu ditti u prodotti varji.

l-omm prostituta fuq id-daqqa u l-kliem ta' kanzunetta maħluqa fl-istess perjodu bħala materjal promozzjonali dwar il-ħanut Tal-Lira:

Lira biss, lira biss,
kollox lira biss,
morru għand omm Nathan
tieħdu nejka kif imiss.

*(Galea, intervista numru 94)*

L-inkejja bl-użu ta' kanzunetti magħrufin tidher f'ħafna taqbiliet Maltin oħra, ngħidu aħna, fil-verżjoni "Lanċa ġejja u oħra sejra," biex jizzikaw lill-partit ta' Dom Mintoff ("Lanċa ġejja u oħra sejra / il-kaptan bil-pipa f'ħalqu / jidderieġi l-interdett"). [7] Barra minn hekk, skont Żahra, f'intervista (numru 77) li saritlu bħala parti minn din ir-riċerka, fil-ħamsinijiet u fil-bidu tas-sittinijiet jiftakar li kien hemm bħal żewġ gruppi kontra xulxin: min iżomm ma' Elvis u min ma' Pat Boone. Elvis kien beda bir-rock and roll, stil mużikali meqjus bħala avant-garde fil-perjodu, mentri Pat Boone kien il-kantant meqjus bħala aktar ġentili, b'kanzunetti kemxejn aktar romantiċi. Billi oħtu kienet tippreferi lil Pat Boone, kien konxju tal-pika bejn iż-żewġ gruppi ta' segwaċi bħala motivazzjoni għall-attakki ironiċi bħal dan li jsegwi kontra Elvis, mibni fuq il-melodija tal-kanzunetta ta' Tony Dallara "Come Prima":

Come prima,
Elvis bhima,
sħabu wkoll.
Kemm jitqanżah
biex ikanta,
'r-rock and roll.

*(Żahra, intervista numru 77)*

L-ewwel vers jinkludi l-frażi tal-bidu ta' din il-kanzunetta popolari biex tinġibed l-attenzjoni fuq it-tifsira tal-kwotazzjoni mit-Taljan: "Come prima." Iżda t-tifsira u l-kuntest oriġinali malajr jiġu bbanalizzati għal ġo sekwenza akustika ("Come Prima, / Elvis bhima") li, madankollu, iżżomm

[7] Tista' tara wkoll x'qal Alfred C. Sant dwar din it-taqbila ironika f'taħdita dwar il-kanzunetti tal-festival *L-Għanja tal-Poplu* minn din il-ħolqa: https://www.youtube.com/watch?v=UEmVTQfSvcE

ukoll konnessjoni sintattika u loġika: bħal qabel (jew dejjem) il-kantant u "sħabu wkoll" baqgħu b'natura annimaleska, paragun temporalment estiż li b'implikazzjoni jgħaddi għal fuq l-imġiba tiegħu fl-istil ta' kant rock and roll. Din l-iskema ta' assoċjazzjonijiet akustiċi u sintattiċi tilħaq il-kulminu tagħha fi tqanżiħ korporali daqskemm imleħħen li jkompli jpoġġi lill-figura magħrufa fir-renju organiku u primittiv tal-bhejjem.

Kif kontinwament ifakkru studjużi bħal Hutcheon u Muecke, wieħed mill-motivi ewlenin fl-użu tal-ironija huwa l-intenzjoni ta' kelliema li joħolqu effett sarkastiku billi jikkuntrastaw il-kelma mas-sitwazzjoni li jinsabu fiha. Xi drabi, ix-xewqa f'kuntrast maċ-ċirkustanzi ċaħħada taġixxi bħala motivazzjoni. Għalhekk, jeħtieġ li s-semmiegħa jagħrfu s-sitwazzjoni biex jifhmu kif qiegħda titħaddem l-ironija. Ir-rikonoxximent ta' diskors mingħajr tifsira litterali minnu nnifsu jimmotiva lis-semmiegħa biex isolvu d-diskrepanza: aktar ma tkun kbira d-diskrepanza, aktar tkun kbira d-dissonanza u, konsegwentement, aktar tkun b'saħħitha l-motivazzjoni. In-natura tal-ironija tista' tkun l-aktar ċara fejn ix-xafra kritika taqta' miż-żewġ naħat, qagħda li tagħmel il-motivazzjoni doppja aktar evidenti. L-istess kelma jista' jkollha effetti pragmatiċi opposti billi tiġi aċċettata minn uħud, saħansitra jekk polemikuża u trasgressiva, iżda titqies insulenti minn oħrajn għax dak li hu pjaċevolment sovversiv għal xi wħud jista' jkun offensiv għal oħrajn.

Dan l-artiklu wera kemm jista' jkun estensiv, metamorfiku u eteroġenju l-kumpless ta' motivazzjonijiet wara l-funzjonalità ironika, li tista' topera fi gradi ta' intensifikazzjoni nkejjuża jew pikuża, biex taqta' fil-laħam il-ħaj, iżda tista' wkoll taħdem b'modi tassew sottili, f'kuntesti privati jew ristretti li mhux dejjem ikunu maħsuba biex jinqasmu mal-vittma jew ma' oħrajn.

# Glossarju

**ironija tad-destin**
*cosmic irony*
It-tentattivi inutli kollha biex dak li jkun jibdel ix-xorti inevitabbli tiegħu. Din it-teknika sikwit tindirizza l-imġiba tal-individwu li, minkejja l-isforzi kollha (aktar ironizzati aktar ma jkunu frekwenti) biex jaħrab minn destin ikrah, jasal xorta waħda fil-qagħda skartata minnu b'serje ta' kombinazzjonijiet u azzjonijiet tiegħu stess.

**ironija Romantika**
*Romantic irony*
Fl-ironija Romantika l-awtur jiddieħak bih innifsu, inaqqas is-serjetà apparenti ta' xogħlu b'ġesti awtoriflessivi li jispustawh għal waqt qasir barra t-test ivversifikat biex juru li l-qagħda hija maħluqa, mhux reali. L-awtur ta' din l-għamla ta' ironija jkun ħoloq teknika deliberatament intenzjonata biex ix-xogħol tiegħu ma jittiħidx b'serjetà żejda.

**ironija tas-sitwazzjoni**
*situational irony*
Fl-ironija tas-sitwazzjoni, il-qagħda tal-affarijiet tkun differenti minn dak li s-sens komun jindika li hi, li se tkun jew li għandha tkun. Din it-tip ta' ironija sseħħ meta ċ-ċirkustanzi jinvolvu elementi kontradittorji, b'tali mod li s-sitwazzjoni tidher qiegħda ddur kontra tagħha nnifisha. L-ironija tas-sitwazzjoni spiss tintuża biex tesponi l-ipokresija u l-inġustizzja.

**ironija Sokratika**
*Socratic irony*
Din it-tip ta' ironija sseħħ meta f'argument individwu juża l-metodu ta' Sokrate billi jistaqsi mistoqsijiet sempliċi mhux biex jistenna t-tweġiba, imma biex jitqajjem l-argument, bl-implikazzjoni ta' opinjonijiet diversi jew xejriet ġodda dwar suġġett li sa ftit qabel deher magħluq u ċert.

**ironija verbali**
*verbal irony*
Mal-ewwel daqqa ta' għajn l-ironija verbali sseħħ meta n-nies jgħidu l-oppost ta' dak li jridu jfissru. Aktarx li dan huwa l-aktar tip komuni ta' ironija. Il-qarrejja jintebħu li dikjarazzjoni hija ironika għax ikunu midħla tas-sitwazzjoni jew għax jingħataw sfumatura ġdida għall-espressjoni jew diskrepanza sottili fiha permezz ta' xi modulazzjoni fil-leħen, jew xi aċċenn fiżiku bil-wiċċ jew bil-ġisem.

# Biblijografija

Bakhtin, Mikhail. *Dialogic Imagination – Four Essays*. U of Texas P Slavic Series, 1982.
Booth, Wayne C. *A Rhetoric of Irony*. U of Chicago P, 1975.
Burke, Kenneth. "Four Master Tropes." *The Kenyon Review*, vol. 3, nru 4, 1941, pp. 421–38. <https://www.jstor.org/stable/4332286>.
De Man, Paul. "The Concept of Irony." *Aesthetic Ideology*. U of Minnesota P, 1997.
Dyson, Anthony E. *The Crazy Fabric: Essays in Irony*. Macmillan, 1966.
Galea, Jonathan. Intervistat minn Yanika Schembri Fava. 9 Nov. 2021.
Gatt, Ġużi. Intervistat minn Yanika Schembri Fava. 9 Sett. 2021.
Hutcheon, Linda. *A Theory of Parody*: *The Teachings of Twentieth-century Art Forms*. U of Illinois P, 2000.
---. *Irony's Edge: The Theory and Politics of Irony*. Routledge, 1994.
Kierkegaard, Soren. *The Concept of Irony, with Continual Reference to Socrates: Together with Notes of Schelling's Berlin Lectures*. Princeton UP, 1989.
Muecke, Douglas C. *Irony Markers*. Poetics 7, 1978.
---. *The Compass of Irony*. Routledge, 1969.
Vella Gregory, Alex. Intervistat minn Yanika Schembri Fava. 2 Diċ. 2021.
Vella, Marvin. Intervistat minn Yanika Schembri Fava. 24 Jan. 2021.
Vella, Nicolette. Intervistata minn Yanika Schembri Fava. 1 Ott. 2019.
Wilson, Deirdre, Sperber, Dan. *On Verbal Irony*. University College of London, 2004.
Worcester, David. *The Art of Satire*. Russell & Russell, 1960.
Żahra, Trevor. Intervistat minn Yanika Schembri Fava. 5 Nov. 2021.